MALTA

**DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI**
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 207**
**It-Tnejn, 19 ta' Frar, 2024**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 207**
**It-Tnejn, 19 ta' Frar, 2024**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 207**

**It-Tnejn, 19 ta'Frar, 2024**

## WERREJ


MINUTI ........................................ 377

INFORMAZZJONI MAS-SEDJA ........................................ 377

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........................................ 377

TQEGĦID TA' KARTI ........................................ 383

TALBA GĦAL RULING ........................................ 384

KUMITATI PERMANENTI ........................................ 385

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 3) (It-Tielet Qari)
CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 3) (Third Reading) ........................................ 385

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT (It-Tielet Qari)
SPORTS GOVERNANCE AND INTEGRITY (AMENDMENT) BILL (Third Reading) ........................................ 386

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT (EMENDA NRU 2) (It-Tielet Qari)
SPORTS GOVERNANCE AND INTEGRITY (AMENDMENT NO. 2) BILL (Third Reading) ........................................ 386

ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (It-Tieni Qari, Kont.)
CLIMATE ACTION BILL (Second Reading, Cont.) ........................................ 387

PERMESS TAL-KAMRA ........................................ 403

AĠĠORNAMENT ........................................ 404

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........................................ 407

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB ........................................ 438

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 206 li saret fl-14 ta' Frar, 2024 ġew ikkonfermati.*

## INFORMAZZJONI MAS-SEDJA

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Rapport tal-parteċipazzjoni tas-Sedja, tal-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Toni Bezzina fit-8 Summit tal-Ispeakers u s-17-il Sessjoni Plenarja tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (PA-UfM), li nżammet ġewwa Rabat fil-Marokk fil-15 u s-16 ta' Frar 2024;

Kopja ta' ittra datata 16 ta' Frar 2024 mibgħuta mis-Sedja lill-President tal-Parlament Ewropew, lill-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-President tal-Kummissjoni Ewropea dwar Opinjoni Motivata tal-Parlament Malti dwar il-Proposta għad-Direttiva tal-Kunsill dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT) (COM(2023)532), li ntbagħtet lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet Ewropej nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar 2024, skont kif provdut fil-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kif anness mat-Trattat ta' Liżbona, flimkien mal-istess Opinjoni Motivata; u

Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Preliminary Review: Leasing of Private Property by Government* datat Frar 2024.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### ANZJANI LI ĠEW INTERDETTJATI MILL-FAMILJARI TAGĦHOM MINĦABBA MARD MENTALI

**13973. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR (f'isem l-Onor. Ivan Bartolo)** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11047 u 11767, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva u lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza rispettivament, u jgħid kemm hawn anzjani li ġew interdettjati mill-familjari tagħhom minħabba mard mentali jew mard ieħor, sena b'sena, mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni):** Qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm-il persuna ta' 'l fuq minn 60 sena ġew interdettjati mill-familjari tagħhom minħabba mard mentali jew mard ieħor hekk kif miġbura sal-aħħar ta' Jannar 2024.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Is-settur tal-familja huwa sensittiv ħafna u kull tant żmien iqumu mistoqsijiet dwar bżonnijiet ta' riformi. Għaldaqstant wieħed jifhem li hemm bżonn nibqgħu naġġornaw il-liġijiet tagħna u jkollna Qrati aktar sensittivi. Qegħdin insiru wkoll aktar konxji ta' ċerti kwestjonijiet, fosthom parental alienation u oħrajn li naħseb wieħed jagħmel tajjeb li jkun aktar konoxxenti tagħhom, anke fil-Qrati. Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet tal-Ministeru rigward is-settur tal-familja?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Grazzi ta' din il-mistoqsija. Iva, Sur President, is-settur tal-familja huwa importanti ħafna u rrid naċċerta lil kulħadd, partikolarment dawk li jħabbtu wiċċhom ma' dan is-settur u dawk li b'xi mod jew ieħor huma involuti f'dan is-settur, inkluż il-professjonisti legali u n-nies fil-Qrati tagħna, li dan is-settur huwa tassew prijorità għal dan il-Gvern.

Inħares ’il quddiem biex fiż-żmien li ġej inkun nista’ nħabbar l-ewwel sett ta’ rakkomandazzjonijiet għall-konsultazzjoni pubblika b’rabta ma’ dan is-settur li jirriflettu l-impenji li għandna fil-programm ta’ ħidma tagħna fil-manifest elettorali għas-settur tal-familja.

Wara l-elezzjoni kelli diversi laqgħat ma’ varji stakeholders. Iltqajt ukoll ma’ diversi persuni li, b’xi mod jew ieħor, huma mġarrbin minn ċerti sitwazzjonijiet li kellhom jiffaċċjaw f’ħajjithom. Rajna l-ħsebijiet u l-proposti li tressqu għall-konsiderazzjoni tagħna. Kien hemm rapporti varji, inkluż tal-ħidma li saret mal-Ministeru tal-Familja fuq suġġetti importanti, fosthom dak tal-parental alienation. Il-pass li jmiss hu li dan kollu, b’xi mod jew ieħor, jiġi rifless f’riforma leġiżlattiva għax, fl-aħħar mill-aħħar, irid ikun hemm intervent leġiżlattiv fuq diversi oqsma biex naraw li din ir-riforma twassal għall-frott mixtieq.

B’dak il-pass li ħadna internament bħala Ministeru, rajna jinħatar working group intern li jevalwa u jixtarr il-ħsebijiet u s-suġġerimenti f’dan is-settur u kompla bil-laqgħat ma’ diversi persuni li xtaqu jagħtu l-kontribut tagħhom f’dan is-settur. Fiż-żmien li ġej se nkunu nistgħu naraw l-ewwel sett ta’ rakkomandazzjonijiet għall-konsultazzjoni pubblika importanti ħafna dwar dan is-settur sensittiv, kif qalet tajjeb l-Onor. Cachia, għax nemmen li huwa meħtieġ li mhux biss nisimgħu lill-istakeholders imma wkoll lill-pubbliku inġenerali dwar suġġett daqstant importanti.

Jien konvint li l-proċess ta’ konsultazzjoni pubblika se jkompli jsaħħaħ dak li se jiġi rakkomandat. Il-konsultazzjoni pubblika għandha funzjoni importanti f’kull riforma li trid issir, partikolarment riformi maġġuri ta’ dan it-tip, u naħseb li din se tagħtina l-opportunità li nkomplu nsaħħu l-istrutturi eżistenti, inkluż il-Qrati. Illum għandna sezzjoni tal-familja fil-Qrati ċivili tagħna u rridu nħarsu lejn aktar speċjalizzazzjoni, kif qed nagħmlu f’setturi oħrajn bħal dawk kummerċjali – diġà kelli l-ħsieb li nesprimi l-ħidma li qed inħarsu lejha – imma rridu naraw li forsi jkun hemm strutturi li jmorru lil hinn mill-Qrati tagħna li jistgħu jwasslu għal aktar effiċjenza, partikolarment biex issir ġustizzja fl-aqwa interess tal-minuri f’dan is-settur.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Karol Aquilina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, kif żgur jaf il-Ministru, ftit tal-jiem ilu ngħatat sentenza mill-Imħallef Vella Cuschieri dwar il-multi li qed tagħti l-FIAU. Għal darb’oħra, il-Qorti sabet li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-mod kif il-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) qed jagħti dawn il-multi u ddeskriviet dan il-mod bħala dittatorjali. Din in-naħa tal-Kamra diġà ġibdet l-attenzjoni għal diversi drabi li hemm bżonn isir intervent leġiżlattiv minn dan il-Parlament biex titranġa din is-sitwazzjoni. Jista’ l-Ministru jgħid jekk jaqbilx li għandha tinbidel din il-liġi u, jekk iva, meta beħsiebu jressaq abbozz ta’ liġi biex titranġa din is-sitwazzjoni?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Apparti li nikkonferma li kien hemm din is-sentenza, hemm ukoll proċeduri oħrajn għaddejjin fuq sitwazzjonijiet simili. Irrid infakkar lill-Onor. Interpellant li dan il-Gvern fil-leġiżlatura preċedenti ressaq intervent leġiżlattiv biex jindirizza din is-sitwazzjoni, imma li l-Oppożizzjoni vvotat kontrieh. Naċċerta lil kulħadd li qegħdin inħarsu attentament lejn din is-sitwazzjoni biex isiru l-interventi leġiżlattivi neċessarji u qegħdin nassiguraw li f’pajjiżna jkollna sistemi fejn l-istandards ikomplu jogħlew. F’dan is-settur partikolari, kif nafu, kellna bżonn ngħollu l-istandards wara snin twal li forsi ma ngħatawx l-attenzjoni mistħoqqa.

Din l-attenzjoni qed tingħata biex nassiguraw li r-reputazzjoni ta’ pajjiżna tkompli tissaħħaħ f’dawn is-setturi ekonomiċi daqstant importanti. Però min-naħa l-oħra naħseb li rridu nkunu ġusti u ngħidu li dan il-Gvern għamel intervent leġiżlattiv, però l-Oppożizzjoni ma kkoperatx magħna. Aħna se nibqgħu impenjati li nħarsu attentament lejn l-iżviluppi li qed ikun hemm, inkluż f’sentenzi oħrajn u proċeduri pendenti li hemm fil-Qrati tagħna, biex nassiguraw li kull liġi f’pajjiżna tkun tirrispetta proċeduri u drittijiet fundamentali.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Rosianne Cutajar, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Matul l-aħħar ġimgħat rajna diversi ammissjonijiet u

patteġġjamenti fil-Qrati tagħna, partikolarment f'każijiet hekk meqjusa high profile. Jista' l-Ministru jispjega dan il-kunċett legali għall-benefiċċju ta' min qed isegwina u l-patteġġjament li qed iħalli fid-diversi sentenzi u każijiet li għandna fil-Qrati tagħna?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, ċertament m'iniex se nidħol fil-mertu ta' dak li jiżvolġi fil-Qrati tagħna, però hija osservazzjoni importanti ħafna u tajjeb li wieħed jitfa' daqsxejn dawl fuq din il-proċedura ta' patteġġjament li mhuwiex xi kunċett ġdid fis-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna, imma jmur lura għas-sena 2002 meta s-sistema legali ta' pajjiżna pprovdiet għal din il-possibbiltà. Apparti minn hekk, fuq livell internazzjonali, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa kollha għandhom xi forma ta' sistema ta' patteġġjament li tiġi applikata fis-sistema penali tagħhom.

Lura fis-sena 2014 kien hemm pronunzjament mill-Qorti Ewropea f'sentenza partikolari fejn ġew stabbiliti l-prinċipji bażiċi ta' meta jsir patteġġjament, u ċjoè il-kunċett ta' plea bargaining. F'din is-sentenza ġew stabbiliti numru ta' prinċipji regolatorji li jistabbilixxu s-sistema ta' patteġġjament li trid tieħu inkonsiderazzjoni biex tkun f'konformità mad-dritt ta' smigħ xieraq.

Il-patti huma li l-akkużat ikollu aċċess għall-inkartament tal-kawża kriminali, li jkun rappreżentat minn avukat li jifhem il-portata tal-patteġġjament, u li l-patteġġjament ikun soġġett għall-iskrutinju ġudizzjarju. Dawn huma l-prinċipji regolatorji li l-Qorti Ewropea stabbiliet dwar il-kunċett tal-plea bargaining li fih naraw il-proċess fejn id-difiża tavviċina l-prosekuzzjoni bi proposta ta' ammissjoni ta' ħtija u li l-piena li tintalab min-naħa tal-prosekuzzjoni tkun marbuta ma' dik l-akkuża.

Il-liġi f'Malta tipprovdi li fil-patteġġjament ikun hemm l-involviment tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali bħala prosekutur u li tkun involuta d-difiża min-naħa tal-imputat, però rridu ngħidu li hija prassi segwita mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li tikkonsulta wkoll mal-familjari tal-vittma. L-avukati li jkunu qed jirrappreżentaw lill-familjari tal-vittma jittieħdu inkonsiderazzjoni, mhux għax hija stabbilita fil-liġi, imma jsir hekk biex ikun assigurat li kemm jista' jkun issir ġustizzja. Dak huwa l-mod kif jaħdem l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Wara li jkun hemm dan il-patteġġjament bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża, xorta *sta* għall-Qorti, il-ġudikant u l-imħallef, li jiddeċiedui. Irrid ngħid – u dan huwa punt kardinali – li l-ġudikant jista' ma jaqbilx mal-ftehim li jkun intlaħaq u għaldaqstant id-deċiżjoni finali fuq il-piena dejjem tispetta lill-ġudikant.

Punt importanti li rrid inqajjem hu li dan il-proċess isir fl-interess tal-vittma u tas-soċjetà inġenerali; tal-vittma minħabba li għandek proċedura aktar spedita fejn se jaraw il-ġustizzja sseħħ, illum u mhux snin wara, u għaldaqstant għandek il-possibbiltà ta' closure għall-vittmi tal-kriminalità. Hemm l-aspett importanti taċ-ċertezza fis-sejbien ta' ħtija u l-aspett l-ieħor tal-fatt li s-soċjetà inġenerali qed tara li ssir ġustizzja llum u mhux snin wara. Dan inaqqas ukoll il-pressjoni fuq is-sistema, għax għandek spiża u sistema ta' ġuri li ċertament tirrikjedi ċertu finanzjament u impenn.

Għaldaqstant inħoss li huwa fl-interess ta' kulħadd li jsir dan il-patteġġjament. Però hemm l-aspett tal-fatt li persuna tħares lejn l-akkużat u lejn il-possibbiltà li tagħmel ammissjoni, anke minħabba li tara li fil-konfront tagħha hemm każ b'saħħtu. Hawnhekk inkun qed nonqos jekk ma nsellimx il-ħidma li ssir min-naħa tal-Korp tal-Pulizija, min-naħa tal-prosekuturi u tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li nafu kif fl-aħħar snin assuma rwol prosekutorju f'diversi reati f'pajjiżna u l-livell ta' investiment li qed isir qed iħalli l-frott tiegħu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Stanley Zammit, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Jista' l-Ministru jgħid jekk bħalissa humiex miftuħin l-applikazzjonijiet għal-liċenzjar tal-kuntratturi? Jekk mhumiex miftuħin, jista' jgħid meta se jerġgħu jiftħu?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Naħseb li jkun aktar propizju li ssir mistoqsija parlamentari ħalli tkun tista' tingħata t-tweġiba.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, nixtieq nistaqsi lill-Ministru dwar l-użu tal-medjazzjoni f'pajjiżna. Hawnhekk forsi se nilbes kappell daqsxejn differenti għax jien għandi l-warrant ta' medjatur u nifhem sew l-importanza tal-użu ta' din l-għodda f'diversi setturi. L-ewwel semmejt il-Qorti tal-Familja u ovvjament m'hemmx dubju li fil-Qorti tal-Familja l-medjazzjoni għandha rwol importanti ħafna, però forsi mhux wisq nies jafu li nistgħu nużaw il-medjazzjoni f'setturi differenti, kemm f'tilwim ta' natura ċivili, kummerċjali kif ukoll industrijali. Jista' l-Ministru jgħid, bħala Ministeru, kif qegħdin jaraw li nkomplu nutilizzaw din l-għodda li tista' tkun tant importanti biex nagħtu rimedji effettivi lil dak li jkun, mingħajr ma jkollu għalfejn jirfes l-għatba tal-Qorti?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, naqbel perfettament li l-medjazzjoni hija għodda effettiva u importanti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim li jinqala'. Iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni qed iwettaq ħidma fejjieda mhux biss biex inkomplu nsostnu l-għarfien għax, kif irrimarkat ġustament l-Onor. Cachia, forsi f'pajjiżna ma nivvalutawx jew ma nikkonsidrawx din it-tip ta' riżoluzzjoni tat-tilwim b'mod daqshekk popolari. Għaldaqstant qed isir dan l-isforz mhux biss biex ikun hemm aktar għarfien imma biex inħajru aktar nies jispeċjalizzaw f'dan is-settur u f'ċerti oqsma partikolari li minn esperjenzi ta' pajjiżi oħrajn jistgħu jservu b'mod aktar effettiv biex fl-aħħar mill-aħħar naraw li ssir ġustizzja b'mod aktar effiċjenti u b'inqas spejjeż għall-partijiet.

B'konformità fuq il-kwestjoni, aktar kmieni għamilt referenza għas-settur tal-familja, fejn hemm ir-rwol importanti ħafna tal-medjaturi, u minn hawnhekk insellem lill-medjaturi kollha fil-Qrati tal-familja. Fl-aħħar żmien rajna li nippubblikaw il-lista ta' medjaturi. Hemm żewġ listi ta' medjaturi. Hemm il-lista ġenerali ta' medjaturi li jistgħu jservu fil-Qrati tal-familja li ġiet ippubblikata riċentement u li għandha skadenza sal-aħħar tas-sena d-dieħla, fejn hemm il-lista ta' dawk in-nies li fuq rakkomandazzjoni taċ-Ċentru ta' Medjazzjoni huma akkreditati li jservu għal dan l-iskop. Barra minn hekk irrid ngħid ukoll li fl-aħħar sena kien hemm grupp, inkluż il-kollegi tiegħi, li segwew korsijiet ta' Masters fil-Medjazzjoni fl-Università ta' Malta. Kien hemm grupp sinifikanti fin-numru, ngħid jien, li issa ġie inkluż mhux biss f'din il-lista imma anke fil-lista taċ-Ċentru ta' Medjazzjoni. Fiż-żmien li ġej irridu naraw li noħorġu sejħa għal-lista l-oħra fil-Qorti tal-Familja ta' dawk il-medjaturi mqabbdin mill-Qorti, jew kif nafuhom aħna, il-medjaturi tar-roster. Hemmhekk għandna disa' medjaturi, jekk m'iniex sejjer żball, li l-kuntratt tagħhom se jkun qed jiskadi fiż-żmien li ġej.

Għaldaqstant qed inħarsu biex noħorġu sejħa pubblika, kif għamilna fil-każ tal-Avukati tal-Għajnuna Legali u l-Avukati tat-Tfal, u din il-ġimgħa se nkun qiegħed nara li niskattaw bil-proċess. Hemmhekk saħħaħna mhux biss in-numri imma anke l-kondizzjonijiet bi preparazzjoni għal dak li semmejt aktar kmieni tar-riformi eventwali li jridu jsiru fis-settur, fejn dan ir-rwol irid ikompli jissaħħaħ. Fil-medjazzjoni wkoll għandna l-ħsebijiet tagħna li se npoġġuhom għall-konsultazzjoni pubblika biex naraw li dan il-proċess ta' medjazzjoni jissaħħaħ.

Għaldaqtstant ikun opportun li tinħareġ sejħa biex naraw x'interess hemm ta' nies li jridu jservu lill-Qrati tagħna f'din il-lista ta' medjaturi appuntati mill-Qorti fir-roster. Ċertament, l-esperjenza li akkumulaw matul is-snin il-medjaturi attwali se tingħata konsiderazzjoni – hekk għandu jkun, fl-aħħar mill-aħħar – però rridu naraw ukoll li noffru aktar opportunitajiet. Wara kollox, il-ħsebijiet tagħna huma li nkomplu nsaħħu l-lista, inżidu n-numru ta' medjaturi u nsaħħulhom il-kondizzjonijiet tagħhom biex meta naslu għall-konsultazzjoni pubblika r-riforma li semmejt aktar kmieni tħalli l-frott tagħha għax din ir-riforma tiddependi fuq il-professjonisti kollha involuti fis-settur.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Karol Aquilina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, l-ewwel nett mhuwiex veru assolutament li l-intervent leġiżlattiv b'xi mod twaqqaf mill-Oppożizzjoni. Dawn riedu jiksru l-Kostituzzjoni biex jirranġaw is-sitwazzjoni u aħna, ta' nies li nemmnu fil-Kostituzzjoni, ma konniex kompliċi magħhom biex tkompli tinkiser il-Kostituzzjoni. (Onor. Membri: Hear, hear) Jien inzertajt kont hawnhekk meta ġara dan u kellna nintervjenu aħna, inkluż billi mmorru għand il-President tar-Repubblika u navżawh li l-Parlament għandu

quddiemu liġi li tikser il-Kostituzzjoni u għalhekk ma konniex se nivvotaw.

Jista' l-Ministru jgħid jekk bħala Gvern hux qegħdin jistennew li l-Qorti Kostituzzjonali tagħti sentenza finali dwar il-multi tal-FIAU jew hux qed jirrealizzaw, bħall-bqija tal-pajjiż kollu, li dawn il-multi huma illegali għax jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u allura l-liġi trid tinbidel u m'hemmx il-ħtieġa li noqogħdu nistennew il-Qorti Kostituzzjonali dwar dan? Għandna patafjun ta' sentenzi mill-Qrati ta' pajjiżna li jaslu quddiem il-Parlament u l-Ispeaker joqgħod jaqra l-ismijiet tagħhom, imbagħad jgħidulna li dawn il-liġijiet huma antikostituzzjonali. Jista' l-Ministru jgħid x'qed jistenna l-Gvern biex jibdel din il-liġi?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Minbarra li l-Onor. Interpellant qed jirriafferma li tressaq intervent leġiżlattiv li l-Oppożizzjoni vvotat kontrieh, m'għandi xejn xi nżid fuq dak li diġà esprimejt aktar kmieni fuq dan is-suġġett. Nikkonferma li hemm proċeduri pendenti fil-Qrati tagħna u nikkonferma wkoll u nserraħ moħħ kulħadd li bħala Gvern qed inħarsu lejn din is-sitwazzjoni attentament biex nerġgħu nersqu b'intervent leġiżlattiv u nittama li l-Oppożizzjoni tappoġġja l-pożizzjoni tal-Gvern.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Cressida Galea, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. CRESSIDA GALEA:** Sur President, jista' l-Ministru jispjega x'ħidma qed issir biex tkompli tissaħħaħ ir-riżorsa umana fi ħdan l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, is-sejħiet pubbliċi joħorġu b'mod konsistenti biex inkomplu nsaħħu r-riżorsa umana fil-Qrati tagħna. Aħna nifhmu u nemmnu li rridu nkomplu nsaħħu r-riżorsi umani tas-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna u nista' ngħid li waħda mill-ewwel affarijiet li ħadt ħsieb wara l-elezzjoni li għaddiet kienet proprju li nagħmlu sforz biex jiġi konkluż il-ftehim kollettiv għall-ħaddiema tal-Qrati, kif essenzjalment seħħ, fejn kien hemm titjib fil-kondizzjonijiet anke wara t-trasformazzjoni lejn Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati li setgħet tippermetti din il-possibbiltà. Irridu naraw li fiż-żmien li ġej inkomplu nsaħħu dawn il-kondizzjonijiet mhux biss għax il-ħaddiema tal-Qrati tagħna – u minn hawnhekk insellmilhom għall-ħidma tagħhom – jixirqilhom l-aqwa kondizzjonijiet, imma wkoll biex nassiguraw li nkomplu nattiraw aktar nies lejn il-Qrati tagħna.

Irrid ngħid ukoll li fl-aħħar żmien komplejna noħorġu numru ta' sejħiet għal karrieri, inkluż dak li għandu x'jaqsam ma' manager u assistant manager fis-settur tal-accounting u l-finance, assistenti reġistraturi u deputati reġistraturi. Kemm-il darba spjegajt li din is-sejħa hija kontinwa biex nassiguraw li jkun hemm id-disponibilità neċessarja għax nafu li hemm ċerti sfidi fis-settur tal-ġustizzja, bħal diversi setturi oħrajn fl-ekonomija ta' pajjiżna f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsa umana.

Hemm ukoll sejħa għal Direttur (Strateġija u Innovazzjoni Diġitali) u minn żmien għal żmien joħorġu sejħiet għal skrivani biex inkomplu nsostnu n-numru ta' ħaddiema fil-Qrati tagħna kif ukoll sejħa għall-funzjoni tant importanti ta' assistenti ġudizzjarji. Kif kelli l-okkażjoni li nispjega diversi drabi fil-Parlament, in-numru huwa sostanzjali, mhux biss ta' assistenti ġudizzjarji imma wkoll ta' nies li jipprestaw servizz legali fil-Qrati tagħna li huma avukati.

Illum għandna 505 ħaddiem fil-Qrati tal-Ġustizzja li huwa l-akbar numru li qatt kien hemm, imma huwa sinifikanti l-fatt li għandek madwar 75 avukat – u issa se jiżdiedu – li b'xi mod jew ieħor jikkontribwixxu għal din is-sistema, inkluż fir-rwol ta' assistenti ġudizzjarji. Hemm ukoll l-Avukati tal-Qorti li għandhom funzjoni importanti. Dawn huma kollha professjonisti fil-qasam legali ta' pajjiżna li, b'xi mod jew ieħor, huma involuti fis-sistema tal-Qrati tagħna li jkomplu jsaħħu d-disponibilità tar-riżorsi umani għall-membri tal-Ġudikatura li qegħdin hemmhekk biex joffru servizz. L-iskop mhux biss tal-Gvern imma wkoll tal-Aġenzija hu li nassiguraw li jkollhom l-għajnuna neċessarja fl-iżvolġiment tal-ħidma importanti li jagħmlu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Stanley Zammit, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Sur President, b'rabta mal-mistoqsija li diġà għamilt, qed nifhem sew li l-Ministru qed jikkonferma li bħalissa l-applikazzjonijiet għall-kuntratturi huma magħluqin?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Diġà għedt lill-Onor. Interpellant biex jagħmel mistoqsija bil-miktub. Ma nafx x'inhi d-diffikultà tiegħu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, fl-aħħar jiem rajna lil Malta tiffirma konvenzjoni importanti f'Ljubljana, The Hague Convention. Nifhem li pajjiżna kien fost l-ewwel pajjiżi li ffirma din il-Konvenzjoni tant importanti u fiż-żmien li qegħdin ngħixu llum forsi l-kontest u l-importanza ta' din il-Konvenzjoni tieħu xejra differenti. Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar il-kontenut u r-rwol ta' Malta f'dan kollu?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Hekk hu. Malta kienet fost l-ewwel grupp ta' pajjiżi li ffirmat din il-Konvenzjoni matul il-ġimgħa li għaddiet f'The Hague, fejn sar pass ieħor f'dan il-proċess li kien ilu li beda. Is-sena l-oħra kien hemm żvilupp sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-qbil mal-abbozz, biex ngħid hekk. Il-ġimgħa l-oħra kien hemm l-iffirmar u aħna konna fost l-ewwel grupp ta' 'l fuq minn 30 pajjiż li ffirmaw, imbagħad hemm pajjiżi oħrajn li se jkunu qegħdin jiffirmaw. Issa wieħed iħares 'il quddiem biex bħala pajjiż nippożizzjonaw ruħna u jkun hemm ir-ratifikazzjoni.

Kif qalet tajjeb l-Onor. Cachia, naħseb li dan huwa sinifikanti fiż-żmenijiet li qegħdin ngħixu fihom minħabba l-fatt li dawn jipprospettaw aktar koperazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' reati internazzjonali u dak li għandu x'jaqsam speċifikament ma' investigazzjoni, koperazzjoni fuq l-investigazzjoni u l-estradizzjoni ta' nies li jridu jiffaċċjaw prosekuzzjoni marbuta mar-reati ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità, reati tal-gwerra u reati internazzjonali oħrajn. Għaldaqstant naħseb li kien importanti ħafna li Malta, kif għedt aktar kmieni, kienet fost l-ewwel pajjiżi fil-komunità internazzjonali li bagħtet messaġġ li aħna aktar milli disposti li nikkoperaw f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet li jwasslu għal ġustizzja aktar effettiva mal-vittmi ta' dawn ir-reati internazzjonali.

Din hija wkoll konferma mhux biss tal-impenn tagħna internazzjonalment fil-ġlieda kontra dawn it-tip ta' reati, imma wkoll tad-disponibilità tal-istituzzjonijiet ta' pajjiżna, għax ġaladarba tibda tiġi applikata, huma l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna li jridu jaraw li sseħħ din il-koperazzjoni. Jien konvint li l-istituzzjonijiet tagħna huma aktar minn disposti, kif naraw sistematikament diversi konvenzjonijiet f'setturi oħrajn, li joffru d-disponibilità tagħhom u viċeversa. Nemmen li din hija Konvenzjoni li aktar ma jgħaddi żmien aktar se tkun effettiva u effikaċi minħabba l-fatt li jkollok sitwazzjoni li wara konflitt li sfortunatament qed nassistu għalih mhux biss f'reġjun wieħed madwar id-dinja, imma f'numru ta' reġjuni, meta jgħaddi ż-żmien u jkollok persuni li jridu jiffaċċjaw ġustizzja u jirrispondu għal għemilhom, għodda leġiżlattiva ta' dan it-tip fuq livell internazzjonali sservi ta' skop importantissimu ħafna biex jintbagħat messaġġ li l-ġustizzja qiegħda ssir b'mod effettiv.

Għaldaqstant kien ta' pjaċir li f'isem il-Gvern, f'isem l-Istat Malti, iffirmajt din il-Konvenzjoni u, kif għedt, issa nħarsu 'l quddiem biex naraw li nippożizzjonaw ruħna mhux biss mill-aspett leġiżlattiv, imma wkoll mill-aspett infrastrutturali biex eventwalment inkunu nistgħu nirratifikaw din il-Konvenzjoni flimkien ma' diversi pajjiżi oħra li għaddejjin mill-istess proċess tagħna.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Karol Aquilina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Mistoqsija sempliċi, Sur President. Jista' l-Ministru jgħid jekk jaqbilx ma' dak li qalet l-Imħallef Vella Cuschieri li l-mod kif qegħdin jingħataw il-multi mill-FIAU huwa dittatorjali?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Jien mhux qiegħed hawn biex nagħti l-opinjoni u l-veduti tiegħi fuq sentenza tal-Qorti. Jekk wasalna f'dan l-istat li niġu f'din il-Kamra u nagħmlu mistoqsija sempliċement biex naraw kif jaħsibha l-Ministru għall-Ġustizzja fuq deċiżjoni tal-Qorti, sejrin żbaljati u m'iniex se nilgħab din il-logħba. Din hija logħba pwerili tal-kelliem tal-Oppożizzjoni!

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Amanda Spiteri Grech, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, naf li l-Onor. Cachia staqsiet dwar il-Qorti tal-Familja u l-medjazzjoni. Kif nafu lkoll, huwa importanti li nħarsu r-realtajiet tal-lum permezz tal-liġijiet li rridu nibqgħu naġġornaw favur il-familja. Naf li fi ħdan il-Qorti, l-attenzjoni tagħna trid tkun fuq it-tfal ukoll. Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-reazzjoni tiegħu dwar dan bħala Ministru għall-Ġustizzja?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Kif għedt aktar kmieni, inħares 'il quddiem biex fiż-żmien li ġej mhux 'il bogħod immorru għall-konsultazzjoni pubblika dwar numru ta' rakkomandazzjonijiet li jilħqu l-iskop li jkollna proċeduri effiċjenti u effettivi li dejjem ikunu fl-interess tat-tfal u tal-minuri. Hemm diversi aspetti li jridu jingħataw l-attenzjoni mistħoqqa. Rajt diversi rapporti u numru ta' rakkomandazzjonijiet li saru minn diversi stakeholders – u minn hawnhekk insellmilhom – minn avukati u, fuq kollox, minn nies li b'xi mod jew ieħor iffaċċjaw il-proċeduri fil-Qorti tal-Familja għal raġuni jew oħra.  Dan kollu issa ġbarnieh f'numru ta' rakkomandazzjonijiet leġiżlattivi li nemmen li se jwasslu biex ikunu l-ewwel fażi ta' numru ta' tibdiliet li jridu jsiru fl-interess ta' dawk kollha li, b'xi mod jew ieħor, jispiċċaw quddiem il-Qorti tal-Familja fl-aqwa interess tat-tfal.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu għat-Tqegħid ta' Karti. Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 ingħataw kuntratt ta' konsulenza mad-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14881.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 ingħataw kuntratt ta' konsulenza mad-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14884;

f'isem il-Prim Ministru nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Lista ta' ftehimiet settorali tas-Servizz Pubbliku u lista ta' kull ftehim kollettiv li kienu ffirmati fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku għas-snin 2022 u 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 16253;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Djalogu Soċjali u Protezzjoni tal-Konsumatur inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' impjegati fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER), maqsuma skont il-grad, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 16255;
>
> Tagħrif dwar skemi, programmi u Fondi Ewropej li jistgħu japplikaw għalihom bdiewa u sajjieda Maltin fl-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 16294;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Attendenza tas-Sindki u l-Kunsilliera tal-Kunsilli Lokali ta' Ħad-Dingli u ta' Ħaż-Żebbuġ għall-perjodu bejn Lulju 2019 u Diċembru 2023 għal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali rispettivi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 16154;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tabella li turi breakdown tan-nefqa fuq l-iskema 'Stabbiltà', bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 16314;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Informazzjoni u Formola/Applikazzjoni dwar l-Iskema ta' Kreditu fuq it-Taxxa marbuta ma' Terapiji, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 16389;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 kienu membri ta' bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15992; u

f'isem għall-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubbliku nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 kienu membri ta' bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15994.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Rebekah Borg.

## TALBA GĦAL RULING

**ONOR. REBEKAH BORG:** Sur President, jien ili f'dan il-Parlament minn Mejju tal-2022 u kemm ili f'dan il-Parlament ili nistaqsi l-istess mistoqsija lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika fuq l-arretrati tal-liċenzji tal-operaturi turistiċi. Kelli għaxar mistoqsijiet bit-tweġiba: "L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra". Sena u nofs, Sur President! Jien kont staqsejtek għal direzzjoni u issa qed nitlob ruling għax wara sena u nofs naħseb li l-informazzjoni għandha tingħata!

**L-ISPEAKER:** Għaddili d-dokumenti. Grazzi.

Ngħaddu issa għall-Kumitati Permanenti. L-Onor. Carmelo Abela.

## KUMITATI PERMANENTI

**ONOR. CARMELO ABELA (President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt):** Sur President, nixtieq nirrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Stqarrijiet Ministerjali? Mozzjonijiet? Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 3)

## CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 3) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard, jekk jogħġbu, iressaq it-Tielet Qari.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3).

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. CRESSIDA GALEA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" ikun moqri t-Tielet Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tielet Darba u għadda.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT

## SPORTS GOVERNANCE AND INTEGRITY (AMENDMENT) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard, jekk jogħġbu, iressaq it-Tielet Qari.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap. 626" ikun moqri t-Tielet Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tielet Darba u għadda.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT (EMENDA NRU 2)

## SPORTS GOVERNANCE AND INTEGRITY (AMENDMENT NO. 2) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard, jekk jogħġbu, iressaq it-Tielet Qari.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2).

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hija l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap. 626" ikun moqri t-Tielet Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tielet Darba u għadda.*

## ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA

## CLIMATE ACTION BILL

*L-ordni għat-Tieni Qari ġie moqri.*
*Ikompli mill-14 ta' Frar 2024.*
*Il-mistoqsija reġgħet tqiegħdet.*

**L-ISPEAKER:** Rimarki? L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, dan l-Abbozz ta' Liġi qed jipproponi li jiġi stabbilit il-qafas legali għal azzjoni klimatika u qed jipprovdi biex tiġi fformata aġenzija għat-tibdil fil-klima li se tkun magħrufa bħala l-Awtorità għall-Azzjoni Klimatika. Bħalma jaf kulħadd, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jinħass il-bżonn li tittieħed deċiżjoni deċiżiva fil-kontest tat-tibdil fil-klima madwar id-dinja kollha. Għalkemm ma tistax ma tistqarrx li din hija inizjattiva tajba, trid iżżomm quddiem għajnejk li l-gwardjani naturali tal-ambjent tagħna huma l-bdiewa u r-raħħala. Huwa veru li għandna l-obbligu li nagħmlu dak kollu neċessarju biex nilqgħu għat-tibdil fil-klima li qed tħabbat wiċċha miegħu d-dinja kollha, però fl-istess ħin kull wieħed u waħda minna f'din il-Kamra għandna obbligu li bl-azzjonijiet li nagħmlu biex jiġi salvagwardat it-tibdil tal-klima ma nkunux qed naffettwaw ħażin il-bdiewa u r-raħħala tagħna.

Dan ħareġ ukoll minn dak li ġara riċentement f'dawn l-aħħar xhur jekk nikkonsidraw id-diversi protesti li saru mill-bdiewa u r-raħħala barra minn Malta madwar l-Ewropa kollha kif ukoll f'Malta, meta fl-aħħar ġimagħtejn il-bdiewa u r-raħħala tagħna ħassew il-bżonn li joħorġu barra u jsemmgħu leħinhom. Jien nemmen li l-bdiewa u r-raħħala kellhom joħorġu jsemmgħu leħinhom, la ma twassalx mill-Gvern fl-Unjoni Ewropea. U dan meta l-Unjoni Ewropea hija għaqda fformata minn 28 gvern, li wieħed minnhom hu l-Gvern ta' Malta. Għalkemm jien nemmen li ċerti deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu għall-ġid tal-Unjoni Ewropea, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li kull pajjiż għandu l-partikolaritajiet tiegħu u kull Gvern għandu jieħu azzjonijiet biex jissalvagwardja dan.

L-argument kollu kien il-famuż green deal fejn kien hemm il-kwestjoni tal-Farm to Fork Strategy. Skont dawn ir-regoli, sas-sena 2030 il-bexx kellu jonqos b'50% u l-fertilizzant b'25%, u sfortunatament il-Gvern Malti vvota favur din il-liġi. Kien il-Ministru Anton Refalo stess li fid-19 ta' Ottubru, 2020 ivvota favur in-Nature Restoration Law li bażikament tgħid li 10% tar-raba' li tinħadem ma tridx tibqa' tinħadem sas-sena 2030. Jiġifieri jekk persuna qed taħdem 20 tomna raba', sas-sena 2030 se tibda taħdem 18-il tomna. Il-Gvern Malti vvota favur din il-liġi fit-22 ta' Novembru, 2023 permezz tar-Rappreżentant Permanenti tal-Gvern li jkun aġixxa kif aġixxa wara konsultazzjoni mal-Gvern u mal-Ministru responsabbli.

Hemm ukoll l-argument tal-cage-free animals li skont dan ir-regolament il-gaġeġ li jitrabbew fihom l-annimali jridu jiġu mneħħija gradwalment sas-sena 2027. Dan ifisser li tiġieġ tal-bajd, fniek, majjal, baqar u annimali oħrajn li jinżammu fil-gaġeġ, sas-sena 2027 iridu jitneħħew mill-gaġeġ. Ħalli nispjega xi jfisser dan. L-ewwel nett, meta wieħed jieħu l-kontest ta' Malta, jekk din il-liġi jkollha tiġi addottata f'pajjiżna se nispiċċaw f'waħda minn żewġ sitwazzjonijiet: jew il-kobor tal-irziezet tagħna jrid jikber b'għaxar darbiet, li kważi hija sitwazzjoni impossibbli għax nispiċċaw nieħdu ammont sostanzjali mill-ODZ biex inżommu l-kapaċità li għandna bħalissa jew, agħar minn hekk, ikollna nagħlqu dawn l-irziezet.

Meta ħareġ dan l-Abbozz ta' Liġi, jien personali kont ikkuntattjajt lill-Ministru għall-Agrikoltura wara diversi lmenti li rċevejt mingħand il-bdiewa u r-raħħala u wegħidni li bħala pajjiż qegħdin f'diskussjonijiet mal-Unjoni Ewropea biex ningħataw deroga, imma wieħed irid iżomm quddiem għajnejh iċ-ċokon ta' pajjiżna. Biċ-ċokon ta' pajjiżna, jekk nipprovaw indaħħlu liġi bħal din tkun id-daqqa finali għal bosta bdiewa tal-bhejjem li għandna f'pajjiżna li, kważi, kważi, b'mod indirett inkunu qed ngħidulhom biex jagħlqu.

Jien naf li biex issir liġi, dawn ma jqumux filgħodu u jagħmlu liġi, imma l-ewwel isir l-abbozz u jiġi diskuss, bħalma jsir f'diversi liġijiet hawn Malta, ħalli wieħed jara kif se tkun qed tolqot lill-pajjiż, imbagħad jiddeċiedu kif se jivvotaw. F'Malta, speċjalment f'liġijiet li jkunu se jolqtu lis-settur agrikolu f'pajjiżna, wieħed dejjem irid iżomm quddiem għajnejh tliet punti prinċipali: iċ-ċokon ta' pajjiżna, l-insularità minħabba li għandna pajjiż imdawwar bil-baħar u n-nuqqas ta' art. Dawn huma tliet fatturi li, biex

ngħid hekk, huma kruċjali meta wieħed jiġi biex jiddiskuti liġi li tkun se taffettwa lil dan is-settur. Anke minħabba dawn it-tliet fatturi partikolari, jien kont nistenna li l-Gvern kien se jmur l-Unjoni Ewropea bil-każ ta' Malta, jiddiskuti fil-fora li jkunu qed jiddiskutu dawn il-liġijiet u jitlob għal ċerti derogi biex Malta tkun eżentata minnhom.

Pereżempju, meta qed jgħidu li rridu nnaqqsu l-bexx b'50% mingħajr ma saru l-istudji neċessarji rridu naraw kif se jiġi affettwat il-qasam agrikolu meta taqbad u tnaqqas dan il-persentaġġ ta' bexx f'daqqa. Il-fertilizzant irid jonqos b'25%. Għiduli x'se nagħmlu mingħajr fertilizzant, meta llum qed nipprovaw inħeġġu aktar bdiewa żgħażagħ jaħdmu r-raba', u r-raba' li mhijiex tinħadem qed nipprovaw inġibuha art agrikola. Għalhekk, f'dan il-każ kellna npoġġu l-pożizzjoni u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' Malta biex, jekk hemm bżonn, dawn il-liġijiet ma jidħlux f'pajjiżna.

Jien ma nistax nifhem kif Malta, meta l-ħin kollu ngħidu li lanqas jekk naħdmu l-art kollha m'għandna biżżejjed biex nissupplixxu lill-poplu Malti u Għawdxi b'ikel biżżejjed, se naċċettaw li 10% tal-art li tinħadem ma tibqax tinħadem. Ma nistax nifhimha! Dik hija d-differenza li hemm bejn il-Gvern li għandna llum u Gvernijiet Nazzjonalisti li meta bagħtu nies barra minn Malta dejjem ressqu l-inkwiet tas-settur, ressqu leħen il-bidwi u r-raħħal u ġabu derogi biex kemm jista' jkun nissalvagwardaw il-qasam agrikolu f'Malta.

Jumejn ilu, jien flimkien mal-Ispeaker u l-Onor. Carmelo Abela morna għat-tmien summit tal-Ispeakers tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni tal-Mediterran, fejn iddiskutejna diversi suġġetti. F'waħda mir-rimarki li saru fid-diskors finali fil-Parlament issemmiet Malta, fejn qalu li minkejja Malta pajjiż żgħir, xorta semmgħet leħinha u taw kas ta' dak li konna qed ngħidu. Hekk għandu jkun kull meta mmorru barra minn Malta biex niddiskutu dan il-konċett tal-bdiewa u r-raħħala. Iva, minkejja li aħna żgħar, meta nsemmgħu leħinna, jinstema'. Meta mmorru konferenza barra minn Malta ma mmorrux xi divertita imma meta tmur hemmhekk litteralment tinħeleb għaddej minn kumitat għal ieħor u minn laqgħa għal oħra.

Huwa veru li r-riżorsi tagħna huma żgħar, però fejn ikun hemm ir-rieda tlaħħaq ma' kollox, u tmur hemmhekk u ssemma' leħnek. Ma tmurx hemmhekk biex issaħħan is-siġġu imma biex tesponi ċ-ċirkostanzi u s-sitwazzjonijiet ta' pajjiżek. Wieħed jifhimha li l-Gvern ġab l-argument li dan mhuwiex veto, però wieħed jivvota skont il-maġġoranza tal-voti, imbagħad imur bid-deċiżjoni. Meta tkun qed issemma' leħnek, tkun qed toħloq ċerta influwenza u bniedem taf iddawru mid-deċiżjoni li tkun ittieħdet. Fl-istess ħin, kif għidt, ikollok aktar każ fejn tagħmel ċerti derogi għal dawk il-liġijiet li jkunu se jolqtu ħażin lil pajjiżek.

Hemm l-argument li xi kultant iġib il-Gvern - u nweġġa' meta nisimgħu - li l-industrija agrikola f'pajjiżna hija sekondarja. Jien nifhem li l-argument ikun li f'termini ta' GDP, is-settur agrikolu jikkontribwixxi għal madwar 3.6% biss, però ma tridx tara biss l-ammont ta' GDP li s-settur agrikolu jikkontribwixxi għall-ekonomija ta' pajjiżna. Għalija s-settur agrikolu huwa wieħed mill-industriji prinċipali ta' pajjiżna li huwa ta' importanza nazzjonali bħalma hija s-saħħa, bħalma hija l-edukazzjoni u bħalma hija l-ġenerazzjoni tal-elettriku. Qed ngħid dan l-ewwel nett għax il-bdiewa u r-raħħala jaħdmu madwar terz tat-territorju kollu ta' Malta. Fil-fatt madwar terz tat-territorju ta' Malta huwa raba' li tinħadem, terz ieħor huwa raba' li ma tinħadimx peress li hija xagħri u widien, u nemmen li ċerta art nistgħu nikkonvertuha f'raba' li tinħadem, imma għadna ma ħadniex dak il-pass, u terz ieħor huwa bini.

Mela ladarba l-bidwi u r-raħħal qed jieħdu ħsieb terz tat-territorju Malti bilfors nikkonsidraha bħala industrija prinċipali. Immaġina kieku din l-art argikola ma tinħadimx, tintelaq, jitħalla kollox għal riħu u jimtela kullimkien ħaxix ħażin! Għidli f'liema sitwazzjoni jiġi pajjiżna. Jien fil-bidu għedt li l-bdiewa u r-raħħala tagħna huma l-gwardjani tal-ambjent, u issa ma' dan se nżid li allaħares ma kenux dawn in-nies li jieħdu ħsieb l-ambjent minn rajhom – biex ngħid hekk, bl-ebda skop ta' ħlas, għax l-ebda gvern ma jħallashom biex jieħdu ħsieb l-ambjent – biex jipproduċu l-prodott agrikolu li minnu jaqilgħu x'jieklu.

Sur President, lill-Istat dan ma jiswieh xejn. Għalija s-settur agrikolu huwa industrija prinċipali għal pajjiżna. U mhux biss, għax għandek ukoll is-sigurtà tal-ikel. Jien ma nistax nimmaġina li f'dan il-pajjiż niġu f'sitwazzjoni li tinqala' pandemija bħalma nqalgħet tliet snin ilu jew tinqala' xi gwerra, u ma nkunux nistgħu nimportaw ikel lejn pajjiżna u ma jkollniex il-qasam agrikolu jagħti sostenn lill-pajjiż.

Allaħares niġu f'sitwazzjoni fejn il-qasam agrikolu jispiċċa minn pajjiżna għax f'każ ta' emerġenza nispiċċaw immutu bil-ġuħ, biex ngħid hekk. Fattur ieħor li dak li jkun forsi ma jżommx quddiem għajnejh huwa li s-settur agrikolu jipproduċi l-prodotti agrikoli.

Mela inti għandek ammont tal-prodott agrikolu jiġi prodott hawn Malta mill-bdiewa u r-raħħala tagħna, imbagħad għandek ċertu ammont li jiġi importat. Immaġina kieku kellu jispiċċa l-prodott agrikolu Malti u jkollna nimportaw kollox minn barra. Mela jekk tispiċċa l-kompetizzjoni, għiduli kif nispiċċaw nisparaw il-prezzijiet tal-prodotti agrikoli. Mela fih innifsu huwa dmir għall-avvanz tagħna stess li ngħinu lill-bidwi u r-raħħal ikompli jipproduċi l-prodott agrikolu għax b'dan il-mod indirett ikollna prezz sigur għall-prodotti agrikoli kollha.

Hemm ukoll fattur ieħor, Sur President. Jien kemm ilni kelliem għal dan is-suġġett, kull meta tkellimt f'dan il-Parlament dejjem għidt li m'għandniex nagħmlu ballun politiku mill-qasam agrikolu, però ma jistax ikun li jinqalgħu ċerti istanzi, bħalma nqalgħu dawn l-aħħar ġimgħat, u ma nitkellimx. Ili nitkellem għal diversi snin mal-bdiewa u r-raħħala li jgħiduli li l-inkwiet prinċipali tagħhom huwa l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli. Jifhmuha li minħabba s-suq ħieles iridu jikkompetu ma' prodotti minn pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea, però ma jistgħux inizzluha li jridu jikkompetu wkoll ma' prodotti li ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea. Riċentement qaluli – din issemmiet anke fil-midja – li xi ħadd importa patata mill-Eġittu bil-ħamrija magħha u beda jirreklamaha biex ibigħha.

Ma ninsewx li l-prodotti agrikoli Maltin isirulhom diversi testijiet rigorużi, li huwa sew għax inkunu qed inserrħu ras il-konsumatur Malti li l-prodotti agrikoli li qed jiekol huma siguri. Imbagħad inġibu l-patata mill-Eġittu bil-ħamrija magħha! Biss, biss, hemm ċans li l-ħamrija ddaħħallek ħafna mard f'Malta u tispiċċa tmarradlek pajjiż f'termini tas-settur agrikolu. Iva, hemm bżonn li wieħed jagħmel ċerti kontrolli. Ma nistgħux nimxu b'id tal-ħadid mal-bidwi Malti, imbagħad il-prodotti li jiġu minn barra mill-Unjoni Ewropea nħalluhom għaddejjin. Meta titkellem ma' ċerti bdiewa u raħħala jgħidulek li l-barranin għadhom jużaw pestiċidi li ilhom li nqatgħu minn Malta għal dawn l-aħħar 30 sena. Mela bidwi Malti għandu ċerti restrizzjonijiet dwar x'pestiċidi jista' juża u ma jużax, imbagħad qed inġibu prodotti agrikoli b'pestiċidi li l-bidwi Malti ilu ma jistax juża għal diversi snin! Għandhom isiru l-kontrolli neċessarji meta jiġu importati prodotti minn barra, u jekk hemm bżonn anke dawk li jiġu minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea neżaminawhom ukoll. Però b'mod speċjali prodotti li jiġu minn barra l-Unjoni Ewropea hemm bżonn li jsirulhom it-testijiet u l-kwarantina neċessarji biex il-konsumatur iserraħ rasu mill-prodott agrikolu li jkun qed jiekol kif ukoll biex ikun hemm level playing-field mal-bdiewa u raħħala Maltin.

Hemm ukoll il-kwestjoni li jinħareġ sussidju ta' €250 għal kull tomna li ma tinħadimx. Jiġifieri l-Gvern se jħallas lil dak is-sid li għandu art li ma jaħdimhiex. Mela minflok ma naraw kif nagħmlu biex inħeġġu u ngħinu lill-bdiewa biex jaħdmu l-art, se ngħinu lil min għandu l-art u ma jaħdimhiex. Dan qed iwassal għal sitwazzjoni oħra għax sal-lum min kellu xi biċċa art u ma setax jaħdimha kien qed jgħid lill-bidwi biex jaħdimhielu u jagħtih xi ħaġa. Mela min għandu biċċa art li jitlaqha hemm u ma jaħdimhiex se jieħu €250 u jekk jagħtiha lill-bidwi biex jaħdimhielu jrid jagħtih aktar minn €250. Għalhekk qed issir impossibbli għal dawk il-bdiewa li kienu jaħdmu r-raba' ta' dawk is-sidien li ma setgħux jaħdmuha. Wieħed irid jara li s-sussidji jingħataw lil min jaħdem ir-raba' u mhux lil min ma jaħdimhiex.

Saret ukoll ir-riforma fil-kera tar-raba' tal-privat, li kienet pass 'il quddiem. Bħala Oppożizzjoni ma qbilniex fuq kollox, għax kien hemm diversi aspetti li xtaqniehom jidħlu, però bdejna d-diskussjonijiet qabel ma daħlet din il-liġi u bit-tajjeb u l-ħażin irnexxielna naslu, u mxejna pass. M'iniex ngħid li dan huwa biżżejjed, anzi ngħid li għadna lanqas bdejna għax għad trid issir il-klassifikazzjoni tal-bdiewa. Huwa importanti li nidentifikaw min huwa bidwi ġenwin ħalli l-għajnuna kollha li hemm jeħodha min hu bidwi ġenwin. B'din l-awtorità se jsir katast tal-art privata, però hemm aktar bżonn li jsir katast tal-art tal-Gvern. Ma jistax ikun li art vojta tal-Gvern toħroġ b'tender u tinkera bi €3,000 u €3,500 kull tomna, għax b'dawk il-prezzijiet żgur li ma jistgħux jeħduha l-bdiewa.

Sur President, jien nemmen – din kilt ilsieni ngħidha f'dan il-Parlament – li art agrikola m'għandhiex tiġi ġestita mill-Awtorità tal-Artijiet

imma mill-Ministru responsabbli mill-agrikoltura u s-sajd. Riċentement twaqqfet l-Aġenzija Riżorsi Agrikoli li għandha tiegħu l-art agrikola f'idejha għax nemmen li l-Awtorità tal-Artijiet mhijiex informata fejn għandha tmur l-art agrikola daqskemm hu l-Ministeru responsabbli mill-bdiewa u r-raħħala. Meta tara kemm qed jittieħdu tenders ta' art agrikola żgur li ma jirriflettix il-bżonnijiet tal-agrikoltura f'pajjiżna.

Hemm ukoll il-problema li ċerti entitajiet mhux qegħdin jgħinu lill-bidwi biex art li mhijiex agrikola u tista' tiġi agrikola, jagħmilha agrikola. Xi ħaġa oħra li ili nsemmiha f'dan il-Parlament hija li jkollok bidwi li jkollu biċċa art li minħabba telf ta' ħamrija – għax meta tagħmel volum ta' xita tkaxkar il-ħamrija, taqleb il-ħajt tas-sejjieħ u nofsha ġġibha blat – japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jerġa' jitfa' l-ħamrija biex jagħmel ġiebja ħalli jkollu l-ilma biex isaqqi u nispiċċaw naqilgħulu l-istonku biex noħorġulu l-permess. Hemm l-Agricultural Advisory Committee (AAC) li huwa l-qafas li miegħu tikkonsulta l-Awtorità tal-Ippjanar meta jiġi biex jinħareġ permess.

Jien inħoss li jekk l-AAC jagħti l-permess tiegħu biex min għandu mitt tomna raba' jista' jibni sa massimu ta' 60 metru, wieħed irid jaraha, għax naħseb li m'għadhiex tapplika. Ma nistax nifhem kif ikollok madwar 80 tomna art u kulma jagħtik permess hu għal store ta' 60 metru. Però wieħed irid jara dik ukoll. Hemm ċerti istanzi fejn l-AAC jagħti l-permess, imbagħad jinqalgħu entitajiet oħrajn bħas-Sovrintendenza jew l-Awtorità tal-Ippjanar stess, li jiddeċiedu li m'għandux jingħata permess. Irridu naraw li jekk hemm kumitat responsabbli mill-agrikoltura u jaf eżatt x'għandu bżonn bidwi u raħħal ġenwin, ladarba l-kumitat jagħti l-approvazzjoni tiegħu, il-permess għandu jimxi.

Sur President, dan l-aħħar telgħu diversi posts fuq il-bdiewa, min favur u min kontra. Ara ma nipprovawx noħorġu bl-idea li nitħassru lill-bdiewa u r-raħħala. Jekk jispiċċaw il-bdiewa u r-raħħala jispiċċa s-settur agrikolu u nibdew nitħassru lilna nfusna għax ma jkunx hawn min ikompli jipproduċi biex jissupplixxi lill-pajjiż b'ikel bnin biex insostnu ruħna. (Onor. Membri: Hear, hear)

Huwa obbligu ta' kull wieħed u waħda minna, kemm f'dan il-Parlament kif ukoll kull persuna li qiegħda f'xi awtorità li b'xi mod jew ieħor tmiss ma' dan is-settur, li ngħinu lis-settur agrikolu, speċjalment lill-bdiewa żgħażagħ, għax huma l-futur tagħna. L-istess jgħodd għas-sajjieda, però f'dan il-każ qed nitkellmu fuq il-bdiewa u r-raħħala. Nista' nassigurakom li m'aħniex nagħmlulhom ħajjithom faċli, anzi qed nagħmlulhom ħajjithom diffiċli. Ejjew niġbdu ħabel wieħed biex ngħinu lil dawn is-setturi, għax fl-aħħar mill-aħħar huma garanzija li kull wieħed u waħda minna, illum u fil-futur, ikomplu jipprovdulna l-ikel neċessarju għalina u għall-familji tagħna. (Onor. Membri: Hear, hear) Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Cressida Galea.

**ONOR. CRESSIDA GALEA:** Sur President, illum f'din il-Kamra qegħdin niddiskutu l-kwestjoni tat-tibdil fil-klima li titlob azzjoni kollettiva tista' tgħid ta' kull wieħed u waħda minna. Fl-aħħar snin smajna u tkellimna ħafna dwar it-tibdil fil-klima però minkejja r-riskji li ilna nisimgħu bihom, naħseb li fl-aħħar xhur id-dinja kollha fehmet ir-riskji relatati mal-klima u l-isfidi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima.

It-tibdil fil-klima mhijiex kwestjoni li għadha ġejja, iżda d-dinja kollha qiegħda fiha u qed tesperjenza l-impatti devastanti tagħha. Għalhekk hemm bżonn ta' ħidma kollettiva bejn il-pajjiżi kollha biex nindirizzaw u naslu għall-miri fl-azzjoni klimatika. Pajjiżna, partikolarment minħabba l-karatteristiċi u d-daqs tiegħu, qed jiġi espost għall-effetti tat-tibdil fil-klima li huma aktar devastanti minn ta' pajjiżi oħra, iżda bla dubju dawn l-effetti mhux Malta biss qed tesperjenzahom imma d-dinja kollha. Partikolarment is-sena l-oħra seħħew diversi avvenimenti madwar id-dinja li laħqu livelli rekord.

Pereżempju, insemmi avvenimenti ta' temp estrem fejn l-Ewropa esperjenzat mewġiet ta' sħana, maltempati, għargħar u nirien aktar frekwenti u intensi minn ta' qabel. Malta ffaċċjat sfidi simili bil-mewġiet ta' sħana u l-iskarsezza tal-ilma. Glaciers madwar l-Ewropa, inkluż l-Alpi, komplew jiċkienu minħabba li t-temperaturi qegħdin jogħlew. Kellna żieda fil-livell tal-baħar fejn rajna żoni kostali fl-Ewropa, inkluż f'Malta, jiffaċċjaw riskji ta' żieda fil-livell tal-baħar li wassal għal erożjoni, għargħar u dħul tal-ilma mielaħ fis-sorsi tal-ilma ħelu. Rajna t-telf

ta' speċi fl-Ewropa li affettwaw l-ekosistemi u l-biodiversità.

Tista' tgħid li dawn l-avvenimenti enfasizzaw il-ħtieġa urġenti għall-koperazzjoni globali u azzjoni deċiżiva sabiex jiġu indirizzati l-isfidi maħluqa mit-tibdil fil-klima. Tista' tgħid li l-avvenimenti kollha li għadni kif semmejt jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji relatati mar-riskji tat-tibdil fil-klima u fl-ambjent, dawk li nsejħulhom riskji fiżiċi. Iżda apparti din il-kategorija, hemm il-kategorija tat-riskji ta' tranżizzjoni li huma relatati mal-impatt ekonomiku, l-impatt soċjali u l-impatt regolatorju.

Kieku kellna nibdew mill-impatt ekonomiku, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ħielsa mill-karbonju tinvolvi investiment. Din tinvolvi spiża sostanzjali għall-pajjiż biex ikun aktar sostenibbli u jersaq lejn id-dikarbonizzazzjoni u lejn il-miri ambjentali u klimatiċi. Bla dubju, dan joħloq opportunity costs għax l-ispiża li tinvolvi din it-tranżizzjoni setgħet tintnefaq f'setturi soċjali u f'investimenti oħra li dan il-pajjiż ikollu bżonn. Għalhekk hemm dak l-impatt ekonomiku li qed inħossu aħna bħala pajjiż u l-pajjiżi l-oħra li qegħdin f'din it-tranżizzjoni.

Hemm ukoll l-impatt soċjali. It-tranżizzjoni, lil hinn minn industriji li jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima, tista' twassal għal telf ta' impjiegi u għal telf ta' attivitajiet ta' natura ekonomika u ħafna oħrajn. Dan iwassalni biex nenfasizza l-importanza li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta b'appoġġ adegwat għall-ħaddiema u l-komunitajiet affettwati li trid tkun essenzjali biex jittaffew l-inugwaljanzi soċjali.

It-tielet huwa l-impatt regolatorju. Dan huwa l-impatt li jkun relatat mal-bidliet fir-regolamenti internazzjonali dwar il-klima li jistgħu jaffettwaw ir-relazzjonijiet kummerċjali u l-aċċess tas-swieq li jkollhom impatt fuq l-ekonomija Maltija. Dawn huma t-tliet impatti li joħorġu mir-riskju ta' transizzjoni relatati mal-klima u l-ambjent. Huwa importanti li dawn jiġu evalwati meta nitkellmu fuq ir-riskji tat-tibdil fil-klima.

Pajjiżna huwa impenjat b'mod attiv f'din il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għalhekk illum qed niddiskutu l-Awtorità għal Azzjoni Klimatika li se tkun qed tkompli tibni fuq il-ħidma li ilha għaddejja s-snin minn dan il-Gvern. L-għan prinċipali tal-awtorità huwa li jsir moniteraġġ ċentrali tal-impatt tal-attivitajiet differenti, anke fuq it-tibdil fil-klima, filwaqt li tiġbor flimkien l-azzjonijiet konkreti li l-pajjiż ikun hemm bżonn jieħu.

Din l-awtorità se tkun qiegħda tirregola u taċċerta li l-isforzi tal-pajjiż ikunu effettivi, ekonomikament effiċjenti u konsistenti mal-politika internazzjonali, partikolarment fejn jidħol il-Green Deal Ewropew u l-pakkett ta' leġiżlazzjoni relatat mal-Fit for 55 u l-għanijiet kummerċjali tal-pajjiż. Apparti minn hekk, l-awtorità se tkun responsabbli għall-kordinazzjoni tal-isforzi minn diversi entitajiet u ministeri sabiex nilħqu l-għan prinċipali tal-klima.

Ftit ilu spjegajt l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq il-pajjiż, li sejjaħnielhom ir-riskji fiżiċi u ta' transizzjoni, iżda min-naħa l-oħra l-pajjiż għandu effetti li qed jikkawżaw it-tibdil fil-klima. Jiġifieri minn banda għandek l-effetti li t-tibdil fil-klima jġib fuq il-pajjiż u min-naħa l-oħra għandek l-effetti li pajjiż ikollu fuq il-klima li jirriżulta fit-tibdil fil-klima. Għalhekk hemm bżonn li kull pajjiż, inkluż Malta, ikollu investiment f'dan is-settur. Nafu b'diversi investimenti bla preċedent li qed isiru mill-Gvern fis-settur tal-ambjent u l-klima, u se nsemmi ftit minnhom. Se jkun qiegħed jitfassal programm ta' madwar €220 miljun ta' grants taħt il-Faċilità għall-Irkupru u Reżiljenza fuq investiment fis-setturi tal-ambjent u l-klima kif ukoll il-bidla lejn realtà aktar diġitali, fost oħrajn.

It-tieni investiment hu li se jkun qed jiġi modernizzat il-portal tal-Malta Business Registry b'teknoloġija ġdida sabiex ikunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom b'mod elettroniku u mmorru għall-proċess mingħajr l-użu tal-karti. Hemm ukoll inċentivi għall-intrapriżi biex jinvestu fi proġetti ħodor u ambjentali bil-għan li jinħoloq surplus u l-krediti tal-karbonju, imbagħad dawn l-istess krediti jkunu jistgħu jintużaw jew jinxtraw b'mod volontarju minn entitajiet oħra li jkunu jistgħu jilħqu l-miri tal-karbonju tagħhom. Hemm linji gwida għall-kumpaniji sabiex jiksbu l-kredenzjali tal-ESG u energy audits li qed isiru b'xejn lill-SMEs, imbagħad wara qed tingħata għajnuna finanzjarja lill-istess SMEs biex ikunu jistgħu jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-audit. Hemm ukoll investiment għal aktar sorsi rinnovabbli, inċentivi għal flotta ta' karozzi elettriċi, u ħafna oħrajn.

Dawn huma miżuri importanti li Malta qiegħda tieħu sabiex tnaqqas l-effetti tagħha fuq it-tibdil

fil-klima. Naħseb li wħud mis-setturi li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku f'Malta jikkontribwixxu wkoll għat-tibdil fil-klima. Qed insemmi dawn skont il-gwidi li joħorġu mill-Unjoni Ewropea, li fosthom insibu s-setturi tal-manifattura, tal-kostruzzjoni, tal-akkomodazzjoni u l-ikel u tar-real estate. Apparti li dawn għandhom importanza fl-ekonomija Maltija għax jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, huma ftit mis-setturi li l-Unjoni Ewropea bħala gwida tgħid li jikkontribwixxu l-aktar għat-tibdil fil-klima.

Hawn nixtieq nappella b'responsabbiltà għall-bilanċ adegwat li hemm bżonn bejn it-tkabbir ekonomiku, is-setturi relatati ma' dan u l-miri ambjentali u klimatiċi. Hemm bżonn li l-Unjoni Ewropea taddotta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tifhem li kull pajjiż għandu l-karatteristiċi tiegħu, u l-ekonomija tal-Istati Membri hija differenti minn pajjiż għall-ieħor. Huwa importanti li nenfasizzaw li ma jistax ikun hemm one size fits all policies mill-Unjoni Ewropea għal diversi raġunijiet, u se nsemmi tlieta minnhom.

L-ewwel minħabba l-fatt li l-effett li Malta qed tħalli fuq it-tibdil fil-klima ma jistax jiġi kkomparat ma' dak ta' pajjiżi oħra minħabba ċ-ċokon u l-karatteristiċi tagħna li huma ferm inqas meta mqabbla ma' pajjiżi bħall-Ġermanja, Franza, l-Italja, fost oħrajn. It-tieni, l-effett li t-tibdil fil-klima qed iħalli fuq Malta huwa aktar devastanti, għax ovvjament aħna nħossuh aktar minn pajjiżi oħra partikolarment minħabba d-daqs u l-karatteristiċi tagħna. It-tielet raġuni hi li l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ekonomija tal-pajjiż irid jiġi kkonsidrat, għax bla tkabbir ekonomiku u mingħajr ma jkollok il-finanzi fis-sod, il-pajjiż ma jistax ikompli bit-tranżizzjoni lejn ekonomija ħadra, lejn ekonomija bla karbonju u lejn pajjiż sostenibbli.

Din hija xi ħaġa importanti li qegħdin fiha u nixtiequ nibqgħu fiha, imma hemm bżonn li l-ekonomija tal-pajjiż tibqa' b'saħħitha. Għalhekk ir-rispons ta' Malta għat-tibdil fil-klima u l-kapaċità li tintegra s-sostenibbiltà fil-politika ekonomika se jkollhom rwol kruċjali fid-determinazzjoni tal-iżvilupp ekonomiku, it-tkabbir u l-kompetittività futura tal-pajjiż. It-tibdil fil-klima hija sejħa għall-azzjoni, għal governanza responsabbli, għall-innovazzjoni u għas-solidarjetà. Id-deċiżjonijiet li nieħdu llum se jrawmu l-futur għal uliedna u għalhekk trid tkun ħidma kollettiva sabiex naslu għall-miri ambjentali u klimatiċi li għandna quddiemna. Nirringrazzjak, Sur President.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Kap tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. BERNARD GRECH (Kap tal-Oppożizzjoni):** Sur President, għal ħafna – u nibża' wkoll li kultant anke għan-naħa l-oħra – it-tibdil fil-klima jirrappreżenta ostaklu għal aktar tkabbir u għal aktar suċċess ekonomiku ta' poplu. Filwaqt li t-tibdil fil-klima aħna narawh bħala realtà li rridu nindirizzawha, naraw ukoll il-possibbiltà li b'għaqal u bi kreattività, però fuq kollox billi jkun hemm impenn politiku ċar b'direzzjoni waħda, l-azzjoni għat-tibdil fil-klima ma tkunx kontradittorja imma tkun komplementari għal aktar progress. Aħna spjegajna kif permezz ta' diversi modi, b'mod partikolari bil-prinċipju li aħna żviluppajna madwar sentejn u nofs ilu - għax meta inti timbotta l-prinċipji ta' ESG, tal-ambjent u tal-impenn soċjali u governattiv marbut ma' inċentivi fiskali u aktar tista' tkompli tmexxi ekonomija li tikber - min għandu l-interess li jinvesti, jista' jinvesti u jkun parteċipi u sieħeb fl-isfidi kollha li qed jiffaċċja mhux biss l-ambjent f'pajjiżna imma wkoll l-obbligi tagħna b'mod internazzjonali.

Sur President, żgur li dan il-Parlament għandu l-obbligu ċar u uniku li bid-diskussjonijiet li jiddibatti u bil-liġijiet li jgħaddi jara li l-kwalità tal-ħajja ta' pajjiżna tiġi protetta u mtejba dejjem aktar fl-isfond ta' ġustizzja soċjali, governanza tajba u serjetà u trasparenza fit-tmexxija. It-tibdil fil-klima, bl-isfidi u bl-iżviluppi mgħaġġla li toffri lill-umanità kollha, tpoġġi quddiem dan il-Parlament responsabbiltà ċara u urġenti. L-Oppożizzjoni kienet minn ta' quddiem nett biex twassal lil din il-Kamra terfa' din ir-responsabbiltà hekk kbira billi nieħdu azzjonijiet deċiżi u konkreti f'din il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Kien propju fl-2019 – qed nitkellem fuq aktar minn erba' snin ilu – meta mill-Oppożizzjoni ressaqna t-talba fil-Parlament Malti biex l-istess Kamra tiddikjara xejn inqas minn stat ta' emerġenza fuq it-tibdil fil-klima. (Onor. Membri: Hear, hear) Dak kollu li seħħ minn dak iż-żmien 'il hawn ta raġun għal din it-talba tagħna imma mhuwiex biżżejjed li niġu hawnhekk nimbottaw dikjarazzjoni u naqblu fuqha. Irridu naraw ukoll x'sar minn dan il-Gvern fl-aħħar erba' snin, għax

huwa dan il-Gvern li qiegħed bit-tmun f'idejh biex jagħmel it-tibdiliet ħalli jirrifletti dak li qegħdin nirrealizzaw u li rrealizzajna aktar minn erba' snin ilu, jiġifieri li għandna stat ta' emerġenza.

Nirrikonoxxu li t-tnedija tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima, fid-dawl ta' dak kollu li seħħ mill-2019 sal-lum u fid-dawl tal-għarfien dinji li dejjem qed jiżdied dwar dan is-suġġett, huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. Illum qegħdin niddiskutu miżura li konna ħabbarna bħala Gvern fl-2012, u fl-2019 konna erġajna sħaqna li Malta għandu jkollha awtorità li tindirizza miżuri li jnaqqsu t-tibdil fil-klima. Jien ngħid li kull ġurnata, kull ġimgħa, kull xahar u kull sena li għaddew huma żmien mitluf u opportunitajiet mitlufa. (Onor. Membri: Hear, hear) Ladarba din l-awtorità qed tiġi diskussa issa jfisser li l-Gvern ħela aktar minn għaxar snin fit-twaqqif tagħha u dan kollu b'detriment għall-ambjent u l-ekonomija Maltija.

Il-miżuri li jindirizzaw it-tnaqqis fit-tibdil fil-klima ma jaffettwawx l-aspett ekonomiku ta' pajjiżna, imma jidher ċar li l-Prim Ministru għadu ma fehem xejn, jew inkella jrid iqarraq. Dan huwa simili ħafna għal dak li qalulu l-bdiewa u r-raħħala, għax filwaqt li l-Green Deal huwa pass fid-direzzjoni t-tajba u bl-aħjar intenzjonijiet, il-Gvern qed iweġġagħhom u mhuwiex lest biex jassistihom fejn hu meħtieġ. L-istess se jiġrilu pajjiżna f'dak li għandu x'jaqsam mat-tibdil fil-klima. Ilna għaxar snin biex inwaqqfu awtorità minflok ma użajniehom biex niddiskutu u ndaħħlu l-miżuri ħalli ngħinu lill-industrija lokali taddatta għal dawn l-isfidi. Għaxar snin mitlufa! (Onor. Membri: Hear, hear)

Ċertament li għad fadal ħafna xi jsir u jeħtieġ li jsir sforz nazzjonali bil-parteċipazzjoni tal-forzi politiċi kollha u ta' kull min jista' jagħti kontribut f'dan l-isforz kollettiv. Kien f'dan l-ispirtu u fl-għarfien sħiħ ta' din ir-responsabbiltà li fil-ħidma parlamentari tagħna ressaqna numru ta' ideat u proposti għal din l-istess awtorità li dak iż-żmien, sfortunatament, il-Gvern għażel li jinjora. Fil-fatt, bħala Oppożizzjoni Nazzjonalista konna għedna u nibqgħu ngħidu li għandu jkun hemm pubblikazzjoni tar-rapporti, li ċ-Chairperson għandu jidher quddiem il-kumitat permanenti relevanti, dwar kif għandhom jinħatru l-membri tal-bord, dwar rappreżentanza aktar b'saħħitha ta' stakeholders u NGOs fuq il-bord, u li għandu jkun hemm iċ-checks and balances meħtieġa.

Apparti minn dan, bil-għan ċar li l-ħidma tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima tkun aktar effettiva fil-prattika, issuġġerejna li kull Ministeru relevanti għandu jkollu uffiċjal iffokat fuq it-tibdil fil-klima li jevalwa kontinwament il-konformità mal-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta marbuta mat-tibdil fil-klima. Dawn l-uffiċjali għandhom ikunu fil-pożizzjoni li jagħtu pariri konkreti u jkunu jistgħu jwieġbu lill-Ministru konċernat u liċ-Chairperson tal-Kumitat biex ikun jista' jikkordina b'mod orizzontali. Dan huwa kruċjali biex l-Istrateġija għall-Addattament għat-Tibdil fil-Klima tkun waħda ħolistika u konsistenti.

Ftit tal-jiem ilu smajna diskors mill-Prim Ministru fejn qal ħafna u ma qal xejn. Meta l-Prim Ministru kien qed iniedi din l-awtorità, imissu semma x'għodda se jkollha din l-entità sabiex tbiddel il-mudell ekonomiku ħażin ta' pajjiżna. Jidher ċar li wara l-pandemija l-Gvern ma tgħallem xejn u għadu qed jisparpalja r-riżorsi tagħna, inkluż l-art li mixtiqin minnha, ħalli joħloq ekonomija tal-ħela li żgur ma tirrispettax l-ambjent ta' pajjiżna. It-tibdil fil-klima jirrikjedi aktar serjetà u għaqal fit-tmexxija. Ma jistax ikun li l-Kap Eżekuttiv ta' entità li tisparpalja l-finanzi pubbliċi jingħata żieda stratosferika fis-salarju tiegħu. Qegħdin nippremjaw b'aktar salarju lil dawk li lesti li jaħlu flus il-poplu, imbagħad għandek familji li ma jistgħux jinvestu f'teknoloġiji nodfa fir-residenzi tagħhom għax ma jsibux l-appoġġ meħtieġ.

Qed taraha l-inkongruwenza, Sur President? Din hija d-differenza bejn id-diskorsi li jsiru fil-Parlament u l-fattwalità ta' dak li jiġri f'pajjiżna. Ma jistax ikun li nifirħu li se nagħmlu inċineratur tliet darbiet akbar minn dak li kien propost fl-2012, għax din mhijiex tmexxija għaqlija. Dan huwa abbuż ta' fondi pubbliċi u diżonestà politika, mhux inqas fil-mod kif l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) se tkun qed topera bir-responsabbiltajiet ġodda li se tingħata minħabba l-fatt li l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima se żżarmaha billi wħud mir-responsabbiltajiet li għandha llum se jgħaddu għand din l-awtorità l-ġdida, filwaqt li hi se tkun qed tieħu responsabbiltajiet oħra. Fost dawn ir-responsabbiltajiet insibu t-teħid tal-ilma tal-pjan. Wara li f'dan il-qasam il-Gvern m'għamel xejn f'dawn l-aħħar għaxar snin, issa qed jara kif jinforza fuq il-bdiewa mingħajr ma qatt ipprovdielhom alternattiva. (Onor. Membri: Hear, hear)

Kif semmejt qabel, għad fadal ħafna xi jsir u dan fid-dawl li, sfortunatament, Malta waqgħet 'l isfel xejn inqas minn sitt postijiet fil-Climate Change Performance Index tal-2023. Dan apparti l-fatt li l-ġimgħa li għaddiet ħareġ li Malta għandha l-ogħla dipendenza fuq sorsi ta' enerġija li jniġġsu fl-Unjoni Ewropea. Dan huwa ċ-ċertifikat tal-mistħija li għandu dan il-Gvern li jrid jiġi hawnhekk għaxar snin tard u jgħidilna li ħa azzjoni! (Onor. Membri: Hear, hear) Bħala pajjiż għandna obbligi internazzjonali ċari u definiti li bħalissa mhux qegħdin nonorawhom fil-livell li hu mistenni minna.

Għandna wkoll obbligi nazzjonali daqstant ċari u definiti imma qed ngħixu f'realtà fejn kull Malti u Għawdxi qed iħossuhom dejjem aktar fgati f'pajjiżhom stess. Fi ftit snin, il-popolazzjoni splodiet bla rażan u bla pjan, bl-ambjent dejjem aktar vittma ta' politika li tonqos milli tagħtih il-prijorità li tixraqlu, bit-tniġġis tal-arja f'livelli ta' inkwiet u b'nuqqasijiet marbutin mal-ġbir u t-trattament tal-iskart. Smajna u għadna nisimgħu kelliema min-naħa tal-Gvern, u probabbilment anke l-Ministru, jattakkaw lill-Oppożizzjoni fuq id-diskorsi li għamilna. U dan għax qatt mhuma se jkunu kuntenti li nkunu qegħdin inwaqqgħulhom il-maskra għax fir-realtà jgħidu ħaġa u jagħmlu oħra. Il-fatti jitkellmu waħedhom! (Onor. Membri: Hear, hear) Aħna mmexxu 'l quddiem miżuri biex niġġieldu t-tniġġis, nipproteġu l-kosta tagħna u nippromwovu prattiċi ta' enerġija sostenibbli. Fl-istess waqt, l-Oppożizzjoni hija u tibqa' impenjata biex tiġi restawrata u preservata s-sbuħija naturali ta' Malta u Għawdex tagħna.

Sur President, l-ambjent huwa patrimonju fraġli. Dan il-patrimonju mhuwiex proprjetà tagħna assoluta, imma jappartjeni lilna u lill-ġenerazzjonijiet futuri u b'dak li nagħmlu llum jiddependi x'se nħallu lil ta' warajna. (Onor. Membri: Hear, hear) Aħna lkoll kemm aħna nistgħu ma naqblux fuq ħafna affarijiet, imma għandna d-dover li nieħdu ħsieb l-ambjent mhux biss għalina, imma għal uliedna u għal ulied uliedna. Il-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada ma jistennew xejn inqas minna u żgur li se jiġġudikawna fuq dak li nagħmlu u dak li nonqsu milli nagħmlu.

It-tibdil fil-klima jeħtieġ azzjoni deċiża u konsistenti u mhux paroli. Għalhekk nerġgħu nisħqu li nestendu l-id tal-kollaborazzjoni lill-Gvern, għax din l-isfida hija akbar mill-politika partiġjana. F'dan is-sens nappella lill-Prim Ministru għal aktar serjetà fid-dawl ta' dan l-ispirtu ta' interess nazzjonali u ta' ġid komuni veru, li jilqa' l-proposti tal-Oppożizzjoni dwar l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima għal pjan ħolistiku li jassigura aktar serjetà, trasparenza u skrutinju parlamentari. Dan kollu jassigura li din l-awtorità tkun aktar effettiva u tkun aġent ferm aktar b'saħħtu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, li hija responsabbiltà tagħna lkoll.

Sur President, it-tibdil fil-klima jixraqlu aktar serjetà. Li twaqqaf aġenzija wara li nħasset il-ħtieġa tagħha għaxar snin ilu, huwa ftit wisq. Il-Gvern irid jimpenja ruħu bis-serjetà ħalli jintlaħqu l-miri 2030/2050. Għadna 'l bogħod ħafna u għalhekk jeħtieġ li tittieħed azzjoni llum. Wasal iż-żmien li mid-diskors tar-relazzjonijiet pubbliċi li jħobb jagħmel dan il-Gvern, jgħaddi għal azzjoni ta' fejda għall-poplu u s-saħħa tiegħu. Biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima jeħtieġ tibdil mir-retorika għall-azzjoni u, fuq kollox, jeħtieġ rieda politika biex dak li hemm bżonn nagħmlu, ejjew naqblu fuqu ħalli nimxu 'l quddiem għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi kollu, għal uliedna u wlied uliedna. (Onor. Membri: Hear, hear) Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Mark Anthony Sammut.

**ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT:** Sur President, fil-Parlament illum qegħdin niddiskutu dan l-Abbozz ta' Liġi li permezz tiegħu qed titwaqqaf l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima. Din hija ħaġa tajba però ma nistax ma nfakkarx li din l-awtorità diġà kienet ġiet proposta ħames snin ilu, proprju minn din in-naħa tal-Kamra f'mozzjoni li fiha dan il-Parlament qabel li l-kwestjoni tat-tibdil fil-klima tkun iddikjarata bħala emerġenza nazzjonali u dakinhar, sfortunatament, in-naħa tal-Gvern kienet ivvotat kontra li titwaqqaf din l-awtorità. Kienu qalu li diġà hemm Climate Action Board u Climate Change Ambassador, u għalhekk m'hemmx bżonn ta' din l-azzjoni leġiżlattiva li llum qegħdin jipproponu huma.

Din il-proposta li ħames snin ilu qalu li m'hemmx bżonnha reġgħet tfaċċat proprju s-sajf li għadda. Niftakru li f'nofs is-sajf li għadda kellna pajjiż fid-dlam u fis-sħana bin-nies ifittxu fejn se jmorru jorqdu għax ma setgħux jissaportu s-sħana. Kellna nies jarmu l-ikel u nies bi problemi ta' saħħa għax l-apparat mediku ma kienx qed

jaħdem. Proprju f'nofs dik il-kriżi, meta qalulna li dan kollu ġara għax saħnu l-cables, meta nsew jgħidulna li huma kienu mingħajr pjan u ħallew pajjiż jikber fil-popolazzjoni u li splodiet il-kostruzzjoni mingħajr ma ħasbu għall-infrastruttura neċessarja, f'daqqa waħda qalulna li parti mis-soluzzjoni se tkun it-twaqqif ta' din l-awtorità.

Issa għaddew kważi ħames snin minn mindu dan il-Parlament iddikjara li għandna emerġenza fejn jidħol it-tibdil fil-klima, imma jkolli ngħid li ftit li xejn sar biex din tiġi indirizzata. Fil-fatt, skont ir-rapport tal-Eurostat li ġie ppubblikat ftit tal-ġranet ilu, Malta hija waħda mill-ftit pajjiżi fejn il-greenhouse gas emissions, għat-tieni kwart in fila, reġgħu żdiedu b'madwar 8%, mentri fil-kumplament tal-Ewropa dawn naqsu bħala medja. Fil-pajjiż li ġie warajna għal darbtejn, iż-żidiet li raw kienu n-nofs f'termini perċentwali taż-żidiet tagħna. Jiġifieri aħna qegħdin fuq quddiem ħafna aktar mill-oħrajn fiż-żieda tal-greenhouse gas emissions li jikkawżaw it-tibdil fil-klima.

Min-naħa tal-Gvern ikun hawn min jipprova jargumenta li dan qed jiġri għax f'pajjiżna għandna t-tkabbir ekonomiku però d-data u l-fatti juru mod ieħor għax hemm 12-il pajjiż Ewropew li kellhom tkabbir ekonomiku u fl-istess ħin raw tnaqqis fil-greenhouse gas emissions. Ħalli naraw liema huma l-akbar komponenti li qed jikkontribwixxu għal dawn il-greenhouse gases f'pajjiżna. Skont il-Climate Action Progress Report tal-2022, l-akbar kontribuzzjoni tal-emissjonijiet tagħna, dik ta' 33%, ġejja mill-enerġija. Is-sors primarju tal-enerġija f'pajjiżna huwa l-Liquefied Natural Gas (LNG) li bħall-fossil fuels l-oħra jikkawża dawn l-emissjonijiet. F'dan l-aspett, ftit hemm x'wieħed jista' jagħmel ħlief li ninvestu ħafna aktar fl-enerġija rinnovabbli u ngħaddu għal ġenerazzjoni ta' enerġija aktar nadifa li ma tagħmilx użu minn dawn il-fossil fuels.

Irridu ninnotaw li fil-Baġit li għadda u ftit tal-ġranet ilu bdew ħerġin aktar dettalji li minflok 'il quddiem, anke fejn tidħol il-ġenerazzjoni, se mmorru lura għax il-Gvern ħareġ tender għal impjant ta' 70 MW, li qed isejħulu ta' emerġenza, li se jkun qed jaħdem bid-diesel u allura jikkawża aktar emissjonijiet mill-gass naturali u mhux inqas. Dan igiddeb l-istqarrijiet li kien jagħmel il-Gvern is-sajf li għadda meta kienu jgħidulna li investew ħafna fil-ġenerazzjoni u issa li l-ġenerazzjoni hija ppjanata u koperta se jiffokaw fuq id-distribuzzjoni. Issa jidher li lanqas fil-ġenerazzjoni ma ppjanajna, għax għall-ewwel darba se jkollna nirrikorru għal dawn l-impjanti temporanji ta' emerġenza. (Onor. Membri: Hear, hear)

Minbarra l-enerġija, it-tieni l-akbar komponent li jikkawża l-emissjonijiet f'pajjiżna huwa t-trasport u 23% tal-greenhouse gases ta' pajjiżna ġejjin mit-trasport. Meta qegħdin nitkellmu fuq trasport, kif kulħadd jista' jimmaġina, il-komponent ewlieni huwa l-emissjonijiet li jikkawżaw il-karozzi f'pajjiż fejn it-traffiku sar problema kbira u l-karozzi weqfin fit-traffiku hija l-aktar ħaġa ineffiċjenti għax l-emissjonijiet jibqgħu fl-istess post.

Il-Gvern tkellem ħafna fuq dan l-aspett u kienu jgħidulna li se jagħmlu proġett biex niffrankaw ma nafx kemm-il siegħa mit-traffiku u se jagħmlu proġett ieħor u nerġgħu niffrankaw ma nafx kemm-il siegħa oħra mit-traffiku. Ir-realtà hija li n-nies fit-traffiku kienu u fit-traffiku għadhom! Soluzzjoni oħra li tkellmu ħafna fuqha hija l-elettrifikazzjoni tal-flotta tal-vetturi, u din ukoll tista' tkun parti mis-soluzzjoni għax tnaqqas l-emissjonijiet tal-fuels konvenzjonali, tal-petrol u d-diesel, u tuża l-elettriku. Issa biex tiċċarġja l-batterija wkoll qed tikkawża l-emissjonijiet għax, kif diġà semmejna, l-elettriku huwa l-komponent ewlieni l-ieħor li jikkawża dawn il-greenhouse emissions, imma naqblu li huma inqas mill-emissjonijiet li jikkawżaw id-diesel u l-petrol.

Il-mira li kien qal li għandu l-Gvern għall-elettrifikazzjoni kienet li sal-2030 – issa għall-2030 baqa' sitt snin oħra u ma baqax mitt sena oħra – għandu jkollna xi 65,000 karozza elettrika u, apparti minn hekk, jekk għadha fil-mira tal-Gvern, it-tir kien li nieqfu nimportaw karozzi li jaħdmu bil-petrol u d-diesel u naqilbu għall-karozzi elettriċi. Issa biex wieħed jagħmel dan irid ikollu l-infrastruttura ppreparata għal dan, u l-aħħar informazzjoni li għandna hija li dan il-pajjiż għad għandu biss 372 charging points għall-vetturi elettriċi. Jekk irridu li jkollna 65,000 karozza elettrika, biex dawn jinqdew b'mod komdu rridu madwar 10% tagħhom f'charging points, jiġifieri sa sitt snin oħra biss għandu jkollna madwar 6,500 charging points jekk irridu li l-infrastruttura tkun lesta għal din il-mira li qal li għandu l-Gvern stess. Ilhom tliet snin isemmu li għandhom proġett ta' 1,200 charging point u fi tliet snin ma rajniex waħda ssir!

Jekk se nistennew tliet snin oħra biex isiru 1,200 oħra, forsi 30 sena oħra nilħqu s-6,500 li għandna bżonn sa sitt snin oħra! Dan ukoll juri biċ-ċar li l-Gvern huwa nieqes mill-ippjanar u filwaqt li jgħid mod, fl-azzjoni qiegħed lura ħafna milli jilħaq il-miri tiegħu stess. Ladarba m'hawnx infrastruttura, qatt ma nistgħu nikkonvinċu lin-nies jitilqu l-vetturi konvenzjonali tal-petrol u d-diesel u jaqilbu għall-karozzi elettriċi. Minflok ma ninvestu f'dawn iċ-charging points għadna qed naraw pompi tal-petrol jinfetħu. Anke ġnien pubbliku fil-Gżira riedu jaqilbuh f'pompa tal-petrol! In-nies m'għandhomx serħan tal-moħħ li jistgħu jiċċarġjaw il-vetturi tagħhom, anke għax ħafna minn dawn iċ-charging points aktar issibhom bil-ħsara milli jaħdmu.

Mhuwiex biżżejjed li naqilbu mill-karozzi konvenzjonali għal karozzi elettriċi għax ir-realtà hija li t-traffiku hemm kien u hemm se jibqa'. Għalhekk, parallel ma' dan, irridu naraw x'se nagħmlu biex f'dan il-pajjiż innaqqsu l-karozzi mit-toroq. Naħseb li minn dan l-aspett qegħdin nonqsu ħafna, anzi ma jien qed nara l-ebda rieda politika biex nibdew nimbottaw lill-poplu f'din id-direzzjoni. Irridu naraw x'jista' jsir fuq it-trasport pubbliku. Huwa tajjeb li t-trasport pubbliku huwa b'xejn, imma rridu naraw jekk din il-miżura ħeġġitx persuna waħda biex titlaq il-karozza tagħha u tibda tuża t-trasport pubbliku. Ma naf lil ħadd li ma kienx qed juża t-trasport pubbliku għax kien bil-ħlas. In-nies ma jużawx it-trasport pubbliku għax iddum tistenna, u għax ikollha tiġi karozza u ma tiġix, u allura ma tistax isserraħ fuqu.

F'dan l-aspett irridu naraw x'nistgħu nagħmlu biex nintroduċu rotot oħra li jista' jkun hemm bżonn, li mhumiex ir-rotot li drajna bihom s'issa, li jagħmluha aktar effiċjenti għan-nies li llum jużaw it-trasport pubbliku. Il-maġġoranza tar-rotot imorru mil-lokalità għall-Belt Valletta, imma llum il-maġġoranza tan-nies ma jaħdmux il-Belt Valletta. Illum għandek ħafna nies jaħdmu n-naħat ta' Tas-Sliema, l-Imsida, il-Gżira u n-naħa ta' Birkirkara. Mela jekk irridu nagħmluha effiċjenti għan-nies li jitilqu l-karozzi tagħhom u jibdew jużaw it-trasport pubbliku biex imorru għax-xogħol u lura, naħseb li jrid isir studju biex naraw x'rotot jistgħu jinħolqu li jagħmluha aktar attraenti għan-nies li jużaw dan il-metodu ta' trasport.

Xi ħaġa oħra li tista' ssir u li għandha ssir hija l-inforzar. Kemm-il darba niltaqgħu mat-traffiku ġġammjat u nindunaw li qed jiġi kkawżat minn xi ħadd li pparkja double parking għax ried jinżel jixtri xi ħaġa ta' malajr jew ried jixtri l-pastizzi jew xi take away, u kulħadd fit-traffiku jdoqq il-horn! F'dawn il-każijiet, l-inforzar fit-toroq tagħna huwa nieqes ħafna.

Niġi għal dak li għandu x'jaqsam mat-trasport alternattiv. Jien inħoss li hija ħasra li l-alternattiva nadifa u moderna tal-micro mobility li kienu qegħdin jużaw in-nies, bħalma kienu l-iscooters, falliet daqshekk malajr. Hija opportunità mitlufa li metodu bħal dan ma qabadx u aktar ħoloq inkonvenjent lil ħaddieħor milli opportunità għal metodu alternattiv ta' trasport. Dan ukoll jikkonferma l-falliment tal-Gvern f'dan il-qasam, għax kien ovvju mill-bidu li jekk se tħalli l-liġi tal-ġungla tirrenja u kulħadd jagħmel li jrid, se tispiċċa toħloq inkonvenjent. Veru li nħoloq inkonvenjent u n-nies batew għax kont tara l-iscooters fuq il-bankini u mal-bibien tan-nies u kienu jgħaddu b'veloċità qawwja minn ġon-nies, imma seta' jsir ħafna biex dawn l-inkonvenjenti jiġu mitigati. Jien kont f'pajjiżi oħra u tara postijiet fejn jekk ma teħux l-iscooter fil-post fejn suppost tipparkjah, jibqa' jiċċarġjak.

Mela jekk jibqa' jiċċarġjak, kulħadd se jmur jieħdu fil-parking spot tiegħu biex jieqfu jitteħdulu l-flus mill-kreditu tiegħu. Hemm postijiet fejn jekk toħroġ miż-żona allokata għalih jew tipprova tużah fi triq arterjali, jintefa waħdu. Hemm postijiet fejn jekk tuża bankini jew postijiet minn fejn jgħaddu n-nies, il-veloċità titbaxxa waħedha biex ma toħloqx periklu lil min ikun miexi. Hemm ħafna inforzar li seta' jsir bl-użu tat-teknoloġija u mingħajr il-bżonn tar-riżorsi umani, però ma pprovajna nagħmlu xejn minn dan. Wara li ħloqna inkonvenjent lil ħafna nies, morna għal miżura drastika fejn għedna li dawn daqshekk se jintużaw u tlifna l-opportunità li jkun hemm metodu alternattiv li jista' jnaqqas id-dipendenza tagħna fuq il-karozzi, speċjalment għal distanzi qosra.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' alternattivi oħra bħalma huma r-roti, nixtieq nistaqsi fiex waslet in-National Cycling Strategy. Is-sena l-oħra kien infetaħ perjodu ta' konsultazzjoni li s'issa għadha ma ġietx ippubblikata. X'qed nagħmlu biex ikun hawn l-infrastruttura li tħajjar lin-nies jużaw ir-rota mingħajr ma jħossuhom fil-periklu? Għandna ħafna postijiet fejn tara cycling lane li jispiċċa f'daqqa u trid tipprova tara kif tkompli għaddej! Saru ħafna proġetti ta' junctions fejn

ħsibna għall-karozzi – għax dik hija l-problema li naħsbu biss għall-karozzi – u ma ħsibna fl-ebda mod kif noħolqu alternattiva minn fejn jgħaddu b'mod sigur is-sewwieqa tar-roti jew min ikun qed jimxi. Naħseb li hemm ħafna x'wieħed jista' jagħmel, imma dejjem ngħidu li m'aħniex naħsbu għaliha għax ma tantx hawn nies li jużawhom. Imma jien naħseb li ma tantx hawn nies li jużawhom għax iħossuhom fil-periklu jekk jużawhom minħabba li m'hawnx l-infrastruttura u l-leġiżlazzjoni meħtieġa.

F'dan il-pajjiż m'għandniex policy li tħares lil min ikun għaddej b'mod pedonali. Meta tikkomparah ma' bliet oħra Ewropej fejn f'kull junction issib zebra crossing minn fejn tibqa' għaddej, issib li dan il-pajjiż huwa nieqes ħafna miż-zebra crossings. Meta jsiru xogħlijiet fejn jinqalgħu l-bankini, jekk tkun barra minn Malta tara passaġġ immarkat u protett bil-barriers minn fejn wieħed jista' jgħaddi bla ma jkun f'xi periklu u x-xogħlijiet jibqgħu għaddejjin, filwaqt li hawn Malta tkun għaddej fuq il-bankina u ssibha maqlugħa bla ma ssib minn fejn tkompli għaddej bil-mixi. Riċentement fil-Gudja, ftit 'il bogħod minn fejn ngħix, kien hemm kullimkien maqlugħ għax kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet. Huwa tajjeb li jsiru x-xogħlijiet – ħalliha li forsi ħadu ż-żmien, imma ejja ngħidu li saru x-xogħlijiet – imma tara nies u anzjani jipprovaw jgħaddu minn ġot-tajn u l-gandotti għax ma jkunx hemm passaġġ sigur minn fejn tkun tista' tkompli għaddej.

Naħseb li hija problema fil-mentalità u fin-narrattiva tagħna f'dan il-pajjiż li fejn jidħol it-trasport ninsabu ffokati biss fuq il-karozzi, qisu bilfors kulħadd irid ikollu karozza. Fil-fatt, ftit tal-ġranet ilu, jidhirli fuq programm ta' diskussjoni fuq it-televiżjoni, kont qed nisma' lis-Sindku tal-Qala Paul Buttigieg jissuġġerixxi li min jixtri appartament għandu bilfors jixtri garaxx. L-ewwel nett, f'dan il-pajjiż qed ngħixu f'sitwazzjoni fejn iż-żgħażagħ u l-koppji bilkemm jaffordjaw jixtru appartament, aħseb u ara kemm se jġegħilhom jixtru garaxx ukoll, imma dikjarazzjoni bħal dik diġà qed tassumi li bilfors trid karozza. Jien naf nies single li jgħixu f'appartament u m'għandhomx bżonn karozza u allura m'għandekx iġġegħilhom jixtru garaxx bilfors. Jien naf min jgħix f'appartament u juża biss ir-rota biex idur. Imma x'qed nagħmlu biex l-appartamenti jkunu friendly għal min juża r-rota?

Sur President, naħseb li f'dan il-pajjiż trid tibda tinbidel il-mentalità biex f'dan il-qasam intejbu l-kwalità tal-ħajja tagħna billi nikkontrollaw il-problema tat-traffiku u fl-istess ħin nieħdu ħsieb l-ambjent għax inkunu qegħdin innaqqsu l-emissjonijiet li jikkawżaw it-tibdil fil-klima, li t-trasport huwa t-tieni l-akbar komponent li jikkawżahom. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, f'dawn l-aħħar ġranet il-Parlament kien qed jiddiskuti waħda mill-akbar kriżijiet li qegħdin niffaċċjaw bħala umanità. Nafu li ż-żmien qed jagħfas u naħseb li dan il-Parlament għandu jagħti iżjed importanza lil dan is-suġġett mhux biss b'abbozzi ta' liġi bħal dan li għandna quddiemna llum, imma bħala Kamra tad-Deputati, bħala rappreżentanti tal-poplu u ta' ġenerazzjonijiet iżgħar li jridu jkomplu jġorru din il-problema fuq spallejhom u eventwalment se jkunu dawk ta' warajhom li se jbatu l-konsegwenzi għall-azzjonijiet jew in-nuqqas ta' azzjonijiet tagħna.

Se ngħid minn issa li m'iniex se nagħmel diskors ta' aħna u huma, għax inħoss li dan it-tip ta' diskors jagħmel disservizz kbir lejn is-suġġett li qegħdin niddiskutu llum. Naħseb li l-Kap tal-Oppożizzjoni mal-ewwel ħames sekondi tad-diskors tiegħu telaq fuq nota ħażina għax kien diġà telaq fuq triq ultra partiġjana, u ma nistax nifhem għalfejn meta naħseb li lkoll nistgħu naqblu dwar it-triq 'il quddiem. Jekk nilagħbu l-karta tal-aħmar u tal-blu fuq dan is-suġġett, ma jirbaħ ħadd. Nixtieq ngħid din u ma nerġax insemmiha.

Irridu punt ċentrali għall-azzjonijiet relatati mal-klima. Nemmen li kull pajjiż għandu bżonn struttura formali li tassigura li nimxu lil hinn minn sempliċi kliem maħżuż fl-ilma lejn impenn strateġiku li jirrifletti l-pjanijiet tal-Gvern, il-miri u l-obbligazzjonijiet tal-pajjiż. Sakemm ma neħdux azzjonijiet deċiżivi u radikali, se nibqgħu mexjin dritt lejn ħsara katastrofika għall-pjaneta tagħna. Fil-verità nħoss li b'mod tanġibbli d-diskorsi u l-pjanijiet konkreti ta' azzjonijiet diretti biex id-dinja tiġġieled it-tibdil fil-klima għadhom jinħassu astratti wisq u bħal qisu ma jistgħux jintlaħqu. Forsi b'mod individwali, ħafna nies jarawha sfida li tmur ferm lil hinn minn

azzjonijiet li nistgħu nieħdu aħna bħala individwi.

Illum tkellimna u smajna ħafna dwar it-trasport u nixtieq nuża t-trasport bħala eżempju, għax it-trasport mhuwiex biss il-mod kif nivvjaġġaw bil-karozzi u l-vetturi tagħna, imma fundamentalment it-trasport jagħti dimensjoni differenti lill-ibliet u l-irħula tagħna, jinfluwenza l-istandards tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja tagħna u huwa attur prinċipali f'dan id-dibattitu fir-rigward tal-azzjoni dwar il-klima.

It-trasport jammonta għal madwar 30% tal-emissjonijiet f'pajjiżina u l-effetti tat-tniġġis mit-trasport f'Malta u Għawdex jinħassu ferm iżjed minħabba d-dipendenza fuq il-vetturi pivati tagħna. Sfortunatament għandna numru ta' karozzi fit-toroq tagħna li għandhom numru ta' snin u issa li f'pajjiżna diġà bdejna nwittu t-triq għal iżjed elettrifikazzjoni fit-trasport, din hija waħda mill-għodod biex niġġieldu t-tibdil fil-klima u ntejbu l-kwalità tal-arja.

Ovvjament hemm numru ta' sfidi li wieħed irid ikun konxju tagħhom mill-bidu, però naħseb li n-nies qegħdin juruna li hemm interess kbir f'dawn il-miżuri għax ikun hemm konkorrenza għall-inċentivi li jkun qed joħroġ il-Gvern minn żmien għall-ieħor. Nifhem li ħafna nies jistaqsu dwar ċerti miżuri, u din turi li bil-mod il-mod qegħdin naslu fejn nixtiequ. Ħalli nsemmi wħud minnhom, u se nibdew bl-għotja finanzjarja biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bl-elettriku li telgħet għal €11,000 jew €12,000 f'każ li tiġi użata l-iskema tal-iskrappjar tal-vetturi. Din hija kruċjali għax hemm sfida ta' affordabilità meta wieħed jiġi biex jixtri karozza tal-elettriku meta mqabbel ma' karozza petrol jew diesel. Però din hija waħda mill-aktar miżuri li jfittxu n-nies u hija importanti ħafna għax turi li l-mentalità bil-mod il-mod qed tinbidel u l-konsumatur qed iħares lejn għażliet differenti fis-suq. Qed jingħataw ukoll tariffi vantaġġjużi biex tiċċarġja l-vetturi elettriċi fid-djar residenzjali, u din hija wkoll xi ħaġa li naraha pożittiva fid-dawl li l-konsumatur Malti diġà jħallas fost l-orħos tariffi fl-Ewropa biex jiċċarġja l-karozza elettrika. Il-Gvern ta għotja li qed tinċentiva x-xiri ta' muturi żgħar li jaħdmu bil-petrol u għotja għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol. Hemm ukoll l-eżenzjoni tal-vetturi elettriċi u plug-in hybrids mit-taxxa tar-reġistrazzjoni u mill-ħlas tal-liċenzja annwali tat-triq għal ħames snin. Hawn qed insemmi l-miżuri prinċipali li juru d-direzzjoni li rridu nieħdu. Juru li bdejna nwittu t-triq imma sintendi għad fadal ferm iżjed x'nagħmlu.

L-isfida immedjata hija infrastruttura adegwata biex tiffaċilita dan kollu. Irridu nkomplu nestendu n-network ta' charging pillars u rridu nkunu ambizzjużi fil-miri tagħna f'dan ir-rigward. Ma' dan il-punt nixtieq inżid li rridu nassiguraw li dawn ikunu qegħdin joperaw b'mod li wieħed jista' joqgħod fuqhom. Ma rrid lil ħadd jaħsibha darbtejn, imma nassigura li iżjed ma jgħaddi żmien, il-konsumatur jibda jħares lejn il-vettura elettrika bħala l-għażla naturali tiegħu. Illum hawn min forsi jidħak b'din l-idea u niltaqgħu ħafna magħha, sfortunatament. Naf x'inhu s-sentiment ta' wħud hemm barra, però din hija bidla fil-mentalità li rridu nkomplu niffaċilitawha billi nagħmluha soluzzjoni aktar prattika u attraenti. L-infrastruttura taċ-charging trid tibqa' ssir iżjed wiesgħa, iżjed aċċessibbli u iżjed ta' min joqgħod fuqha. Il-konsumatur għandu jkun il-promotur ewlieni ta' din it-tranżizzjoni billi jkun f'pożizzjoni li jkun jista' jagħmel għażliet informati fejn wieħed jifhem li biex nindirizzaw din l-isfida li għandna quddiemna ma jfissirx neċessarjament li rridu niċċaħħdu mill-kwalità ta' ħajja għolja jew minn ċerti kumditajiet.

Jien naħseb li sfortunatament, ħafna drabi għad hemm din il-mentalità li jekk tagħmel għażla favur l-ambjent ifisser li, b'xi mod, qed tiċċaħħad minn xi ħaġa jew li qed tmur għal għażla li hija inqas konvenjenti. Naħseb li huwa dmir tagħna u tal-Gvern li nkomplu nindirizzaw din l-istigma, għax it-triq li rridu nieħdu ma tfissirx li rridu nċaħħdu lilna nfusna minn ċerti kumditajiet, imma li biex naslu fejn irridu naslu nibdew nużaw vettura bla emissjonijiet.

It-trasport pubbliku wkoll għandu rwol importanti hawnhekk għax irridu mmexxu bl-eżempju. Il-Gvern ftit tax-xhur ilu ħabbar investiment storiku ta' €20 miljun biex ikollna l-elettrifikazzjoni tas-sistema tat-trasport pubbliku. Introduċejna madwar 30 xarabank ġdida fil-flotta tagħna u ninsabu kommessi li jkomplu jiżdiedu fiż-żmien li ġej. Din timxi id f'id mal-fatt li s-servizz tal-karozzi tal-linja beda jingħata b'xejn u wieħed ma jridx jinsa li minkejja li dawn huma miżuri iżgħar, huma anċillari u importanti ħafna meta tara l-istampa kollha.

L-iskema tat-trasport b'xejn għall-istudenti fil-primarja u s-sekondarja u dawk li jmorru l-iskejjel tal-Knisja jew indipendenti ma rridux narawhom biss bħala miżuri sekondarji jew li qed iħallu aktar flus fil-bwiet tal-familji tagħna. L-għan tagħhom hu li nnaqqsu l-ivvjaġġar tal-vetturi privati għall-iskejjel biex inkomplu nindirizzaw il-konġestjoni tat-traffiku u nnaqqsu t-tniġġis tal-arja. Fis-settur pubbliku qegħdin nagħtu eżempju bl-introduzzjoni ta' aktar vetturi elettriċi bħala parti mill-flotta tagħna. Apparti minn hekk, nifhem li l-Gvern jinsab kommess li fis-snin li ġejjin il-vetturi kollha tas-Servizz Pubbliku se jkunu qed jaħdmu bl-elettriku. Din hija xi ħaġa importanti ħafna.

Fis-settur privat ukoll irridu nkomplu ninkoraġġixxu kumpaniji privati u negozji biex jaqilbu l-flotta tagħhom għal dik elettrika. Jidhirli li hemm numru ta' tax credits u self bla interessi li n-negozji jistgħu jibbenefikaw minnhom. Hemm numru ta' skemi, jiġifieri qegħdin nagħmlu bosta inċentivi li se jiffaċilitaw il-qabża li rridu nagħmlu fil-politika ambjentali tagħna. Ħafna drabi nitkellmu dwar il-vetturi privati, però lil hinn mill-karozzi rridu nkomplu nħarsu lejn bidla fil-mentalità fil-mod kif naslu minn post għall-ieħor, lil hinn mill-mudell tradizzjonali tal-karozzi.

Irridu nibqgħu ninvestu fit-titjib tal-infrastruttura biex nippromwovu l-mixi, l-użu tar-roti u l-użu tat-trasport pubbliku. Nemmen li l-inċentivi li daħħalna fl-aħħar snin kienu ta' kontribut biex aktar nies qegħdin jużaw ir-roti, il-pedelecs, il-muturi u l-iscooters minflok il-karozzi tagħhom. Kemm nieħu pjaċir meta persuna tiġi tgħidli li m'għadhiex tuża l-karozza privata tagħha u tixtieq tbigħha, għax dan juri li bil-mod il-mod qegħdin naslu fejn nixtiequ naslu b'dawn it-tip ta' inċentivi.

Fil-verità, dan il-pajjiż għandu bżonn aktar korsiji maħsubin apposta għar-roti u għal min ikun qed jimxi bħala parti integrali mill-proġett. Irridu nkomplu ntejbu n-network tal-karozzi tal-linja. Din hija xi ħaġa li verament nixtieq naraha f'pajjiżi, għax hemm ħafna potenzjal li għadna ma lħaqniex. Iċ-ċokon ta' pajjiżna jien ma narahx bħala ostaklu imma bħala xi ħaġa li għandha tħeġġiġna naħdmu aktar biex nutilizzaw dawn il-modi differenti ta' trasport biex naraw li jkollna viżjoni holistika għal dan is-settur.

Nieħu pjaċir nara spazji aktar siguri biex inħajru aktar persuni jużaw mezzi alternattivi ta' vvjaġġar. Qegħdin jinbnew aktar pontijiet pedonali b'rampi apposta biex jintużaw b'aktar kumdità miċ-ċiklisti fil-Blata l-Bajda, il-Gudja u ħdejn l-MCAST. Nemmen ħafna fil-ħtieġa li t-toroq tagħna jkunu aktar siguri għaċ-ċiklisti u rrid nara involviment akbar ta' rappreżentanti tagħhom. Hawn insemmi lill-NGO Rota li nħobb insegwi l-ħidma tagħhom u naħseb li għandhom ħafna x'jikkontribwixxu f'dan is-settur. Huwa importanti li l-vuċi tagħhom tkun qiegħda hemmhekk mill-bidu nett sabiex naraw li l-bżonnijiet tagħhom nikkonsidrawhom mill-bidu nett meta jsir xi proġett ħalli l-proġetti jsiru bl-aħjar mod possibbli.

Hemm ukoll it-trasport bil-baħar. Mela apparti li rridu noħolqu kultura li tħajjar aktar nies jivvjaġġaw bir-roti u jagħmlu użu mit-trasport pubbliku, naħseb li bħala gżira għandna d-dover sagrosant li nsaħħu u nutilizzaw il-potenzjal kollu tas-servizz tal-ferry bil-baħar. Jiġifieri wara l-introduzzjoni tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex, bqajna naraw x'mezzi alternattivi nistgħu nutilizzaw. Qed tkompli l-ħidma biex jiżdied in-numru ta' mollijiet biex ikunu jistgħu jinħolqu rotot alternattivi u titnaqqas id-dipendenza fuq il-vetturi tagħna. Minn din is-sena, in-nies li għandhom Tallinja card bdew jivvjaġġaw b'xejn fuq il-harbour ferry bejn il-Belt Valletta, Tas-Sliema u l-Kottonera.

Ħadt pjaċir nara li l-istatistika turi li s-sena l-oħra kważi nofs miljun passiġġier ivvjaġġaw bejn il-Belt u l-Kottonera b'dan il-mod. Dan juri li meta jkun hemm l-aċċessibbiltà għal dawn it-tip ta' miżuri se jkun hemm l-interess, u naħseb li dan għandu jqawwilna qalbna għat-triq 'il quddiem. Jien ma niħux pjaċir nisma' diskorsi li huma biss doom and gloom. Naf li l-isfidi qegħdin hemmhekk, però wieħed jista' jara li meta introduċejna dawn it-tip ta' miżuri, kien hemm interess għalihom. Dan għandu jqawwilna qalbna għax bħala pajjiż bil-mod il-mod mexjin fid-direzzjoni t-tajba.

Sfortunatament għal wisq żmien il-politika ambjentali kienet nieqsa mil-leadership li kien hemm bżonn u għalhekk naħseb li t-twaqqif ta' din l-awtorità se jkun pass importanti. Permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi mhux biss qegħdin nirrikonoxxu din l-isfida, imma qegħdin nibagħtu messaġġ b'saħħtu li rridu nieħdu r-riedni f'idejna aktar minn qatt qabel. F'dan il-każ, għalija ċ-

ċokon ta' pajjiżna huwa irrelevanti. Hawn min jgħid x'effett jista' jkollna meta mqabblin ma' pajjiżi tant u tant akbar minna, imma jien ma naċċettahx dan it-tip ta' raġunament għax pajjiżna jrid ikun leader f'dan ir-rigward u rridu nibqgħu nagħmlu kull sforz possibbli biex inġibu l-bidla meħtieġa. Anzi, naħseb li ċ-ċokon ta' pajjiżna għandu jkun ta' vantaġġ biex naraw li l-politika ambjentali nibqgħu nsaħħuha fuq il-binarji kollha. U issa se nkunu nistgħu ninkluduhom f'din l-awtorità biex inkunu nistgħu naslu fejn irridu naslu.

Il-promozzjoni ta' trasport sostenibbli hija biss parti minn ħolqa ta' azzjonijiet li qegħdin nieħdu u li rridu nkomplu nieħdu fiż-żmien li ġej. Hija parti kritika mill-aġenda tagħna li tirrappreżenta opportunità biex intejbu saħħitna, insaħħu l-kwalità tal-ħajja tagħna, nindirizzaw il-konġestjoni fil-bliet u fl-irħula tagħna u naqdu aħjar iż-żoni rurali. L-għan irid jibqa' jkun li permezz tal-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni dwar il-klima nimminimizzaw l-impatt tal-bidliet li nixtieqU nagħmlu fuq dawk l-iżjed vulnerabbli, fuq il-ħaddiem u fuq is-self-employed. Il-ġustizzja soċjali u dik ambjentali jridu jimxu id f'id. Din hija xi ħaġa li għandna nżommu f'moħħna. Għalhekk qiegħda nsemmi dawn il-miżuri u l-inċentivi finanzjarji, għax din hija ġlieda tagħna lkoll flimkien, imma rridu nirrikonoxxu li mhux kulħadd jiflaħ iġorr l-istess piż.

Sur President, jien inħares 'il quddiem li nkomplu dan id-dibattitu b'mod matur lil hinn minn din l-awtorità u minn dan l-Abbozz ta' Liġi, però id f'id mal-ġenerazzjonijiet iż-żgħar li naf kemm dan is-suġġett huwa għal qalbhom. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Jekk m'hawnx aktar rimarki nistieden lill-Ministru Miriam Dalli biex tagħmel il-winding up.

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir):** Sur President, Malta hija determinata li tibqa' miexja 'l quddiem fl-impenn lejn id-dekarbonizzazzjoni bi kwalità ta' ħajja aħjar għall-familji f'pajjiżna. Fid-diskussjoni li kellna proprju fl-aħħar jiem dwar it-twaqqif tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima ħareġ biċ-ċar li t-triq 'il quddiem li qed nipproponu bħala Gvern hija essenzjali biex niżguraw li pajjiżna jilħaq il-miri tiegħu dwar il-klima, filwaqt li nallokaw ir-riżorsi meħtieġa ħalli nadattaw għat-tibdil li diġà qed jaffettwa diversi oqsma tal-ħajja tagħna, mhux biss internazzjonalment imma anke f'pajjiżna. Għalhekk nirringrazzja lill-kelliema li ħadu sehem fit-Tieni Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, għax tkellimna wkoll dwar kif flimkien bħala soċjetà qed nieħdu ħafna inizjattivi li qegħdin jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi tagħna. Hawn mhux qed nirreferi biss għall-inizjattivi tal-Gvern u l-entitajiet pubbliċi imma wkoll is-sehem importanti li jagħtu s-settur privat, l-għaqdiet volontarji u l-familji tagħna.

Meta nitkellmu dwar azzjoni klimatika ma nistgħu neskludu lil ħadd u fis-snin li ġejjin ilkoll kemm aħna rridu nkunu qed nikkontribwixxu għal azzjoni klimatika b'saħħitha. Għandna rwol kruċjali biex flimkien intaffu l-impatt tat-tibdil fil-klima u noħolqu ambjent aħjar fejn ngħixu. Qed nieħdu dan il-pass għax irridu niżguraw li dan l-impenn kollettiv jimxi fid-direzzjoni meħtieġa b'inizjattivi li huma bbażati wkoll fuq ix-xjenza. Biex naċċertaw dan irridu awtorità b'saħħitha, bl-għodod tekniċi u amministrattivi biex tiggwida l-azzjoni klimatika ta' Malta u Għawdex fuq kull livell.

L-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima l-ġdida se tkun l-ispalla u l-gwida ta' kull azzjoni klimatika f'pajjiżna. Huwa proprju għalhekk li meta ġejna biex nagħżlu x'tip ta' entità ridna għat-tmexxija tal-azzjoni klimatika morna għall-ogħla istituzzjoni possibbli, jiġifieri awtorità nazzjonali, għax ridna li għal ħidma daqstant kruċjali li trid tibqa' għaddejja għal ħafna snin, l-aħjar mezz huwa li jkun hemm awtorità li topera indipendentement minn entitajiet oħra, imma b'kollaborazzjoni kontinwa magħhom.

Issa se niffoka fuq l-emissjonijiet għal kull persuna f'pajjiżna, għax huwa tajjeb li ngħidu li l-aħħar statistika tal-Unjoni Ewropea turi li f'Malta għandna l-inqas ammont ta' tniġġis għal kull persuna, però dan ifisser li rridu naħdmu aktar biex naraw tnaqqis ikkomparat ma' min iniġġes ħafna aktar minna. Hawn ma nistax ma nsemmix kif għal darb'oħra rajna politika pjuttost dgħajfa min-naħa tal-Oppożizzjoni. Rajna politika ta' ħafna kliem, fejn f'dawn il-jiem smajniehom jgħidulna li din hija l-awtorità li riedu jagħmlu huma, u għal min irrealizza qegħdin nitkellmu fuq awtorità għax sal-lum l-Onor. Bernard Grech għadu qed isejħilha aġenzija.

Qalulna wkoll li poġġewha fil-manifest elettorali, imma huwa tajjeb li ngħidu li t-test elettorali mhuwiex kemm tpoġġi ideat sbieħ fil-manifest, imma liema manifest ikun kredibbli u fattibbli biżżejjed biex jikseb il-mandat tal-poplu. Allura t-test tat-tmexxija mhuwiex kemm tparla imma kemm fir-realtà tkun qed twettaq. Huwa tajjeb li wieħed jistaqsi x'għamlet l-Oppożizzjoni meta kienet fit-tmexxija. U hawnhekk, Sur President, ippermettili nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni li kien għamel il-Konsulent Maniġerjali David Spiteri Gingell, fejn spjega kif Gvern Nazzjonalista kien ġab ruħu meta kellu ċ-ċans, kieku ried, jieħu azzjoni dwar it-tibdil fil-klima.

Għaldaqstant inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu mtella' fuq il-midja soċjali mis-Sur David Spiteri Gingell, Management Consultant.

Huwa jispjega kif fl-2009, il-Kabinett ta' Gvern Nazzjonalista kien ippreżentat bi proposta għal aġenzija dwar it-tibdil fil-klima, iżda skont is-Sur Spiteri Gingell kien ġara hekk:

> "The Principal Permanent Secretary Dr Godwin Grima at the time torpedoed this when it was presented to Cabinet. It was never set up."

Jiġifieri lanqas aġenzija ma riedu dakinhar, aħseb u ara kemm riedu awtorità. Waqt din id-diskussjoni rajna wkoll Deputati tal-Oppożizzjoni jispjegawlna l-proposti tagħhom favur il-klima, li ħafna drabi jeħduna lura għal żmien Gvern Nazzjonalista ta' qabel l-2013. Erġajna smajna proposta li l-Oppożizzjoni għamlet fil-passat fejn riedu kważi jikkastigaw lin-negozji li ma jilħqux il-miri ambjentali billi jċaħħduhom mill-għajnuniet tal-Gvern. Imbagħad illum l-Onor. Bernard Grech qalilna li għall-Partit Nazzjonalista t-tibdil fil-klima jfisser xi ħaġa li tkun komplementari mal-progress ekonomiku, imma mbagħad ried idaħħal il-prinċipju tal-ESG filwaqt li jippenalizza lill-intrapriża. Ikolli ngħid li din hija Oppożizzjoni b'memorja qasira li mal-milja taż-żmien tbiddel il-verżjoni li tkun qalet u Oppożizzjoni li sal-ġurnata tal-lum għadha trid tippenalizza lin-nies kif smajna aktar minn darba waqt dan id-dibattitu.

Hawn bilfors ikolli nasal għall-konklużjoni li s-soluzzjoni tal-Partit Nazzjonalista hija li dejjem iżżid il-piż fuq il-familji u n-negozji filwaqt li aħna b'differenza qed noffru soluzzjonijiet li jinċentivaw u mhux jikkastigaw. Minflok ma għolla t-taxxi, il-Gvern Laburista ħadem biex Malta saret it-tieni pajjiż fl-Ewropa bit-trasport pubbliku b'xejn u ftit ġimgħat ilu estendejna din l-inizjattiva għas-servizz tal-ferries fil-portijiet. Għax nemmnu fil-poplu tagħna u għandna għal qalbna l-familji Maltin u Għawdxin, is-soluzzjonijiet tagħna jinċentivaw u joffru opportunitajiet.

Reġgħu qalulna li m'għandniex nibqgħu noffru kontijiet stabbli tal-enerġija. Għaddew madwar 15-il sena minn mindu Gvern Nazzjonalista għolla l-kontijiet għal darba, darbtejn, u kisser l-ekonomija tal-pajjiż, u tibqa' tisma' l-istess retorika! Qed jibqgħu jinsistu li meta jogħla l-prezz internazzjonali, il-piż għandu jintefa' fuq il-poplu. Din reġgħu qaluhielna waqt din id-diskussjoni u smajna wkoll diskorsi ta' min kważi għadu ffissat bil-pjan li jogħlew il-kontijiet.

Kif semmejt fil-bidu ta' din id-diskussjoni, l-għajnuna li qed nallokaw għall-istabilità fil-kontijiet tal-enerġija mhumiex kapriċċ, imma huma investiment fil-potenzjal tal-familji u tan-negozji tagħna. Huma konferma tal-fiduċja ta' dan il-Gvern fil-poplu għax nemmnu li meta tinċentiva lill-familji u lin-negozji, minn jeddhom jibdew ifittxu li jinvestu aktar fl-effiċjenza, f'ħajja aktar sostenibbli u f'teknoloġiji li jniġġsu inqas. Dan narawh meta noħorġu l-iskemi għal sistemi ta' enerġija rinnovabbli. Filwaqt li f'dawn l-iskemi nkunu qegħdin noffru għajnuna lill-familji u lin-negozji, dawn imbagħad joħorġu l-investiment tagħhom, u allura l-istabilità fil-kontijiet tal-enerġija – anke meta nitkellem ma' stakeholders differenti – hija r-raġuni ewlenija għalfejn il-familji f'Malta u Għawdex qed imorru għal din l-innovazzjoni, imma wkoll għax qegħdin igawdu minn kwalità ta' ħajja aħjar. Din hija d-differenza bejn Gvern li għandu għal qalbu l-komunitajiet tagħna u Oppożizzjoni li tagħmilha ċara li trid iżżid il-piżijiet.

F'din id-diskussjoni rajna Oppożizzjoni li jew ma tiċċekkjax il-fatti jew saħansitra tgħawweġ il-verità. Se nsemmi xi eżempji; wieħed minnhom fejn qalulna li wasal iż-żmien li l-Awtorità tal-Ippjanar tinforza bis-serjetà l-policy ta' one apartment, one car space, li fil-liġi qiegħda

hemm, imma Gvern Laburista biex jakkomoda lil xi ħadd neħħa din il-policy jew daħħal eċċezzjoni li jekk tħallas multa tista' ma tagħmilx garaxx jew car space. Hawnhekk il-kelliem tal-Oppożizzjoni kien qed jirreferi għall-Commuted Parking Payment Scheme (CPPS). Issa din l-eċċezzjoni li skont il-Partit Nazzjonalista saret minn dan il-Gvern daħlet fis-seħħ fl-1993, aktar minn 20 sena ilu. Jiġifieri saret mill-istess Gvern Nazzjonalista li ftit snin wara estenda ż-żoni tal-iżvilupp u kkawża l-qerda ta' ħafna artijiet naturali u agrikoli f'kull lokalità. Għandna Oppożizzjoni li teżalta bil-kliem u bl-esaġerazzjoni, però tfalli meta tiġi għall-fatti.

B'xorti tajba l-poplu Malti mhux qed jaqa' għall-kliem fieragħ u qed jafda t-tmexxija ta' pajjiżna f'idejn Gvern li kapaċi jwettaq. Gvern Laburista jemmen li l-azzjoni klimatika tinfirex fuq kull ħidma u kull inizjattiva tal-pajjiż. Qed naħdmu biex nilħqu l-miri li hawn quddiemna biex inwettqu l-azzjoni ta' addattament permezz ta' oqsma u setturi differenti. Issa żewġ pilastri ewlenin tal-ħidma ta' dan il-Gvern lejn it-tranżizzjoni ekoloġika huma d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija u l-investiment f'aktar enerġija rinnovabbli. Il-pjan li qegħdin inwettqu fis-settur tal-enerġija jorbot dawn il-prijoritajiet mal-politika tagħna ta' stabilità u affordabilità, għax irridu niżguraw li din it-transizzjoni ma toħloqx piżijiet fuq il-familji jew l-intrapriżi f'pajjiżna.

Minkejja li għad jonqos aktar ħidma u investiment biex naslu għall-objettivi finali tal-pjan tagħna, diġà għamilna passi kbar 'il quddiem. F'dawn l-aħħar għaxar snin kellna l-qalba mill-heavy fuel oil għall-gass, fejn il-Gvern diġà naqqas l-emissjonijiet tas-settur tal-enerġija b'60%. Issa qed inkomplu ninvestu u nixprunaw investiment privat biex l-energy mix ta' pajjiżna jkollha ferm aktar sorsi ta' enerġija li ma jniġġsux.

Fil-fatt pajjiżna diġà qabeż il-mira ta' 11.5% li kellna nilħqu sas-sena 2030 u l-aħħar statistika uffiċjali tindika li sal-aħħar tal-2022 kellna 13.4% tal-enerġija ta' pajjiżna ġejja minn sorsi rinnovabbli. Dan ma jinkludix is-sistemi li ġew stallati s-sena li għaddiet. Iva, dawn huma riżultat inkoraġġanti u nemmen li b'aktar ħidma kollettiva mill-Gvern, mill-familji, mis-settur privat u minn stakeholders oħrajn nistgħu nibqgħu nżidu s-sehem tar-rinnovabbli f'pajjiżna ferm u ferm aktar. Aħna se nibqgħu naħdmu biex din iż-żieda tkompli tqarribna lejn il-mira finali tan-newtralità fil-klima sas-sena 2050.

Element ieħor tal-azzjoni klimatika fil-ħidma ta' dan il-Gvern huwa l-impenn lejn ambjent aħjar, kemm fil-postijiet fejn ngħixu kif ukoll fl-ambjent naturali. Smajna ħafna kritika inġusta mill-Oppożizzjoni bħal, pereżempju, għall-ħidma tal-ERA. Għalija hija ħasra li l-Oppożizzjoni tipprova żżeblaħ jew iġġib fix-xejn il-ħidma ta' xjentisti tekniċi li jaħdmu f'din l-Awtorità mingħajr ma tirrikonoxxi x-xogħol siewi tagħhom biex inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna.

Sur President, nhar l-Erbgħa smajna lill-Oppożizzjoni tattakka lill-awtoritajiet nazzjonali u għajruhom inkompetenti. Bħal donnu l-Oppożizzjoni tinsa li wara kull entità pubblika hemm ħafna ħaddiema u esperti li jwettqu xogħolhom b'dedikazzjoni għal sena wara l-oħra u amministrazzjoni wara l-oħra. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawn il-ħaddiema. Gvern Laburista se jibqa' jappoġġja u jinkoraġġixxi lil dawn l-awtoritajiet b'aktar riżorsi biex jilħqu l-għanijiet tagħhom u hekk ukoll qed nipproponu li nagħmlu lill-Awtorità ġdida għall-Azzjoni dwar il-Klima. Ilkoll qed naqblu dwar l-importanza ta' din l-Awtorità u għalhekk irridu niżguraw li jkollna r-riżorsi meħtieġa u l-appoġġ tal-istakeholders kollha f'pajjiżna.

Il-kapaċità tal-poplu tagħna li jaddatta u jqum għall-okkażjoni hija proprju l-bażi tal-politika ta' dan il-Gvern. Mhux Gvern li jisforza l-bidla bil-piżijiet, imma Gvern li jinkoraġġixxi bidla pożittiva bl-inċentivi, bl-appoġġ u bil-fiduċja. U din se tkun il-missjoni ta' din l-awtorità ġdida. Irridu awtorità li tmexxi skont dak li titlob ix-xjenza, però fl-istess waqt tispira u tixpruna lill-komunitajiet f'Malta u Għawdex biex jagħtu s-sehem tagħhom fit-transizzjoni ekoloġika lejn futur li ma jniġġisx u dekarbonizzat, lejn ambjent aħjar u lejn in-newtralità fil-klima.

Sur President, Gvern Laburista jemmen li flimkien bħala poplu wieħed nistgħu nilħqu l-miri li għandna quddiemna biex inwettqu l-pjanijiet għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Nemmnu li din hija l-missjoni ta' kulħadd li tirrikjedi li lkoll kemm aħna niġbdu ħabel wieħed u nfittxu soluzzjonijiet li, wara kollox, igawdi minnhom kulħadd. Biex nieħdu azzjoni klimatika hemm post għal kulħadd, għal dawk kollha li jemmnu fil-ħila u fil-kapaċità ta'

pajjiżna u tan-nies tiegħu u għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom lil Malta u Għawdex.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-azzjoni klimatika trid twassalna biex niżguraw li l-ambjent ta' madwarna, jiġifieri d-djar, it-toroq, il-lokalitajiet, il-kampanja, l-ikel li nieklu, l-arja, il-postijiet tax-xogħol u l-ibħra tagħna, kollha jibqgħu postijiet sostenibbli fejn ngħixu ħajja aħjar u fejn ngħixu ħajja aktar b'saħħitha. Nemmen li b'hekk biss verament inkunu nistgħu nkunu f'pożizzjoni li nħallu pajjiż sostenibbli mhux biss għalina, imma wkoll għal dawk ta' warajna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jiġi stabbilit qafas legali għall-azzjoni klimatika u biex jiġi pprovdut l-istabbiliment ta' korp ġuridiku li għandu jkun magħruf bħala l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima u sabiex jipprovdi għal kwalunkwe materja konnessa jew anċillari għalih" ikun moqri t-Tieni Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## PERMESS TAL-KAMRA

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, nitlob il-permess sabiex inressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

**L-ISPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. MIRIAM DALLI**: Sur President, nipproponi li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

**L-ISPEAKER**: Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA**: Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hija l-Mozzjoni kif imressqa mill-Ministru. Dawk favur? (Onor.Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

*Fis-6.26 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-Aġġornament.*

**L-ISPEAKER:** Nitlob lill-Ministru Miriam Dalli biex, jekk jogħġobha, tressaq l-Aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 20 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) - Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari (Kont.);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti -Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali - Tieni Qari;

Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 – Kontinwazzjoni;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Tielet Qari.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima - Kumitat Permanenti.

**L-ISPEAKER**: Grazzi. Rimarki? L-Onor. Edward Zammit Lewis.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Sur President, l-iskop tal-Aġġornament proċeduralment hu li jkollok ftit ħin biex tittratta punti importanti fuq dak li jkun għaddej. Bħalissa ċertament hemm punti li għandhom sfumaturi ta' Unjoni Ewropea u ta' Malta għax Malta hija parti mill-Mediterran, parti mill-Ewropa u parti mid-dinja u hija Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk fil-ħin allokat lili nixtieq nagħmel dawn l-erba' punti importanti.

L-ewwel punt huwa dwar il-kwestjoni ta' Alexei Navalny. It-tieni punt huwa dwar il-Konferenza dwar is-Sigurtà li seħħet fi Munich b'enfasi fuq dak li qed jiġri fl-Istrixxa ta' Gaża u lil hinn mill-Istrixxa ta' Gaża u dak li ilu jiġri fl-Ukrajna. It-tielet punt huwa dwar il-kwestjoni tal-bdiewa u r-raħħala tagħna b'referenza għall-fatt li l-Common Agricultural Policy, li hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea, riċentement għalqet 60 sena. Ir-raba' punt huwa l-attiviżmu ġudizzjarju kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li bejniethom jaffettwaw lil xulxin u joħolqu żviluppi li mhumiex biss ġudizzjarji imma wkoll politiċi u għalhekk jaffettwaw lil pajjiżna.

Se nibda mill-kwestjoni ta' Alexei Navalny li huwa persuna li kellha l-opinjonijiet tiegħu dwar il-Gvern tar-Russja – se nipprova nkun oġġettiv – li miet f'ħabs fl-Artiku li jaqa' taħt ir-Russja f'ċirkostanzi li qajmu suspetti mhux biss fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea imma anke fil-komunità internazzjonali. Ovvjament, Malta bħala Membru attiv tal-Komunità Internazzjonali, bħala Membru li qed tippresiedi

l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa u Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, qed titlob għal investigazzjoni indipendenti.

Skont l-iżviluppi li kellna sal-aħħar sigħat, is-sitwazzjoni kienet li la l-avukati u lanqas omm Navalny ma ġew ammessi fil-kamra mortwarja. Ċertament li l-appell ta' pajjiżna għandu jkun li ssir investigazzjoni indipendenti, aktar u aktar meta għandna sitwazzjoni li dan il-pajjiż partikolari huwa l-aggressur ta' pajjiż ieħor fl-Ewropa fejn għandna gwerra għaddejja. Għaldaqstant nilqa' l-appell li għamel il-Ministru għall-Affarijiet Barranin li ssir investigazzjoni indipendenti biex naraw is-sitwazzjoni ta' din il-persuna. Bħala President tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin u Ewropej nitlob li dan isir u nemmen li l-kollegi tiegħi fl-istess Kumitat jesiġu dan kollu u se nkunu qed naraw din is-sitwazzjoni mill-qrib.

It-tieni punt huwa dwar il-kwestjoni tal-bdiewa f'pajjiżna, li naf li kien suġġett topiku importanti fl-aħħar jiem. Għandna politika agrikola Ewropea b'baġit mill-2023 sal-2027 li jinsab għaddej b'impenji, u tħares minn fejn tħares m'hemmx dubju li l-Gvern kien u se jibqa' tarka għall-bdiewa u r-raħħala. Nemmen li l-agħar ħaġa li nistgħu nagħmlu fiċ-ċirkostanzi hi li jkun hemm kontestazzjoni jew politika partiġjana fil-protezzjoni tagħna għal dan is-settur li ekonomikament wieħed jista' jgħid li huwa żgħir inkwantu l-kontribuzzjoni tiegħu għall-GDP, però rridu ngħidu li għandu funzjoni strateġika importanti li ħadet aktar relevanza meta f'pandemija rajna kemm huwa importanti li jkollna provvisti f'pajjiżna stess.

Minkejja li aħna pajjiż żgħir li jiddependi ħafna mill-importazzjoni, huwa importanti li nagħtu importanza lil dan is-settur. Għalhekk lill-bdiewa u r-raħħala rridu nagħtuhom l-appoġġ tagħna. Bla dubju l-isfidi huma kbar f'pajjiż li jimporta l-maġġoranza tal-prodotti tiegħu u storikament dejjem iddependa mill-importazzjoni. Ma ninsewx li l-Common Agricultural Policy kienet waħda mill-ewwel, jekk mhux l-ewwel, politika li għamlet dak iż-żmien il-European Economic Community (EEC) għax ħasset li hemm bżonn ta' sostenn, hemm bżonn protezzjoni u hemm bżonn miżuri tas-suq fuq livell ta' Komunità Ekonomika Ewropea biex tgħinhom u tagħtihom sostenn.

U hemm raġunijiet għal dan, Sur President. Għalkemm il-produzzjoni tal-ikel hija importanti, id-dħul tal-persuni li jagħmlu din il-produzzjoni, li huma l-bdiewa, dejjem baqa' madwar 40% inqas minn produzzjonijiet oħra meta kkomparat ma' produzzjonijiet industrijali. Ovvjament, l-agrikoltura hija dipendenti mill-klima – hawn mhu qed ngħid xejn ta' barra minn hawn – u meta jkollok staġun ħażin, biex ngħidu hekk, il-bejgħa tiegħek tispiċċa, għax dak li kont se tipproduċi jispiċċa fix-xejn. Dan ifisser xhur mhux b' nuqqas ta' dħul imma bla ebda dħul.

Punt ieħor huwa l-problema ta' meta jkollok id-domanda għall-prodott sakemm tipproduċih. Din mhijiex produzzjoni industrijali fejn għandek bżonn 100 karozza u għandek kapaċità li tipproduċihom f'ġimgħa jew ġimagħtejn, għax ovvjament għalkemm ikun hemm domanda għal prodott agrikolu partikolari, hemm ħafna varjabilità sakemm tasal biex tagħti l-prodott aħħari. Dawn huma kollha aspetti li jimmilitaw favur il-bdiewa tagħna. Aħna nagħtuhom il-protezzjoni, imma huma jridu jifhmu wkoll li bħala pajjiż u bħala Gvern ninsabu marbutin bil-forzi tas-suq u bil-libertajiet tas-suq li jagħti s-suq ħieles intern tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri r-regoli u l-manuvrar li jista' jagħmel il-Gvern huma limitati.

Din se neħodha minn żewġ aspetti. Jien fl-esperjenza tiegħi rajt li l-Franċiżi għandhom settur agrikolu kbir u b'saħħtu u huma l-aktar voċiferi biex jibqgħu jieħdu l-fondi mill-Common Agricultural Policy, jiġifieri nara kif il-Franċiżi jaqbżu għas-settur agrikolu, u hekk għandhom jagħmlu. Dan ma jnaqqas xejn mid-determinazzjoni tal-Gvern tagħna li jagħmel l-istess u juri l-istess determinazzjoni anke f'ambitu ta' Unjoni Ewropea u f'ambitu ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-bdiewa tagħna. Jiġifieri l-bdiewa tagħna jridu jkunu konxji mir-restrizzjonijiet li għandna fl-Unjoni Ewropea.

Issa ma rridx ninstema' negattiv u, biex inkun ċar, fl-Unjoni Ewropea ma dħalniex biss minħabba s-settur agrikolu. Ejja nżommu d-diskussjoni f'perspettiva, għax l-ambitu b'mod ġenerali huwa wieħed pożittiv, però ovvjament kulħadd iħoss tiegħu u kulħadd imiss il-pjaga tiegħu. Ċertament irridu naqbżu għalihom fil-limiti tagħna politikament, hekk kif jagħmlu l-Franċiżi li għadni kif tajt eżempju prattiku li huma l-aktar li jieħdu fondi mill-Unjoni Ewropea għall-Common Agriculture Policy.

Punt ieħor li nixtieq inqajjem huwa dwar xi aspett li smajt lill-Prim Ministru jagħmel referenza qasir għalih, però ma kienx hawn dibattitu f'din il-Kamra dwaru. U ngħid li hija ħasra li ma kienx hawn is-sentenzi li qed jingħataw fil-Qrati muniċipali – jiġifieri fi Qrati ta' Stati Membri – fejn qed jirregolaw il-baġit u l-imġiba tal-Kummissjoni. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea Koen Lenaerts jgħid li r-relazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mal-Istati Membri hi – se nuża t-terminu interessanti li uża hu – interpolation. Jiġifieri l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qed tinfluwenza lill-qrati muniċipali tal-Istati Membri. Tinfluwenzahom, pereżempju, bl-artikolu 267 tat-Treaty on the Functioning of the European Union bil-proċedura ta' referenza preliminari. Dan isir meta f'qorti muniċipali tqum kwestjoni fuq liġi tal-Komunità, tmur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tagħtik interpretazzjoni fuq dak il-punt biss, però ma jfissirx li tkun iddeċidiet il-każ. Jiġifieri hi tiddeċiedi dik il-kwestjoni u l-każ jerġa' jmur quddiem il-qorti muniċipali fid-dawl ta' dik l-interpretazzjoni li tkun intiża biex ikun hemm armonizzazzjoni fl-interpretazzjoni tad-dritt Ewropew. Fl-aħħar tas-sena l-oħra, f'sentenza li ngħatat f'Karlsruhe fil-Ġermanja, kien hemm sitwazzjoni fejn il-Qorti Kostituzzjonali ċċensurat lill-Gvern Ġermaniż fuq l-infiq.

Ma ninsewx li l-Ġermanja hija l-akbar kontributur għall-baġit tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea f'dak il-mument kienet qed titlob €100 biljun; €50 biljun fondi varji għall-gwerra fl-Ukrajna u €50 biljun għal prijoritajiet oħra. Il-Qorti ta' Karlsruhe f'dak il-mument – din semmieha l-Prim Ministru fil-qasir, imma ovvjament il-kontest ma setax jispjegah aktar fid-dettall – iċċensurat lill-Gvern Ġermaniż, però b'mod indirett iċċensurat ukoll il-baġit tal-Unjoni Ewropea. Dan għax jekk il-Gvern Ġermaniż kien marbut li ma jistax jagħti dawk il-flus, ovvjament il-flus ma waslux għand il-Kummissjoni Ewropea.

Għalhekk huwa importanti li naraw dan l-attiviżmu ġudizzjali politiku – ikun hemm min jgħidli li noqgħod titkellem fuq il-qrati, imma mhuwiex il-punt – u jidhirli li kien hemm qrati fl-Irlanda u fl-Olanda li ħadu din il-pożizzjoni. Hawn qed naraw żvilupp interessanti li wieħed għandu jarah kemm minn ottika ta' affarijiet Ewropej kif ukoll minn ottika ta' Gvern. Issa l-Qrati tal-Istati Membri, u mhux biss il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, qed jinfluwenzaw lill-Istati Membri, però l-Istati Membri b'mod indirett qed jiċċensuraw ċerti pożizzjonijiet li qed tieħu l-Kummissjoni. F'din il-Kamra għandna nieħdu nota ta' dan għax se jkun hemm żviluppi li se jinfluwenzaw ċerti pożizzjonijiet.

Sur President, qabel ma nagħlaq se nikkwota parti żgħira minn dak li qal is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Munich Security Conference fuq il-bżonn tal-governanza globali. Jien nemmen li kien diskors tajjeb ħafna, u għaldaqstant nitlob il-permess sabiex inqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

**L-ISPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Diskors li għamel is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda António Guterres fi Munich, fis-16 ta' Frar 2024, bit-titlu "Secretary-General's remarks to the Munich Security Conference: Growing the Pie: A Global order that works for Everyone."

Sur President, dan jallarmana meta naraw fiex qiegħda d-dinja u nixtieq li din il-Kamra jkollha ottika ta' politika barranija, għax Malta mhijiex waħedha, imma kif għidt, Malta hija fil-Mediterran, fl-Ewropa u fid-dinja. Is-Segretarju Ġenerali fil-Munich Security Conference qal hekk:

> "It is clear that our world is in deep trouble. Global governance in its present form is entrenching divisions and fuelling discontent. We must work based on justice, with renewed urgency and solidarity. There is always an opportunity to create a more inclusive, comprehensive, and effective global order that works for everyone based on international law. A safer world - and a bigger pie - for all. That is the objective of the UN Summit of the Future in September. Let's seize the opportunity."

Dan il-kliem juri kemm huwa importanti li nkabbru l-kejk - hu qal pie, imma jien qed insemmi l-kejk – biex jiekol kulħadd, inkluż il-

pajjiżi l-aktar żvantaġġjati. Però rridu nagħmlu wkoll komunità internazzjonali aktar ibbażata fuq ġustizzja effettiva, solidarjetà u ordni quddiem l-isfidi globali kbar li għandna quddiemna issa u għall-futur. Nirringrazzjak, Sur President.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Il-Kamra hija aġġornata għal għada t-Tlieta, 20 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru. Il-lejl it-tajjeb lil kulħadd.

*Fis-6.46 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - KONSULENTI

**13974. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Il-konsulenti ġew impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

### MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - KONSULENTI

**13975. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva):** Il-konsulenti ġew impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

### MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KONSULENTI

**13976. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Il-konsulenti ġew impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - KONSULENTI

**13977. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Il-konsulenti ġew impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - KONSULENTI

**13978. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Il-konsulenti ġew impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## PROSTITUZZJONI U TLAJJAR – PIENA

**14328. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12120 dwar prostituzzjoni u tlajjar fejn ingħad li "l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx din l-istatistika minħabba li dawn huma kawżi tad-distrett", jista' l-Ministru:

i. jiċċara għaliex l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx din l-istatistika relatata ma' prostituzzjoni minħabba li dawn huma kawżi tad-distrett;
ii. liema huma l-kawżi li jaqgħu taħt "tad-distrett";
iii. dwar liema kawżi "tad-distrett" tinġabar l-istatistika;
iv. dwar liema kawżi "tad-distrett" l-istatistika ma tinġabarx; u
v. jekk hemmx il-ħsieb li din l-istatistika tibda tinġabar?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati, fejn jidħlu kawżi tad-distrett, ma żżommx statistika relatata ma' prostituzzjoni biss għaliex l-istatistika li tinżamm tinkludi kemm ġew preżentati kawżi u kemm minnhom ġew deċiżi mingħajr indikazzjoni tar-reati involuti.

Il-kawżi li jaqgħu taħt "tad-distrett" huma dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati. L-istatistika li qed tirreferi għaliha l-Onor. Interpellant se tibda tinġabar kif is-sistema tal-Qorti tinqaleb għal fuq sistema diġitali ġdida.

## EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS - ASSESSJAR

**14329. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11223 u 11224, dwar kemm ġew riferuti tfal għall-educational psychologists minn kull kulleġġ tul is-sena 2023, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn it-tfal tlesta l-assessment tagħhom sa Diċembru 2023 minn kull kulleġġ?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Matul l-2023 kien hemm total ta' 881 referrals u l-assessjar ta' dawn ir-referrals hu wieħed kontinwu.

## SKEJJEL - EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS

**14330. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11225 fejn ingħad li se jiżdied in-numru ta' psychology practitioners, jista' l-Ministru jgħid b'kemm se jiżdiedu s-psychology practitioners, kemm minnhom se jkollhom Masters fil-psikoloġija u sa meta se jiġu ingaġġati?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Fl-aħħar sitt xhur is-Servizz Psikoloġiku għall-Iskejjel żdied b'ħames psychology practitioners. Kollha għandhom Masters fil-psikoloġija.

## KULLEĠĠI – RATA TA' ASSENTEIŻMU

**14331. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet ir-rata ta' assenteiżmu, f'kull kulleġġ, f'kull sena, fis-snin 2022 u 2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni mitluba tinsab rigward ir-rata ta' assenteiżmu tal-istudenti hawn taħt:

| Kulleġġ | Assenteiżmu 2021/2022 | Assenteiżmu 2022/2023 |
|---|---|---|
| Għawdex | 3.01% | 3.94% |
| Maria Reġina | 3.18% | 4.30% |
| San Benedittu | 2.52% | 3.82% |
| Santa Klara | 4.27% | 5.81% |
| San Ġorġ Preca | 5.88% | 6.87% |
| San Injazju | 2.17% | 3.83% |
| Santa Margerita | 3.49% | 5.85% |
| San Nikola | 2.22% | 2/96% |
| Santa Tereża | 2.85% | 5.24% |
| San Tumas More | 3.54% | 5.30% |

## KULLEĠĠI: RATA TA' ASSENTEIŻMU - ĊITAZZJONIJIET

**14332. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet lill-ġenituri minħabba l-assentiżmu fis-snin 2022 u 2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

## KULLEĠĠI: RATA TA' ASSENTEIŻMU - TAĦRIKIET

**14333. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ġenituri li ġew imħarrka biex jitilgħu quddiem it-tribunal minħabba l-assenteiżmu fis-snin 2022 u 2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DEPUTATI TAL-GVERN

**14881. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DEPUTATI TAL-GVERN

**14882. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta'

dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DEPUTATI TAL-GVERN

**14883. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali):** Skont tagħrif mogħti m'hemm ebda Membru Parlamentari tal-Gvern li għandu impjieg mal-Ministeru jew f'entità taħt dan id-dekasteru.

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DEPUTATI TAL-GVERN

**14884. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura minn April 2013 sal-aħħar ta' Jannar 2024 tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DEPUTATI TAL-GVERN

**14885. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku, jew minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** It-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - DEPUTATI TAL-GVERN

**14886. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, Servizz Pubbliku jew

minn kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. CHRIS BONETT (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi):** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## PERSUNI LI APPLIKAW GĦAL AŻIL F'MALTA

**15053. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għall-ażil f'Malta fis-sena 2022, u jaqsam din it-tabella bir-raġuni għall-ażil mitlub? Jista' wkoll jipprovdi rendikont ta' kemm-il applikazzjoni minn dawn ġiet approvata, miċħuda jew għadha pendenti?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi):** Fl-2022 l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali rċeviet total ta' 915-il applikazzjoni ġdida. Minn dawn, 60 ingħataw protezzjoni, 226 ġew rifjutati, filwaqt li 138 għadhom pendenti. L-491 applikazzjoni l-oħra ingħalqu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Administrative closure | 3 |
| Dublin closure | 118 |
| Explicitly withdrawn | 78 |
| Implicitly withdrawn | 225 |
| Inadmissible | 67 |

L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ma żżommx statistika dwar ir-raġunijiet għalfejn xi ħadd japplika għall-ażil.

## PERSUNI LI APPLIKAW GĦAL AŻIL F'MALTA

**15054. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għall-ażil f'Malta fis-sena 2021, u jaqsam din it-tabella bir-raġuni għall-ażil mitlub? Jista' wkoll jipprovdi rendikont ta' kemm-il applikazzjoni minn dawn ġiet approvata, miċħuda jew għadha pendenti?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fl-2021 l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali rċeviet total ta' 1,231 applikazzjoni ġdida. Minn dawn 98 ingħataw protezzjoni, 268 ġew rifjutati, filwaqt li 105 għadhom pendenti. Is-760 applikazzjoni l-oħra ngħalqu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Administrative closure | 2 |
| Dublin closure | 149 |
| Explicitly withdrawn | 35 |
| Implicitly withdrawn | 535 |
| Inadmissible | 39 |

L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ma żżommx statistika dwar ir-raġunijiet għalfejn xi ħadd japplika għall-ażil.

## PERSUNI LI APPLIKAW GĦAL AŻIL F'MALTA

**15055. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għall-ażil f'Malta fis-sena 2020, u jaqsam din it-tabella bir-raġuni għall-ażil mitlub? Jista' wkoll jipprovdi rendikont ta' kemm-il applikazzjoni minn dawn ġiet approvata, miċħuda jew għadha pendenti?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 14309.

## PULIZIJA - RAPPORTI TA' SCAM PERMEZZ TAL-INTERNET

**15056. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' scam permezz tal-internet sar mal-Pulizija fl-2023, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fis-sena 2022 meta bdiet tinżamm data elettronikament fis-

sistema tal-Pulizija ġew irreġistrati 1,088 każ ta' online fraud filwaqt li fis-sena 2023 fis-sistema tal-Pulizija ġew irreġistrati 2,517-il każ ta' online fraud. Ħafna mill-każi għadhom fi stadju ta' investigazzjoni anke minħabba illi dawn ir-reati joriġinaw fil-maġġoranza assoluta minn pajjiżi barra min xtutna, barra minn kumplessitajiet oħra, u l-informazzjoni dwar kemm minn dawn il-każi ġew solvuti mhix disponibbli. L-akbar għodda kontra dan l-abbuż hija l-edukazzjoni u promozzjoni ta' għarfien biex individwi jevitaw kwalunkwe theddida potenzjali f'dan ir-rigward.

**PULIZIJA - RAPPORTI TA' SCAM PERMEZZ TAL-INTERNET**

**15057. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' scam permezz tal-internet sar mal-Pulizija fl-2022, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għal risposta tal-mistoqsija parlamentari 15056.

**PULIZIJA - RAPPORTI TA' SCAM PERMEZZ TAL-INTERNET**

**15058. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' scam permezz tal-internet sar mal-Pulizija fl-2021, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab informat illi t-tagħrif hekk kif mitlub mill-Onor. Interpellant ma kienx jinżamm taħt forma kompjuterizzata qabel is-sena 2022. Għalhekk l-informazzjoni mitluba għas-sena 2021 ma tistax tingħata.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - ĦADDIEMA FUQ IL-LISTA TA' STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE**

**15205. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-Servizz Pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - ĦADDIEMA FUQ IL-LISTA TA' STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE**

**15206. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-Servizz Pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - ĦADDIEMA FUQ IL-LISTA TA' STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE**

**15207. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-Servizz Pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting

list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - ĦADDIEMA FUQ IL-LISTA TA' STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE**

**15208. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-Servizz Pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-għażla taċ-childcare hija f'idejn il-ġenituri u t-tagħrif li qed jintalab huwa ta' tagħrif personali li ma jinżammx mis-settur pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - ĦADDIEMA FUQ IL-LISTA TA' STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE**

**15209. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-Servizz Pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab informat li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA L-ANZJANITÀ ATTIVA - ĦADDIEMA FUQ IL-LISTA TA' STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TAĊ-CHILDCARE**

**15210. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-Servizz Pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**SPTAR MOUNT CARMEL - ABBUŻI FIL-PAGI U OVERTIME TAL-ĦADDIEMA**

**15535. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk wara r-rapport tal-NAO dwar abbużi fil-pagi u overtime tal-ħaddiema fl-Isptar Mount Carmel hux se jieħu passi biex dak li ġie mħallas żejjed jittieħed lura?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** F'każijiet fejn ġie identifikat li ħaddiema tħallsu żejjed, sar pjan ta' kif il-flus li tħallsu żejda jiġu rifużi mill-impjegati rispettivi.

**GĦAWDEX – IL-PARKEĠĠ TA' MARSALFORN – XOGĦLIJIET**

**15592. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li qabel l-istaġun tas-sajf il-parkeġġ ta' Marsalforn jitkompla jinkesa bit-tarmac peress li parti kbira mill-istess parkeġġ għadu qatt ma ġie mogħti t-tarmac u kull sena l-kondizzjoni tiegħu qed tkompli tiddeterjora?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar):** Bħalissa l-Ministeru qiegħed jaħdem biex jiġu asfaltati diversi toroq f'Marsalforn anke wara laqgħa li saret mal-Kunsill Lokali taż-Żebbug fejn ġew miftiehma liema postijiet huma l-aktar urġenti li jsiru.

## MARSALFORN GĦAWDEX: TRIQ SANTA MARIJA - XOGĦLIJIET

**15593. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta għandu l-ħsieb li jasfalta u jibni mill-ġdid il-parti ta' fuq ta' Triq Santa Marija, Marsalforn li tinsab fi stat ħażin ħafna? Jista' jgħid jekk din hijiex se ssir matul is-sena 2024?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15592.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - RESPONSABBILTAJIET

**15594. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema direttorati u/jew taqsimiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar se jgħaddu u jibdew jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tad-Direttur Ġenerali (Strategy and Support Division) il-ġdid fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar fil-ġimgħat li ġejjin wara li nħoloq post ġdid ta' Direttur Ġenerali (Major Projects)?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Id-Direttur Ġenerali (Strateġija u Sapport) se jibqa' responsabbli mid-Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku, mid-Direttorat għal Manutenzjoni, mid-Direttorat għall-Affarijiet Rurali f'Għawdex, mid-Direttorat għall-Wirt Kulturali u mill-Intervention Unit.

## MALTA U GĦAWDEX – DEVOLUZZJONI TA' PROPRJETÀ

**15595. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm artijiet jew proprjetà tal-Gvern devoluta lil kull Kunsill Lokali f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid ukoll liema huma dawn il-proprjetajiet devoluti u kemm kienet il-kirja mħallsa għal kull proprjetà fl-aħħar tas-sena 2023?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## WIED IL-GĦAJN - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ

**15628. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Wied il-Għajn u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Project Green hija responsabbli mill-Park tal-Familja f'Wied il-Għajn li fih hemm 83 siġra taż-żebbuġ. L-uffiċjali tal-Aġenzija jagħtu kura lil dawn is-siġar flimkien ma' siġar u arbuxelli oħrajn li jinsabu f'dan il-park, li tinkludi monitoraġġ regolari tas-siġar biex issir tisqija skont kif meħtieġ u tingħata attenzjoni partikolari lil dawk is-siġar taż-żebbuġ li għadhom mhux maturi. Fost miżuri oħrajn li jittieħdu biex jiġu mħarsa s-siġar hemm dik li ssir żabra annwali fil-perjodu adegwat.

## RAĦAL ĠDID - TRIQ IL-VITTMI TAX-XOGĦOL

**15629. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din is-sena huwiex previst li Triq il-Vittmi tax-Xogħol, f'Raħal Ġdid senjatament l-aħħar parti tagħha, issir mill-ġdid, billi ma tinsabx fi stat tajjeb bl-użu kostanti tagħha?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MARSAXLOKK - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ

**15630. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Marsaxlokk u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk bħalissa għandu ġardinar full-time li jieħu ħsieb iż-żbir tas-siġar taż-żebbuġ.

Bħalissa hemm 116-il siġra taż-żebbuġ fiż-żoni pubbliċi f'Marsaxlokk.

L-aħħar żbir kien f'Settembru tal-2023 u ż-żbir li jmiss se jkun fi Frar 2024.

**MARSAXLOKK - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15631. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess. li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Marsaxlokk u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fil-lokalità msemmija hemm siġra taż-żebbuġ imħawla f'sit li jaqa' taħt il-kuntratt tal-landscaping li tiġġestixxi Ambjent Malta. F'dan il-każ, id-Dipartiment jagħmel il-monitoraġġ meħtieġ sabiex jassigura li l-kuntrattur jaqdi l-obbligi tiegħu u jindokra lil din is-siġra kif titlob is-sengħa.

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IL-VITTMI TAX-XOGĦOL**

**15632. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din is-sena huwiex previst li Triq il-Vittmi tax-Xogħol, f'Raħal Ġdid senjatament l-aħħar parti tagħha, issir mill-ġdid, billi ma tinsabx fi stat tajjeb bl-użu kostanti tagħha?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Infrastructure Malta għaddejja jew se twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq li l-kunsilli lokali ressqu 'l quddiem biex isiru xogħlijiet fihom. Minkejja li t-triq imsemmija ma ġietx nominata biex isiru xogħlijiet fiha, nibqgħu kommessi li nkomplu nsaħħu l-infrastruttura tal-pajjiż, bil-komunitajiet jibqgħu fiċ-ċentru ta' ħidmietna.

**IŻ-ŻEJTUN - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15633. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi fiż-Żejtun u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fil-lokalità msemmija hemm siġra taż-żebbuġ imħawla f'sit li jaqa' taħt il-kuntratt tal-landscaping li tiġġestixxi Ambjent Malta. F'dan il-każ, id-Dipartiment jagħmel il-monitoraġġ meħtieġ sabiex jassigura li l-kuntrattur jaqdi l-obbligi tiegħu u jindokra lil din is-siġra kif titlob is-sengħa.

**FORTI CAMBRIDGE – OFFICERS' MESS**

**15745. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li l-Officers' Mess ta' Forti Cambridge, f'Tas-Sliema li hi struttura ta' interess storiku, għadha ma ġietx skedata u protetta?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Dan is-sit illum huwa kopert bil-permess PA 2906/16 li jispeċifika li l-qoxra ta' dan il-bini għandha tiġi protetta u restawrata.

**PERSUNI LI MA JIRĊEVUX PENSJONI SĦIĦA**

**15746. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pensjonanti li ma jirċevux il-pensjoni sħiħa minħabba li kellhom nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet soċjali (bolol)? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tagħrif qed jinġabar.

**BAĠIT 2024: MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – SPIŻA FUQ KIRJIET**

**15775. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl li fl-Estimi Finanzjarji 2024 taħt Line Item 24 – Rent, hemm indikat spiża ta' €853,000 li tħallset bħala kera fis-sena 2023 (ara paġna 261 tal-Estimi), jista' l-Ministru jispjega x'inhuma dawn il-kirijiet u jagħti rendikont tal-proprjetajiet li qed jinkrew mill-Ministeru u l-korrispondenti kera li qed titħallas u lil min?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba hija kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| In use by | Owner | Total - 2023 |
|---|---|---|
| | | |
| Policy Development - MHSR | Afred Gera & Sons Ltd | €23,200.00 |
| Registry - MHSR | Robert Cassar | €23,360.00 |
| HR - MHSR | Perit Mizzi | €17,010.00 |
| Finance - MHSR | CSB Ltd | €18,000 |
| Stores - MHSR | Alex Falzon | €800 |
| Garage- MHSR | John Lauria | €600 |
| Garage- MHSR | Joseph and Mary Seychell | €700 |
| Stores- MHSR | Select Properties Ltd | €7,500 |
| Returns Unit- MHSR | Marlene Mizzi | €22,513.68 |
| International Protection Agency | 66th St Paul's Ltd | €43,581.75 |
| International Protection Agency | 66th St Paul's Ltd<br><br>E & E Company Ltd | €88,251.93 |
| International Protection Agency | 66th St Paul's Ltd | €55,000.00 |
| Perm Sec<br>Up till September '23 | Reginald Fava | €74,160 |
| Directors- MHSR | Reginald Fava | €37,080 |
| CIPD | Reginald Fava | €36,000 |
| IMU | Reginald Fava | €36,000 |
| RAB | Lands Authority | €2,048.00 |
| Ministry - MHSR | Lands Authority | €7,675.00 |
| Police Board | Lands Authority | €465.87 |
| ORGCES | S.S. Saver Co Ltd | €32,010.00 |
| VSA | Investments Ltd | €150,555.00 |
| VSA | Santa Lucija Local Coucil | €6,000.00 |
| VSA | Qawra Church | €1,000.00 |
| ARUC | Bajada Investments | €40,000.00 |

**BAĠIT 2024: MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - INTERNATIONAL MEMBERSHIPS**

**15776. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl li fl-Estimi Finanzjarji 2024, taħt Line Item 25 – International Memberships, hemm indikat spiża ta' €298,000, jista' l-Ministru jispjega x'inhuma dawn l-International Memberships u jagħti rendikont ta' kemm qed jiġi mħallas għal kull International Membership?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** International Memberships jinkludu l-International Organization for Migration, EU Satellite Centre, International Centre for Migration Policy Development, The European Centre of Excellence for Countering Hybrid Threats (Hybrid CoE) u oħrajn marbuta mas-Sigurtà.

**BAĠIT 2024: MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - PROFESSIONAL SERVICES**

**15777. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl li fl-Estimi Finanzjarji 2024, taħt Line Item 31 – Professional Services, hemm indikat spiża ta' €300,000, jista' l-Ministru jindika fiex tikkonsisti din l-ispiża u lil min tħallset is-somma ta' €290,000 fis-sena 2023 għal dawn il-Professional Services?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-ispiża hija marbuta ma' servizzi simili għal dawk li ngħataw fis-sena 2023 fosthom servizzi legali, servizzi ta' interpretazzjoni minn lingwa għal oħra, riċerka, servizzi ta' inġinerija, tal-informatika, disinni, servizzi ta' kontabilità, servizzi awdjoviżivi u servizz ta' arkitettura.

**SAN PAWL IL-BAĦAR: XEMXIJA HERITAGE TRAIL – XOGĦLIJIET IPPJANATI**

**15794. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema xogħlijiet huma ppjanati fix-Xemxija Heritage

Trail, f'San Pawl il-Baħar, hekk kif dan is-sit tħalla fi stat ta' telqa matul l-aħħar xhur?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Fir-rigward tal-post imsemmi mill-Onor. Interpellant, spiss isir xogħol ta' tindif mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar stess, apparti li ġew ordnati tabelli biex jinbidlu dawk li hemm preżentement.

## SKEJJEL PRIMARJI – STUDENTI LI BDEW JATTENDU

**15795. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15254 dwar studenti fl-iskejjel primarji, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jagħti informazzjoni dwar kemm kien it-total ta' studenti li bdew jattendu l-iskejjel primarji ġewwa Malta u Għawdex fis-sena skolastika 2023-2024, maqsuma skola skola?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Kulleġġ | Total ta' studenti |
|---|---|
| Kulleġġ Għawdex | 1,847 |
| Maria Reġina | 3,624 |
| San Benedittu | 2,389 |
| Santa Klara | 2,063 |
| San Ġorġ Preca | 1,527 |
| San Injazju | 2,335 |
| Santa Margerita | 1,483 |
| San Nikola | 1,690 |
| Santa Tereża | 1,925 |
| San Tumas More | 3,087 |
| Migrant Learners' Unit | 28 |

## SKEJJEL PRIMARJI – ATTENDENZA TA' STUDENTI

**15796. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15255 dwar studenti fl-iskejjel primarji, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jagħti informazzjoni dwar kemm preżentement hu t-total ta' studenti li qegħdin jattendu l-iskejjel primarji ġewwa Malta u Għawdex, maqsuma skola skola?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Kulleġġ | Total ta' studenti |
|---|---|
| Kulleġġ Għawdex | 1,855 |
| Maria Reġina | 3,581 |
| San Benedittu | 2,376 |
| Santa Klara | 2,108 |
| San Ġorġ Preca | 1,528 |
| San Injazju | 2,365 |
| Santa Margerita | 1,476 |
| San Nikola | 1,692 |
| Santa Tereża | 1,963 |
| San Tumas More | 3,077 |
| Migrant Learners' Unit | 99 |

## TA' SANNAT: SKOLA PRIMARJA - HYDROTHERAPY POOL

**15797. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet hemm għal hydrotherapy pool ġewwa l-iskola primarja fis-Sannat? Jista' jgħid ukoll meta hu ppjanat li l-istudenti u/jew persuni oħra se jkunu jistgħu jagħmlu użu minn din il-pool?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4369.

## EDUKATURI BARRANIN - TAĦRIĠ

**15798. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'liema skejjel jingħata taħriġ lill-edukaturi barranin li jaħdmu direttament ma' persuni b'diżabilità?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## SKEJJEL - EVACUATION CHAIR GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**15799. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'liema skejjel hemm evacuation chair li jista' jintuża minn persuni b'diżabilità

f'każ li jkun hemm nirien fis-sular ta' fuq tal-istess skejjel?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS**

**15842. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DIRECT ORDERS**

**15843. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15436.

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DIRECT ORDERS**

**15844. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

**ĦAL QORMI: TRIQ IL-BELT VALLETTA - TINDIF**

**15931. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li kien hemm numru ta' lmenti minn residenti Qriema, jista' l-Ministru jara li tittieħed azzjoni mill-awtoritajiet konċernati sabiex titnaddaf Triq il-Belt Valletta (ħdejn iċ-Ċimiterju), f'Ħal Qormi (ritratti annessi), b'mod aktar frekwenti u jsir l-inforzar li hemm bżonn?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Pulizija ta' Ħal Qormi diġà jieħdu azzjoni riġward rapporti ta' kontravenzjonijiet fi Triq il-Belt Valletta (ħdejn iċ-Ċimiterju), f'Ħal Qormi, kemm minħabba rimi illegali ta' skart kif ukoll ksur ta' liġijiet oħra. Dan isir permezz ta' ronda frekwenti fl-inħawi, liema rondi se jkomplu biex abbużi kif indikati mill-Onor. Membru, jiġu mrażżna. Ġew informati wkoll l-Aġenzija LESA.

**ĦAL QORMI: TRIQ IL-BELT VALLETTA - TINDIF**

**15932. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li kien hemm numru ta' lmenti minn residenti Qriema, jista' l-Ministru jara li tittieħed azzjoni mill-awtoritajiet konċernati sabiex titnaddaf Triq il-Belt Valletta (ħdejn iċ-Ċimiterju), f'Ħal Qormi (ritratti annessi), b'mod aktar frekwenti u jsir l-inforzar li hemm bżonn?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-iskart f'din it-triq jinġabar skont l-iskeda nazzjonali tal-ġbir.

## E-SCOOTERS REĠISTRATI

**15947. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati e-scooters fis-sena 2023?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Fis-sena 2023 ġew reġistrati 2,077 e-kickscooter.

## E-SCOOTERS - OPERATURI

**15948. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li l-investiment li sar fuq l-e-scooters mill-operaturi jiġi b'xi mod rikuperat?

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-użu tal-e-scooters privati se jkompli f'pajjiżna u għalhekk jibqa' l-bżonn ta' faċilitajiet u investimenti ġodda. Il-bidla li tħabbret hija esklussivament biex tipprojbixxi l-e-scooters mikrija li kienu qed joħolqu inkonvenjent assolut għar-residenti fl-ibliet u l-irħula. Dik is-sistema ma ħadmitx u huwa fatt li r-responsabbiltà ta' min huwa sid ta' e-scooter hija ferm differenti mir-responsabbiltà ta' min jikrih għal ftit jiem li jqatta' f'pajjiżna. Dan jirrikonoxxuh prattikament l-operaturi kollha f'dan il-qasam li bħalissa qiegħed f'kuntatt magħhom dwar il-futur tas-sistemi alternattivi ta' trasport li l-Gvern qed juri bil-fatti li huwa kommess li jkompli jintroduċi.

## INĊIDENTI FIT-TOROQ - INSURANCE CLAIMS

**15949. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total ta' claims ma' kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali fis-sena 2023?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** It-total ta' claims relatati ma' inċidenti tal-karozzi, inkluż motor vehicle liabilities, li ġew irrapportati bħala Gross Claims Incurred mill-kumpaniji tal-insurance li qegħdin jiktbu riskji f'Malta fis-sena 2023, jammontaw għal €64,852,888.

## INĊIDENTI FIT-TOROQ - INSURANCE CLAIMS

**15950. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kif jikkompara t-total ta' claims ma' kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali li saru fis-sena 2023 mas-sentejn ta' qabel?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** It-total ta' claims relatati ma' inċidenti tal-karozzi, inkluż motor vehicle liabilities, li ġew irrapportati bħala Gross Claims Incurred, mill-kumpaniji tal-insurance li qegħdin jiktbu riskji f'Malta f'dawn l-aħħar tliet snin, jammontaw hekk:

2021 – € 63,291,020
2022 – € 69,368,303
2023 – € 64,852,888

## INĊIDENTI FIT-TOROQ – INSURANCE CLAIMS PAID OUT

**15951. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total ta' paid out claims minn kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali fis-sena 2023?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Mill-2023 l-informazzjoni relatata ma' paid out claims mhix tiġi rapportata aktar mill-kumpaniji tal-insurance minħabba tibdiliet li seħħew f'accounting standards ġodda (IFRS 17) li ġew introdotti u li kumpaniji rispettivi kellhom jimplimentaw.

## DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI: DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U SERVIZZI – SEZZJONI TAL-VETTURI

**15971. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' ħaddiema li jaħdmu ġewwa s-Sezzjoni tal-Vetturi tad-Direttorat tal-Manifattura u Servizzi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi rispettivi ta' dawn il-ħaddiema?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Hemm 29 persuna jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Vetturi (Heavy

Plant/Vehicles, Light Vehicles, Miscellaneous) tad-Direttorat tal-Manifattura u Servizzi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:

- Senior Technical Officer
- Assistant Technical Officer
- Officer in Grade 11 in the Industrial and Supervisory Class
- Assistant Foreman
- Senior Tradesman
- Trademan
- Foreman
- Senior Operative

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI: DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U SERVIZZI: SEZZJONI TAL-METALL – ĦADDIEMA**

**15972. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu ġewwa s-Sezzjoni tal-Metall fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi rispettivi ta' dawn il-ħaddiema?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Hemm 12-il persuna jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Metall fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:

- Senior Technical Officer
- Senior Tradesman
- Tradesman

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI: DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U SERVIZZI: SEZZJONI TAL-ALUMINJU – ĦADDIEMA**

**15973. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu fi ħdan is-Sezzjoni tal-Aluminju tad-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi rispettivi tagħhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Hemm disa' persuni jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Aluminju fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:

- Senior Technical Officer
- Assistant Technical Officer
- Senior Tradesman
- Tradesman
- Senior Operative
- Labourer

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15989. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti minn xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** It-tagħrif qed jinġabar.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15990. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn

kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi):** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DEPUTATI TAL-GVERN

**15991. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hija responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat):** Fil-perjodu msemmi minnha m'hemmx persuni li kellhom xi wieħed mir-rwoli li qed issemmi fil-mistoqsija tagħha.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - DEPUTATI TAL-GVERN

**15992. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Lista tad-Deputati li waqt li kienu membri parlamentari kienu jagħmlu parti minn bord kif imsemmi fil-mistoqsija tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - DEPUTATI TAL-GVERN

**15993. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista’ jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta’ kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu, jekk jitħallsu per sitting, u l-ammont li tħallsu annwali?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Id-Deputati tal-Gvern li kienu fuq bord waqt li servew ta' Deputati huma hekk kif ġej:

| Name | Board Name | Role | Period | Remu-neration |
|---|---|---|---|---|
| Ian Castaldi Paris | Residency Malta - Board of Directors | Member | May-Sep 2020 | €2,000 p.a. |

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15994. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista’ l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b’sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista’ jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta’ kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika):** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta’ Karti.

**IS-SWIEQI – ARTIJIET TAL-GVERN**

**16013. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru tgħid kemm hemm artijiet tal-Gvern fis-Swieqi?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**IS-SWIEQI – SPAZJI PUBBLIĊI**

**16014. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm spazji pubbliċi fis-Swieqi?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

**PREZZIJIET TAL-IKEL - FTEHIM**

**16015. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim li għamel mal-importaturi u/jew distributuri tal-ikel bħala parti mill-inizjattiva Stabbiltà?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 15386.

**IL-FGURA U L-BELT VALLETTA - ROTTA ĠDIDA**

**16016. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jgħid jekk jikkonsidrax li tinħoloq rotta ġdida għall-Fgura li tkun titlaq mill-Belt Valletta sal-Mina ta’ Hompesch u ddur lura lejn il-Belt Valletta?

Jista’ dan is-servizz jibda tal-inqas jingħata matul il-ġimgħa bejn is-6.00 a.m. u d-9.00 a.m. u bejn l-4.00 p.m. u s-7.00 p.m. peress li f’dawn il-ħinijiet ikun hemm ħafna nies sejrin u ġejjin b’mod partikolari lejn u mix-xogħol?

**ONOR. CHRIS BONETT:** F’Settembru 2023, wara stħarriġ fuq il-frekwenzi fl-użu ta’ bus stops

ġewwa l-Fgura, żdiedu l-frekwenzi tar-rotot 91 u 92 lejn il-Belt Valletta.

Madanakollu nżid li qed tittieħed nota ta' dan is-suġġeriment u għaldaqstant se jsir aktar stħarriġ fl-istess lokalità sabiex jiġi determinat jekk dawn iż-żidiet fil-frekwenzi kinux ekwi jew hemmx bżonn ta' aktar interventi.

## GU CLINIC – AMMONT TA' PAZJENTI

**16017. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm marru pazjenti il-GU clinic sena b'sena għal kull sena bejn l-2013 u l-2024?

Jista' jgħid ukoll:

i. Kemm minn dawn ġew diagnosed pożittivi sena b'sena għal kull sena minn l-2013 sal-2024?
ii. Kemm minn dawn ġew pożittivi għall-HIV, Herpes, Chlamydia, Gonorrhoea, Syphilis, Trichomoniasis u HPV u jaqsam l-informazzjoni marda, b'marda?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 15597 u 15598.

## GU CLINIC

**16018. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura biex wieħed juża l-GU clinic?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-proċedura biex wieħed juża l-GU clinic hija kif ġej:

Pazjenti jistgħu jew iċemplu jew jibagħtu imejl lill-GU clinic u l-appuntament jingħata skont kif deċiż mit-triage system u allura skont l-urġenza tal-każ.

Għall-każijiet urġenti teżisti sistema ta' walk-in fejn il-pazjenti jiġu invistati fl-istess ġurnata.

## PAZJENTI BIL-LEUKEMIA U L-LYMPHOMA

**16019. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10980, jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' tfal sa 16-il sena u kemm persuni minn 16-il sena 'l fuq li mardu bil-leukemia u lymphoma f'dawn l-aħħar 15-il sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn fiequ kompletament, kemm mietu u kemm għadhom qegħdin jieħdu l-kura?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** In-numru ta' tfal sa 16-il sena li mardu bil-leukemia bejn is-sena 2007 u s-sena 2021 kien ta' 52. Dawn il-każi ġew segwiti u sal-31 ta' Diċembru 2023 mietu ħamsa u 47 huma ħajjin.

In-numru ta' tfal sa 16-il sena morda bil-lymphoma bejn is-sena 2007 u s-sena 2021 kien ta' 22. Dawn ġew segwiti u sal-31 ta' Diċembru 2023 kollha huma ħajjin.

In-numru ta' persuni minn 16-il sena 'l fuq li mardu bil-leukemia bejn is-sena 2007 u s-sena 2021 kien ta' 608. Kull każ ġie segwit u sal-31 ta' Diċembru 2023 kienu mietu 405 u 203 huma ħajjin.

In-numru ta' persuni minn 16-il sena 'l fuq li mardu bil-lymphoma huwa ta' 1,600. Dawn ġew segwiti u sal-31 ta' Diċembru 2023 mietu 691 u 909 huma ħajjin.

Finalment, statistika mill-2021 'il quddiem għadha tiġi miġbura, ikkodifikata, verifikata u analizzata.

Rigward in-numru ta' tfal sa 16-il sena li bħalissa qed jieħdu trattament ta' kimoterapija, hemm 13-il pazjent bil-leukemia u ebda pazjent bil-lymphoma.

Rigward in-numru ta' persuni minn 16-il sena 'l fuq li bħalissa qed jieħdu trattamenti ta' kimoterapija hemm 119-il pazjent bil-leukemia u 125 pazjent bil-lymphoma.

## SPTAR MOUNT CARMEL - POST PRIVAT FEJN JILTAQGĦU L-FAMILJARI MAL-PAZJENTI

**16054. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx post privat fejn jiltaqgħu l-familjari ma' pazjenti fl-Isptar Mount Carmel?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16053.

## SPTAR MOUNT CARMEL - GYM

**16055. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-gym tal-Isptar Mount Carmel qed ikun magħluq?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-Isptar Mount Carmel huwa mgħammar b'aktar minn gym wieħed. L-użu u l-ftuħ tagħhom huwa spjegat fis-segwenti:

- Il-gym tar-riabilitazzjoni fid-Dipartiment tal-Fiżjoterapija jintuża kontinwament.
- Il-gym Sports and Cultural Club li jinsab ukoll ġewwa l-Isptar Mount Carmel huwa disponibbli għall-membri kollha, kemm l-istaff kif ukoll il-qraba bi sħubija valida. Huwa aċċessibbli mit-Tnejn sal-Ħadd, inklużi l-vaganzi mis-6.30 a.m. sad-9.30 p.m.
- Il-gym f'AW1 u AW2 huwa disponibbli għall-użu tal-klijenti skont it-talba u l-ħtieġa.
- Il-gym fl-AW3 huwa disponibbli fuq talba meta jkun hemm bżonn li jintuża mill-klijenti. Altrimenti jkun imsakkar u ċ-ċwievet ikunu disponibbli mingħand l-infermiera responsabbli.
- Il-gym li jinsab fiċ-Ċentru Soċjali jintuża bejn it-Tnejn u l-Ħadd fejn is-sessjonijiet ta' eżerċizzju jkunu skedati minn qabel.

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-pazjent kif ukoll tiġi evitata ħsara lit-tagħmir, il-gym huwa użat taħt superviżjoni.

## SPTAR MOUNT CARMEL - PAZJENTI

**16056. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pazjenti fl-Isptar Mount Carmel, kemm minnhom qed jieħdu kura għall-problemi psikjatriċi u kemm minnhom qed jieħdu kura minħabba dipendenza jew abbużi minn droga/alkoħol jew oħrajn? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma Maltin u kemm minnhom huma barranin?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Bħalissa ġewwa l-Isptar Mount Carmel hemm 257 pazjent (88 nisa u 169 irġiel). Minnhom hemm 187 pazjent li qegħdin jieħdu kura għal problemi psikjatriċi u 70 pazjent li qegħdin jieħdu kura minħabba dipendenza jew abbużi minn droga/alkoħol.

Mit-total ta' pazjenti, 53 pazjenti huma ta' nazzjonalità barranija, għaxra huma nisa u 43 huma rġiel.

## APPUNTAMENTI GĦAL OUTPATIENTS - SISTEMA TA' MESSAĠĠI BIT-TELEFON ĊELLULARI

**16057. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex is-sistema ta' messaġġi bit-telefon ċellulari jinnotifika lill-pazjenti b'appuntamenti għall-Outpatients mhux qed taħdem u meta se tibda taħdem minħabba li ilha xhur wieqfa?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Is-sistema ta' notifika lill-pazjenti bl-appuntamenti tagħhom f'diversi Outpatients fis-servizzi tas-saħħa qed taħdem. F'Diċembru u Jannar 21,093 SMS inħareġ mill-Kura Primarja, 20,238 inħareġ mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, 751 inħareġ mill-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karen Grech u 7,044 inħareġ mill-Orthotics & Prosthetics Unit, fl-Sptar San Luqa.

Fl-Isptar Mater Dei, is-servizz ta' notifika b'SMS twaqqaf temporanjament minħabba tibidliet fis-sistema sabiex is-servizz ta' notifika bl-SMS ikun jista' jiġi integrat mas-servizz ċentralizzat ta' notifika diġà offrut mill-Aġenzija Maltija għat-Teknoloġija tal-Informatika (MITA). In-notifika permezz ta' SMS lill-pazjenti bl-appuntamenti tagħhom fl-Outpatients tal-Isptar Mater Dei reġa' beda jaħdem fid-9 ta' Frar 2024.

## PJAZZA SPINOLA U PACEVILLE AVENUE – PROĠETTI

**16076. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Peress li fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15340 fir-rigward tal-proġett tar-refurbishment ta' Pjazza Spinola/Paceville Avenue, ġejt mitlub nistaqsi lill-Ministru kkonċernat, u peress li skont risposta mogħtija għal mistoqsija li kienet saret lill-Ministru għat-Turiżmu kien intqal li x-xogħlijiet infrastrutturali kienu se jinbdew, jista' issa l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol fuq dan il-proġett?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Infrastructure Malta b'kollaborazzjoni ma' TZRA bdiet twettaq proġett ta' riġinerazzjoni fi Triq Paceville, San Ġiljan. Ix-xogħol beda ftit jiem ilu.

## SAN ĠILJAN/TAS-SLIEMA/IL-GŻIRA – PERIKLU GĦALL-ANZJANI LI JMORRU JIMXU FUQ IL-PROMENDADE MINĦABBA L-UŻU TAL-E-SCOOTERS

**16077. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kif se jagħti serħan il-moħħ lill-anzjani li jmorru jimxu fuq il-promenade f'San Ġiljan/Tas-Sliema/Il-Gżira li l-e-scooters privati li se jibqgħu jkunu jistgħu jintużaw fuq il-promenade mhux se jkunu ta' periklu għalihom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## SIGARETTI – PASSI BIEX JITNAQQAS L-ABBUŻ

**16078. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jittieħdu biex jitnaqqas l-abbuż tas-sigaretti fost il-popolazzjoni, anke minuri, peress li s-sigaretti huma wieħed mill-fatturi prinċipali li jwasslu għal diversi mard u anke mwiet?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Qed tiġi żviluppata l-ewwel strateġija speċifika dwar il-Kontroll tat-Tabakk li se tkun tinkludi firxa wiesgħa ta' inizjattivi mmirati biex titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika.
Din l-istrateġija se tinkludi miżuri biex:

- titnaqqas l-affordabbiltà tal-prodotti tat-tabakk,
- titnaqqas id-disponibbiltà tal-prodotti tat-tabakk,
- jitnaqqas ir-reklamar tal-prodotti tat-tabakk,
- tiskoraġġixxi l-kummerċ illeċtu ta' prodotti tat-tabakk,
- jissaħħaħ l-għarfien dwar l-impatt fuq is-saħħa u l-kontroll tat-tabakk permezz kampanji diversi fuq midja, li twassal għal kultura aktar b'saħħitha fil-pajjiż kontra tabakk,
- jiżdiedu s-servizzi biex jassistu lil kull min ipejjep biex jieqaf,
- jissaħħu l-isforzi ta' sorveljanza u riċerka.

Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard Ambjentali fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika joffri sessjonijiet one-to-one b'xejn għal individwi li jixtiequ jieqfu jpejjpu jew inaqqsu l-vizzju tagħhom. Isir pjan individwali speċjalizzat biex jgħin lin-nies jieqfu jpejjpu. L-individwi jistgħu jirreferu lilhom infushom billi jċemplu fuq il-Quitline 80073333.

Jiġu organizzati wkoll group sessions għall-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol biex jieqfu mit-tipjip. Issir ħidma wkoll ma' skejjel primarji, medji, sekondarji u postsekondarji dwar l-effetti tat-tipjip u l-vaping. Għajnuna oħra tiġi provduta permezz tal-website u l-pjattaformi tal-midja soċjali.

Barra minn hekk, jiġu mtellgħin kampanji nazzjonali kontra t-tipjip u dwar is-servizzi offruti flimkien ma' informazzjoni edukattiva. Il-kampanja tal-2024 se tiffoka fuq il-vaping.

## OBEŻITÀ FOST IT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

**16079. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan tal-Gvern fejn tidħol il-problema tal-obeżità fost it-tfal u ż-żgħażagħ?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Qed jiġi żviluppat Policy Framework for the Prevention of

Non-Communicable Diseases and the Promotion of Wellbeing, qafas komuni ta' politika li jindirizza l-aspetti li jiffaċilitaw jew ixekklu l-implimentazzjoni effettiva ta' strateġiji u policies. Fl-istess waqt, permezz ta' dan il-qafas komuni ta' politika, qed isir tfassil ta' tliet strateġiji separati li jindirizzaw it-tnaqqis tal-piż żejjed u l-obeżità, jiġifieri l-Healthy Eating and Nutrition Strategy, il-Health-Enhancing Physical Activity Strategy u l-Management of Overweight and Obesity Strategy.

Implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn l-inizjattivi tinħtieġ is-sehem tad-diversi oqsma tas-saħħa u ta' numru ta' dipartimenti u aġenziji pubbliċi, magħruf bħala Health-in-All Policies. Ma nistgħux nimmodifikaw il-ġenetika tagħna iżda nistgħu nibdlu d-drawwiet tagħna ta' ikel, xorb u eżerċizzju biex nevitaw l-obeżità u l-effetti ħżiena fuq is-saħħa.

## OBEŻITÀ FOST IT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

**16080. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jieħu l-Ministeru tiegħu biex titnaqqas il-problema tal-obeżità fit-tfal u ż-żgħażagħ? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-pjani u l-miri tal-Gvern f'dan ir-rigward?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## BEJGĦ TA' PRODOTTI HHC

**16081. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'passi se jittieħdu fil-konfront tal-bejgħ ta' prodotti HHC?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat.

## ĦAL TARXIEN: ĠNIEN IL-KUNSILL LOKALI – DAWL ADEGWAT

**16112. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tara jekk hux possibbli li Ġnien il-Kunsill Lokali li jinsab f'kantuniera bejn Triq Temi Zammit, Triq Sammat u Triq Santa Monika, f'Ħal Tarxien, jinxtegħel kif xieraq u ma jitħalliex fid-dlam ċappa li jagħti lok għal abbuż?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-ġnien indikat huwa responsabbiltà tal-Kunsill Lokali u li l-Enemalta ma rċeviet l-ebda rapport ta' qtugħ ta' dawl.

## ĦAL TARXIEN: ĠNIEN IL-KUNSILL LOKALI – DAWL ADEGWAT

**16113. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara jekk hux possibbli li Ġnien il-Kunsill Lokali li jinsab f'kantuniera bejn Triq Temi Zammit, Triq Sammat u Triq Santa Monika, f'Ħal Tarxien, jinxtegħel kif xieraq u ma jitħalliex fid-dlam ċappa li jagħti lok għal abbuż?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Skont it-toroq imsemmija fi-mistoqsija, referenza qed issir għal Ġnien Penza u mhux Ġnien il-Kunsill Lokali.

Il-pjanti għar-rinnovar ta' Ġnien Penza huma lesti u l-proġett huwa ppjanat li jsir din is-sena.

## CASINÒ DI VENEZIA - ŻVILUPP

**16120. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm żviluppi fuq il-Casinò di Venezia u l-lukanda li kienet qed tinbena maġenbu, għaliex ilhom mitluqin għal aktar minn għaxar snin?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## KOTTONERA: GRAND HARBOUR MARINA - UPKEEP TAL-BANKINI

**16121. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli mill-upkeep tal-bankini madwar il-Grand Harbour Marina tal-Kottonera, għaliex hemm żoni li qed ikunu ta' periklu u inkonvenjent għal ħafna persuni li jżuru dawn in-naħat?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## KOTTONERA: PROJECT GREEN - PROĠETTI

**16122. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema huma l-proġetti li se tkun qed tibda Project Green fil-Kottonera fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8846, inżid ninformah li nbdew ix-xogħlijiet marbuta mal-istallazzjoni ta' fencing madwar il-konfini ta' Ġnien Kottoner, li għandu jservi għal aktar sigurtà.

Fir-rigward tan-New Leaf Park li kien propost mill-Kulleġġ De La Salle u li se jkun qed ikopri 4,200 metru kwadru u jagħti prijorità l-element edukattiv, bħalissa qed issir il-verifika tas-sejħa għall-offerti marbuta max-xogħlijiet meħtieġa ma' dan il-Park. Tressqet ukoll l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi meħtieġa.

Fil-każ tal-proġett li se jsir biex 3,000 metru kwadru ta' art żviluppabbli li tinsab ħdejn l-American University of Malta minflok tinbidel fi spazju miftuħ, ġiet sottomessa wkoll l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi meħtieġa, filwaqt li beda t-tfassil tas-sejħa għall-offerti marbuta max-xogħlijiet meħtieġa għal dan il-proġett. Minbarra li se jsaħħaħ il-bijodiversità urbana tal-inħawi bi tħawwil ta' siġar u arbuxelli, ir-riġenerazzjoni ta' dan l-ispazju se tinkludi bandli u logħob inklużiv għat-tfal, żona għall-meditazzjoni, picnic area, faċilitajiet għall-parkour, spazju għall-artiġjanat u parkeġġ taħt l-art għal madwar 240 karozza.

Fil-Kottonera bħalissa għaddejjin ukoll b'ritmu tajjeb ix-xogħlijiet fuq żona ġdida ta' rikreazzjoni li tinsab fil-qalba tal-Birgu li mistennija tinfetaħ għall-pubbliku fix-xhur li ġejjin. Dan l-ispazju ta' 9,000 metru kwadru li jinsab fiż-żona magħrufa bħala Fuq il-Glażiż se jkun maqsum f'żoni ta' rikrezzjoni differenti, li jinkludu picnic area, playground u park għall-klieb.

## TOROQ LI SE JINGĦATAW WIĊĊ ĠDID – TIENI DISTRETT

**16123. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq fit-Tieni Distrett Elettorali li se jingħataw wiċċ ġdid matul din is-sena?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Infrastructure Malta għaddejja jew se twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq illi ġew proposti mill-kunsilli lokali li jifformaw parti mit-Tieni Distrett.

## AKKOMODAZZJONI SOĊJALI: POSTIJIET ALLOKATI - TIENI DISTRETT ELETTORALI

**16124. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati postijiet għall-Akkomodazzjoni Soċjali fit-Tieni Distrett Elettorali matul l-aħħar sentejn?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Mill-1 ta' Jannar 2022 sas-7 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Allokazzjonijiet fi ħdan l-Awtorità tad-Djar alloka 110 proprjetà għall-akkomodazzjoni soċjali fit-Tieni Distrett Elettorali.

## PENSJONI MINIMA

**16125. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet il-pensjoni minima fis-sena 2013 u kemm hi l-istess pensjoni llum fl-2024?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ir-rati fil-ġimgħa tal-Pensjoni Minima Nazzjonali u l-Bonus tal-Għoli tal-Ħajja fis-snin 2013 u 2024 rispettivament huma skont it-tabella annessa.*

*Ara t-tabella fl-aħħar ta' dan id-dokument*

Dawn il-pensjonanti gawdew ukoll minn titjib fil-ħlas tal-Għajnuna Supplimentari. Minn rata massima ta' €237.61 fl-2013 għal persuna waħedha dan il-benefiċċju llum ilaħħaq €598 fis-sena. Għal koppja żdied minn €422.69 fl-2013 għal €1,099.28 fis-sena. Żdied ukoll il-ħlas

supplimentari li jitħallas mal-benefiċċju li minn €100 żdied għal €150 għal kull persuna fis-sena.

Tajjeb jingħad ukoll li dawn il-kategoriji ta' pensjonanti issa qed igawdu wkoll mill-Benefiċċju Addizzjonali għall-Għoli tal-Ħajja li fl-2013 ma kienx jingħata. Għal persuna waħedha dan il-benefiċċju din is-sena jilħaq massimu ta' €378 filwaqt li għal koppja r-rata massima hija ta' €786 fis-sena.

**KUNTRATT GĦAL AMBULANZI ĠODDA**

**16151. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fuqiex huwa bbażat il-kuntratt tal-ambulanzi l-ġodda? Kif ingħata dan il-kuntratt u liema kriterji ġew addottati?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-kuntratt intrebaħ wara proċess kompetittiv u dawn l-ambulanzi ġew disinjati speċifikament għall-ħtiġijiet tas-servizz tas-saħħa Malti.

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA – DIRECT ORDERS**

**16152. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu minn Mejju 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

**KUNSILLI LOKALI – RENDIKONT FINANZJARJU**

**16153. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15,554, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha peress li ngħatat parti biss mill-informazzjoni rikjesta u ċjoè jgħid kif kienet il-qagħda finanzjarja tal-kunsilli lokali hawn taħt imsemmija sa Diċembru 2023, u jagħti rendikont finanzjarju li jagħti stampa ċara ta' dan, li jinkludi surplus jew defiċit:

a. Kunsill Lokali Mġarr;
b. Kunsill Lokali Ħad-Dingli; u
ċ. Kunsill Lokali Rabat?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Kunsilli Lokali tal-Imġarr, Ħad Dingli u r-Rabat ma pprovdewx l-informazzjoni mitluba għax l-istqarrijiet finanzjarji relattivi għadhom qed jiġu ppreparati.

Dawn l-istqarrijiet finanzjarji huma mistennija li jaslu sad-data tal-għeluq tat-23 ta' Frar 2024 hekk kif mitlub permezz ta' Ċirkolari Nru 17 tal-2023 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**KUNSILLI LOKALI – ATTENDENZA TA' SINDKI U KUNSILLIERA**

**16154. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15,555, jista' l-Ministru issa jwieġeb il-kumplament tal-mistoqsija parlamentari u ċjoè jipprovdi lista ta' attendenza tas-Sindki u tal-Kunsilliera, laqgħa laqgħa minn Lulju 2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari:

a. Kunsill Lokali Ħad-Dingli; u
b. Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**BCRS – FLUS LILL-ĦWIENET**

**16155. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm jgħaddi żmien biex il-ħwienet jieħdu lura l-flus dovuti lilhom mill-iskema tar-rifużjoni tal-fliexken kif imħaddma mill-BCRS?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-termini ta' ħlas lill-operaturi huwa determinat mill-operatur BCRS Malta Ltd. Il-ħwienet li għandhom Reverse Vending Machine (Magna tal-BCRS) u

ħwienet oħra li jsarrfu vawċers tal-BCRS għandhom 90 jum (mit-tmiem ta' xahar) għal rifużjoni tal-vawċer tad-depożitu filwaqt li l-ħwienet li jużaw is-servizz tal-ġbir manwali offrut mill-operatur u l-ħwienet li jużaw il-card Business to Business f'magna (RVM) għandhom 30 jum (mit-tmiem ta' xahar ) għal rifużjoni tad-depożitu.

## MALTA U GĦAWDEX: PEDESTRIAN OVERPASS LIFTS - RAPPORTI

**16182. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15807 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15417, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid għal kull wieħed mill-pedestrian overpass lifts li hawn f'Malta u f'Għawdex, kemm kien hemm rapporti li ma kienx qed jiffunzjona minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## KAŻ TAL-GĦOTI TAL-LIĊENZJI TAS-SEWQAN

**16183. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15920, jista' l-Ministru jgħid x'beħsiebu jagħmel biex isir magħruf kemm hawn nies isuqu bil-liċenzja tas-sewqan fit-toroq tagħna li possibbilment ma jikkwalifikawx għaliha u allura qed ikunu ta' periklu fit-triq għalihom infushom u għal ħaddiehor? Jista' jgħid ukoll jekk hux qed jikkonferma li mhu qed isir l-ebda tentattiv biex dawn jiġu identifikati?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15575.

## FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - BEJGĦ TA' PRODOTTI LI SARU MINN PRIĠUNIERI

**16249. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba sar bejgħ mill-gabbana ta' quddiem il-ħabs ta' xogħol li jkun sar mill-priġunieri bħalma jsir bil-qagħaq fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira? Jista' jgħid għal kull waħda minn dawn l-attivitajiet kemm inġabru flus, u fejn marru jew intużaw dawn il-flus? Jista' jgħid ukoll jekk inħarġux irċevuti għall-bejgħ minn din il-gabbana f'kull attività msemmija?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Din l-inizjattiva ssir bħala parti mill-proċess ta' riabilitazzjoni tal-persuni li qed jiskontaw sentenza. Dawn il-persuni mhux sempliċiment qed jaħdmu fl-industrija tal-ħabs iżda fuq kollox qed jakkwistaw ħiliet li se jużaw malli jiskontaw is-sentenzi tagħhom.

Fis-sena 2023 kien hemm bejgħ ta' €105,249.03. Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-ispejjeż bħax-xiri tal-materjal u anke l-pagi tal-ħaddiema marbuta ma' din l-attività. Mill-bilanċ li jifdal ingħataw donazzjonijiet lil numru ta' inizjattivi filantropiċi, fosthom lill-Istrina u Puttinu Cares, u parti oħra ġew rinvestiti fl-industrija tal-ħabs stess. L-Aġenzija ħallset il-VAT fuq dan il-bejgħ.

## IS-SETTUR PUBBLIKU U S-SETTUR ĊIVILI - FTEHIM KOLLETTIV

**16253. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15866 u jippreżenta lista b'kull ftehim kollettiv pendenti fis-settur pubbliku u ċivili u meta dawn skadew? Jista' jgħid ukoll ma' liema union qed isiru jew se jsiru d-diskussjonijiet?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Fil-perjodu 2022 u 2023 ġew iffirmati 45 ftehim kollettiv f'diversi setturi fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku. Il-lista tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

Regola ġenerali hija li ftehimiet settorali tas-Servizz Pubbliku m'għandhomx data ta' skadenza. Minkejja dan l-Amministrazzjoni għaddejja b'diskussjonijiet sabiex jitjiebu l-

kondizzjonijiet tal-impjegati fis-setturi indikati fil-lista li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**DIER - ĦADDIEMA**

**16255. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15864, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jindika x'inhuma l-gradi u nomenklaturi tal-impjegati kollha li hemm fid-DIER?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur):** Lista tal-gradi u nomenklaturi tal-impjegati kollha li hemm fid-DIER tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - ARRETRATI TA' LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI**

**16270. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842, 2466, 2817, 3157, 3718, 4254, 13856, 13956, 14142, 14231 u 14961, u jgħid l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**HOME OWNERSHIP SCHEME - KAŻIJIET MHUX SOLVUTI**

**16271. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14962, jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar kull wieħed mill-għaxar każijiet ta' artijiet li kienu nkisbu għall-Home Ownership Scheme li fadal pendenti u jgħid x'qiegħed iżomm lill-Awtorità tal-Artijiet milli tagħmel progress u ssolvihom?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Rigward il-każijiet pendenti qegħdin isiru l-proċessi kollha neċessarji sabiex jiġu konklużi. Dawn jinkludu riċerki, verifiki ta' titoli, u tħejjija ta' valutazzjonijiet ta' kull proprjetà skont Kapitlu 573 tal-liġijiet ta' Malta, bl-esklużjoni tal-każ tal-Mosta li dwaru kien hemm proċeduri fil-Qorti.

**UFFIĊĊJU KONĠUNT - KOPJA TAL-KORREZZJONIJIET U ŻIDIET**

**16272. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-aħħar darba li tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-korrezzjonijiet u żidiet fil-listi ta' proprjetà tal-ftehim dwar it-trasferiment lill-Istat tal-proprjetà immobbli f'Malta mill-Knisja Kattolika kien fis-sena 2022 meta suppost artikolu 4(2) tal-Att Dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, Kap. 358, jesiġi li din l-informazzjoni għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull tliet xhur?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Id-dokumenti li għalihom qed issir referenza tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**MCAST - MECHANICS GĦAL VETTURI ELETTRIĊI**

**16273. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-MCAST introduċietx xi korsijiet immirati speċifikament lejn it-taħriġ tal-mechanics fil-qasam tal-manutenzjoni u t-tiswija tal-vetturi elettriċi? Jekk iva, jista' l-Ministru jipprovdi dettalji dwar in-natura ta' dawn il-korsijiet, inklużi l-objettivi u l-impatt li huwa antiċipat li jħallu fuq il-workforce sabiex din tlaħħaq mas-suq tal-vetturi elettriċi li qiegħed jikber f'Malta?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## TOROQ - TENDERS

**16274. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid mit-tenders li nħarġu u ġew awarded fis-sena 2017 biex toroq jinbnew mill-ġdid jew jiġi rranġat l-asfaltar u/jew is-servizzi tat-triq, f'kemm minn dawn inqabeż id-deadline stipulat sakemm tlestew u ġew iffinalizzati x-xogħlijiet, u f'kull każ jgħid b'kemm inqabeż?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## AVVIŻ LEGALI - KUNTRATTI ANTIKI

**16275. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar l-Avviż Legali li fil-Baġit li għadda l-Gvern semma li kellu jniedi, li permezz tiegħu jkun jista' jitħallas kumpens f'każijiet fejn ikun hemm xi ksur ta' kondizzjonijiet li ġejjin minn kuntratti antiki u minħabba dawn ma jkunx jista' jsir żvilupp ġdid jew trasferiment ta' proprjetà?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Id-diskussjonijiet dwar dan l-Avviż Legali jinsabu fi stadju avvanzat.

## SKEJJEL LI JĦADDMU L-ISKEMA TAL-ĦAXIX U L-FROTT B'XEJN

**16290. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk l-iskejjel f'Malta u Għawdex li qed iħaddmu l-iskema tal-ħaxix u l-frott b'xejn għall-istudenti?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

## SKEJJEL LI JOFFRU ĦALIB B'XEJN

**16291. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk l-iskejjel f'Malta u Għawdex li fihom jingħata ħalib b'xejn lill-istudenti?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

## IL-MELLIEĦA: TRIQ IT-TABIB JOSEPH GRECH ATTARD – XOGĦLIJIET

**16292. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta mistenni jibda u jiġi konkluż ix-xogħol ta' asfaltar fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard, fil-Mellieħa?

**ONOR. CHRIS BONETT:** F'din it-triq għaddej kordinament ma' entitajiet terzi li għandhom xogħol pendenti fl-akkwati. Meta dan ix-xogħol ikun komplut, Infrastructure Malta tkun tista' tiskatta proċeduri stabbiliti biex isir il-wiċċ tat-triq.

## INFRASTRUCTURE MALTA – TOROQ LI SE JSIRU FL-2024

**16293. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq f'Malta (arterjali u residenzjali) se jkunu qed isiru minn Infrastruttura Malta (lokalità lokalità) matul is-sena 2024? Jista' wkoll għal kull triq jgħid jekk hux se jsir major patching jew inkella bini mill-ġdid?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Infrastructure Malta għaddejja jew se twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq li l-kunsilli lokali ressqu 'l quddiem biex isiru xogħlijiet fihom. Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini tat-triq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-esiġenzi tat-toroq li l-kunsilli lokali pproponew.

## SKEMI, PROGRAMMI U FONDI EWROPEJ GĦALL-BDIEWA U S-SAJJIEDA

**16294. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid liema huma u kemm jammontaw fi flus dawk l-iskemi, programmi u fondi Ewropej li jistgħu japplikaw għalihom il-bdiewa u s-sajjieda Maltin matul is-sena 2024?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Lista li tinkludi l-iskemi li jistgħu japplikaw għalihom il-bdiewa u s-sajjieda Maltin matul is-sena 2024 kif mitluba minnu tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## AWTORITÀ TAD-DJAR - RAPPORTI

**16295. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni ttieħdet dwar rapporti li saru lill-Awtorità tad-Djar mill-inkwilini tal-

appartament, li d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament, li qed jikru dan l-appartament mingħand l-Awtorità tad-Djar, li tikrih mingħand il-privat, u li hemm dubji kbar dwar is-sigurtà tiegħu wara li dehru xi konsenturi fil-ħitan?

**ONOR. RODERICK GALDES:** L-Awtorità tad-Djar irċeviet rapport wieħed fuq dan l-appartament. Saret l-ispezzjoni minn barra, però dan ma setax isir minn ġewwa minħabba li l-inkwilin ma kienx disponibbli. Minn dakinhar ma sar l-ebda rapport ieħor fuq il-post imsemmi.

## SKEMA TA' STABBILTÀ - FTEHIM

**16313. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, il-ftehim li ġie iffirmat għall-Iskema Stabbiltà?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 15386.

## FONDI PUBBLIĊI GĦALL-ISKEMA TA' STABBILTÀ – BREAKDOWN

**16314. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti breakdown tal-fondi pubbliċi li ntużaw:

i) għall-avveniment għall-iffirmar tal-Iskema Stabbiltà?
ii) il-marketing, inklużi r-reklami kollha fuq kull forma ta' midja?
iii) l-istampar tal-oġġetti kollha relatati mal-Iskema Stabbiltà?
iv) l-ispiża totali tal-Iskema Stabbiltà mill-Gvern?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-Iskema Stabbiltà hija ħolqa minn kullana ta' inizjattivi li ħa l-Gvern bil-għan li jgħin lin-nies quddiem l-isfida tal-inflazzjoni.

Pajjiżna huwa fuq quddiem nett jgħin lin-nies fejn żamm ukoll il-prezzijiet tal-enerġija stabbli b'kuntrast ma' dak li sar f'pajjiżi oħra.

Issa b'dan il-ftehim aktar minn 400 prodott tal-ikel fi 15-il-kategorija għandhom prezz orħos u stabbli sal-Baġit li jmiss biex il-pajjiż jagħti s-serħan il-moħħ.

Huwa obbligu tal-Gvern li joħloq pjattaformi fejn wieħed jikseb l-informazzjoni jew ikun jista' jissieħeb f'dan il-ftehim, kif ukoll li jgħarraf il-pubbliku b'dak miftiehem biex ikun jista' jagħmel l-għażliet tiegħu. Fil-fatt meta niltaqa' man-nies jinsistu miegħi li tali informazzjoni tingħata b'aktar intensità.

Dak mitlub tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## ENEMALTA – AKKWIST TA' ŻEWĠ TURBINI 60MW

**16325. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'metodu ta' procurement se jintuża mill-Enemalta li beħsiebha takkwista żewg turbini addizzjonali ta' 60MW?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Is-sejħa li ħarġet l-Enemalta mhijiex għal teknoloġija speċifika

imma hija għall-kiri ta' impjant għal ġenerazzjoni ta' emerġenza b'kapaċità ta' 60MW, liema sejħa pubblika ħarġet għall-offerti fil-25 ta' Jannar 2024.

## AIR MALTA – KUNTRATTI TAL-BDOTI

**16332. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-bdoti attwali tal-Air Malta ffirmawx kuntratti ġodda ta' xogħol biex jaħdmu mal-linja tal-ajru l-ġdida?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Il-proċess tar-reklutaġġ għadu għaddej.

## AIR MALTA – KUNTRATTI TAL-BDOTI

**16333. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-bdoti kollha preżenti tal-Air Malta ngħatawx kuntratt? X'inhuma l-kriterji li fuqhom tfasslu dawn il-kuntratti? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-kondizzjonijiet tax-xogħol u jekk hemm somom li se jingħataw wara perjodu definit, kemm huma dawn is-somom?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Il-proċess tar-reklutaġġ għadu għaddej.

## L-IMĠARR - TRIQ SIR TEMI ZAMMIT: PETIZZJONI MP-4 - DISKUSSJONI GĦAL SISTEMA TA' TRAFFIC MANAGEMENT

**16336. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi risposti jew aġġornamenti għall-Petizzjoni MP-4 – Onor. Ian Vassallo – Diskussjoni għal sistema ta' Traffic Management aħjar fi Triq Sir Temi Żammit, l-Imġarr?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - SERVIZZ TA' PODJATRIJA

**16337. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex se jitneħħa s-servizz ta' podjatrija mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex? Jista' jgħid x'se jiġri mis-servizzi mogħtija u l-istaff konċernat?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-podjatri li kienu jaħdmu fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ġew trasferiti għall-Primary Health Care bil-għan li tiġi massimizzata l-effiċjenza u l-effettività ta' dan is-servizz għall-benefiċċju tal-pazjenti. Għaldaqstant filwaqt li s-servizz tal-podjatrija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex mhux se jieqaf, dan se jibqa' jingħata skont il-ħtieġa.

Ta' min jinnota wkoll li:

- Ftit tal-ġimgħat ilu beda jingħata miċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid ta' Victoria;
- Se jiżdied għal jumejn fil-ġimgħa fil-Klinika tal-Komunità tal-Għarb;
- Se jibda jingħata b'mod regolari minn Dar Padova; u
- Se jibda jingħata mill-Klinika tal-Komunità tal-Qala fil-ġimgħat li ġejjin.

## POSTIJIET TAL-GVERN – TENDERS

**16360. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se joħorġu aktar tenders biex jinbiegħu postijiet tal-Gvern li kienu tal-housing, peress li ilhom xhur ma joħorġu tenders? Jista' jgħid ukoll x'inhi r-raġuni għalfejn damu ma ħarġu dawn it-tenders?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jispeċifika għal liema postijiet qed jirreferi.

## RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - IMPJEGATI

**16369. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm tibdil fil-management ta' San Vinċenz de Paul mill-1 ta' Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jekk iva, jista jgħid x'kien dan it-tibdil u min huma l-persuni l-ġodda li qed jokkupaw dawn ir-rwoli u jekk inħarġitx sejħa għall-applikazzjonijiet għal dawn ir-rwoli?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Mill-1 ta' Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari ma kienx hemm tibdil fil-management ta' San Vinċenz de Paul.

## DAR L-ANNUNZJATA – CARERS LI JAKKUMPANJAW ANZJANI META JKOLLHOM IMORRU L-ISPTAR

**16370. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex f'Dar l-Annunzjata mhux qed jintbagħat carer mal-anzjani li jkollhom appuntamenti l-Isptar jew ikunu jeħtieġu jmorru l-Isptar Mater Dei b'emerġenza? Jista' jgħid ukoll x'jiġri meta l-qraba ma jkunux jistgħu jattendu għal kull appuntament jew emerġenza li jkollhom l-anzjani u wkoll meta l-anzjani ma jkollhom ebda qraba?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar u se tingħata f'seduta oħra.

## AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI - BORD TAL-GVERNATURI

**16371. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani ġiex imwaqqaf? Jekk iva, jista' jgħid min huma l-membri ta' dan il-Bord? Jista' jgħid ukoll min qed jokkupa r-rwol ta' Segretarju tal-Bord?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani ġie mwaqqaf nhar it-18 ta Jannar 2024.

Il-Membri huma:

| | |
|---|---|
| Chairperson: | Dr Joseph Dimech |
| Viċi Chairperson: | Is-Sur Joseph Calleja |
| Membru: | Is-Sa Philomena Meli |
| Membru: | Is-Sa Svetlana Sammut |
| Membru: | Dr Nadine Stivala |
| Membru: | Is-Sur Paul Vella |
| Membru: | Dr Alexander Attard (Kummissarju għall-Anzjani) Eks-Uffiċċju |
| Segretarju: | Is-Sur David Scicluna |

## AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI – UFFIĊJAL EŻEKUTTIV EWLIENI

**16372. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani appuntax l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-istess Awtorità? Jekk iva, jista' l-Ministru jagħti dettalji ta' dan l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni; jekk kienx hemm sejħa għal applikazzjonijiet għal dan ir-rwol u kemm applikaw għal din l-istess kariga? Jekk le, jista' jgħid meta se jkun qed jiġi appuntat u meta se tkun qed tinħareġ sejħa għall-applikazzjonijiet għal din il-kariga?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani fl-24 ta' Jannar 2024 ħatret lis-Sur George Fenech bħala l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni li kien jokkupa l-istess pożizzjoni qabel ma' l-Awtorità nfirdet minn mal-Awtorità tal-Istandards tal-Ħarsien Soċjali.

## IL-BELT VALLETTA: TRIQ ŻAKKARIJA – TINDIF TA' SPRALLI

**16373. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li l-ispralli fi Triq Żakkarija, il-Belt Valletta jitnaddfu u dan peress illi ħierġa riħa qawwija minnhom ikkawżata mill-ilma li jinġema' matul iż-żmien?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## IN-NADUR GĦAWDEX – PRESSA TAL-ILMA

**16374. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jieħu passi sabiex il-pressa tal-ilma tax-xorb fin-Nadur, Għawdex, tiżdied?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**IN-NADUR GĦAWDEX – PRESSA TAL-ILMA**

**16375. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tieħu passi sabiex il-pressa tal-ilma tax-xorb fin-Nadur, Għawdex, tiżdied?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Is-sistema tal-ilma preżenti fin-Nadur hija fornuta minn networks diversi fejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dejjem qisitha bħala sistema bi pressa tajba. Jekk l-Onor. Interpellant huwa informat b'ismijiet ta' toroq bi pressa baxxa jista' jgħaddili din l-informazzjoni.

Però tajjeb infakkar li persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jistgħu jċemplu fuq 80076400 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku *www.wsc.com.mt.*

**ENEMALTA - TURBINI ADDIZZJONALI**

**16376. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk iż-żewġ turbini addizzjonali li se jinkrew biex jassistu fiż-żieda fil-ġenerazzjoni tal-enerġija humiex se jitħaddmu bid-diesel jew bl-LNG?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Is-sejħa li ħarġet l-Enemalta mhix għal teknoloġija speċifika imma hija għall-kiri ta' impjant għal ġenerazzjoni ta' emerġenza b'kapaċità ta' 60MW. Kif ġie spjegat kemm-il darba, l-Enemalta għandha biżżejjed sorsi ta' ġenerazzjoni biex tlaħħaq mad-domanda tal-elettriku kemm kurrenti u kemm prevista.

Għaldaqstant dan l-impjant mhux se jinkera biex jassisti fiż-żieda tad-domanda. Se jkun qed jinkera sabiex ikun stand-by f'każi ta' emerġenza skont il-ħtieġa. Dan biex kontinwament nassiguraw is-sigurtà tal-provvista għall-konsumaturi.

L-impjant propost li se jkun qed jitħaddem bid-diesel kif spjegat fis-sejħa għall-offerti, u jekk dan jintuża, ikun għal numru ristrett ta' sigħat.

**BAĠIT 2023 - TAX CREDIT GĦAL TERAPIJI**

**16389. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 15911 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u ċjoè: B'referenza għall-paġna 30 tad-Diskors tal-Baġit għall-2023, taħt is-sottotitlu 'Tax Credit għal Terapiji', jista' l-Ministru jgħid kemm-il ġenitur ibbenifika minn tax credit refund ta' €200 minn Jannar 2023 sa Diċembru 2023? Jista' jgħid ukoll kemm kienet tammonta l-ispiża totali biex dawn it-tax credits ingħataw lura lill-ġenituri ta' tfal b'diżabilità? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-formola/l-applikazzjoni li kienet qed timtela mill-ġenituri biex kienu eliġibbli għal dan it-tax credit u jindika wkoll minn liema sit setgħet titniżżel?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Kwalunkwe tax credit refund jiskatta ġaladarba din tiġi kkomputata flimkien mal-Formola tat-taxxa fuq l-Income u Self-Assessment. Li ġara sa issa hu li l-Kummissjoni għad-Drittijet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) irċeviet l-applikazzjonijiet ta' ġenituri li ħassew li l-iskema tapplika lilhom u dawn ġew mgħarbla għal fini ta' konformità mal-linji gwida tal-iskema. Dawn l-applikazzjonijiet ġew mgħoddija lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi. Sa issa hemm 200 applikazzjoni li ġew milqugħa, u dan ifisser li l-kreditu jammonta għal €40,000.

Is-CRPD irreklamat ukoll din l-iskema ta' kreditu ta' taxxa fuq il-mezzi soċjali kollha (*Facebook, Instagram, Twitter, LinkedIn, TikTok*) fit-13 ta' Novembru, 2023. Intbagħtet mailshot lil kull membru tas-CRPD fl-14 ta' Novembru.

Ukoll, il-formola/l-applikazzjoni li kienet qed timtela mill-ġenituri biex kienu eliġibbli għal dan it-tax credit li setgħet titniżżel mis-sit *https://www.crpd.org.mt* tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**BAĠIT 2024 – ŻIEDA FIT-TAX CREDIT GĦAL TERAPIJI TA' TFAL B'DIŻABILITÀ**

**16390. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija

parlamentari 15912 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u ċjoè: B'referenza għall-paġna 31 tad-Diskors tal-Baġit għall-2024, taħt is-sottotitlu 'Żieda fit-Tax Credit għal Terapiji ta' tfal b'diżabilità', jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-fond allokat għal dan, għal din is-sena kalendarja, jiġifieri l-2024, u kemm jistma li se jidħlu applikazzjonijiet għal tax credit refund ibbażat fuq is-sena preċedenti?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Fl-2024 il-kreditu ta' taxxa se jiżdied minn €200 għal €500 għal kull wild b'diżabilità.

Fil-bidu tas-sena 2025 inkunu nafu kemm applikaw għal din l-iskema. Dan għaliex kif jaf l-Onor. Interpellant, l-iskema tiftaħ aktar tard din is-sena biex wieħed jippreżenta rċevuti ta' servizzi li jkunu ngħataw tul is-sena kurrenti li tintemm f'Diċembru 2024.

**BIRŻEBBUĠA: TIBDIL FIR-ROTOT - KONSULTAZZJONI**

**16410. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14787, jista' l-Ministru jgħid meta u ma' min saret il-konsultazzjoni dwar tibdil fir-rotot tat-trasport pubbliku, f'Birżebbuġa?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Għadhom għaddejjin il-konsultazzjonijiet mal-Malta Public Transport.

**BIRŻEBBUĠA: TRIQ TAL-ĠEBEL - PROĠETT**

**16411. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitkompla u jitlesta l-proġett ta' Triq Tal-Ġebel, f'Birżebbuġa sabiex jiġi ffaċilitat li l-vetturi jkunu jistgħu jduru għal Triq ir-Raddiena?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Minn spezzjonijiet li saru din l-aħħar ġimgħa ma jirriżulta li hemm l-ebda xogħol eżistenti għaddej li jrid jitkompla jew li qiegħed jimpedixxi l-aċċess minn Triq tal-Ġebel għal Triq ir-Raddiena. L-aċċess għal Triq ir-Raddiena minn Triq tal-Ġebel huwa miftuħ miż-żewġ trufijiet ta' Triq ir-Raddiena.

**BIRŻEBBUĠA - BIĊĊA ART QRIB L-ISKOLA PRIMARJA**

**16412. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għall-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,966 datata 28 ta' Novembru 2022, paġni 16,050 u 16,052, jista' l-Ministru jgħid jekk il-biċċa art qrib l-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa bejn Trejqet l-Iskola u Triq il-Bandli ġietx akkwistata mill-Gvern? Jista' jgħid ukoll kemm tħallas biex ġiet akkwistata u għal liema raġunijiet ġiet akkwistata?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**L-ISPTAR MATER DEI – DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA**

**16413. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15113 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi xift b'xift (jew partijiet minnhom) minn 00.00 a.m. tal-15 ta' Jannar, 2024 sa 00.00 a.m. tas-16 ta' Jannar, 2024, ta' kemm persuni ngħataw servizz fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, u kemm kien l-istaff f'kull grade u trade li kien assenjat fl-istess dipartiment fil-ħin imsemmi?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** It-tagħrif qed jinġabar.

**BIRŻEBBUĠA: IMPJANT TAL-31 TA' MARZU - PROĊESS TA' DEKUMMISSJONAR**

**16414. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tikkonferma li beda l-proċess ta' dekummissjonar (decommissioning) tal-impjant tal-31 ta' Marzu, f'Birżebbuġa? F'każ illi dan il-proċess għadu ma bediex, tista' tindika meta se jibda? Fi kwalunkwe każ, tista' tippreżenta l-project timeline dwar liema proċessi se jsiru u meta fid-dekummissjonar ta' dan l-impjant?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Għaddejjin diskussjonijiet bejn l-Enemalta u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) rigward il-

method statement għad-dekummissjonar tal-impjant 31 ta' Marzu, f'Birżebbuġa. Ladarba dawn id-diskussjonijiet jiġu konklużi, tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex isir dan id-dekummissjonar.

**SUPPLEMENTARY PLANNING POLICY GUIDANCE - MAJOR ACCIDENT HAZARDS AND DANGEROUS SUBSTANCES**

**16415. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta hemm il-ħsieb li jiġi rivedut is-Supplementary Planning Policy Guidance - Major Accident Hazards and Dangerous Substances?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Is-Supplementary Planning Policy Guidance - Major Accident Hazards and Dangerous Substances kien ġie approvat fis-7 ta' Settembru 2020. Id-dokument kien intenzjonat sabiex jipprovdi gwida għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi rigward l-użu tal-art tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja SEVESO III fuq il-kontroll ta' stallazzjonijet li jinvolvu sustanzi perikolużi. Peress li m'hemm l-ebda reviżjoni tad-Direttiva, f'dan l-istadju ma jinħassx li hemm il-bżonn li tiġi riveduta din is-Supplementary Planning Policy Guidance.

**PREZZIJIET TAL-IKEL - FTEHIM**

**16416. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16296 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15386, jista' l-Ministru jgħid meta se jkun sottomess (data) il-ftehim li ntlaħaq mal-importaturi u s-sidien tas-supermarkets għall-inizjattiva ta' stabbiltà fil-prezzijiet tal-ikel? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dan il-ftehim?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 15386.

**SELMUN PALACE HOTEL – ESPRESSJONI TA' INTERESS**

**16429. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15304, 15560, 15806 u 16047 u jgħid meta se toħroġ l-espressjoni ta' interess jew tender għar-riġenerazzjoni ta' Selmun Palace Hotel?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**GĦAWDEX: ĊENTRU TAS-SAĦĦA - CHIEF NURSING MANAGER**

**16430. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm sejħiet għal applikazzjoni għal Chief Nursing Manager li preżentement hemm ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa f'Għawdex? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja fuq il-Mejda tal-Kamra?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-ħatra ta' Chief Nursing Manager fiċ-Ċentri tas-Saħħa f'Għawdex kien bi proċess ta' deployment skont l-esiġenzi tas-Servizz.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

### APPLIKAZZJONIJIET GĦAL SERVIZZ TA' ASSISTENT PERSONALI

**W57. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna applikat għas-servizz ta' assistent personali u kienet għadha qiegħda tistenna risposta jekk hux se tingħata sussidju mill-Gvern għas-servizz ta' assistent personali sal-aħħar tas-sena 2023? Tista' tgħid ukoll taħt liema skema (Direct Payment, Independent Community Living, Assistent Personali jew skema oħra) saret l-applikazzjoni?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI**: Fl-aħħar tas-sena 2023 kien hemm 117-il applikant għal sussidju għal servizz ta' assistent personali u li kienu qed jistennew sabiex jiġu assessjati minn professjonisti tal-Aġenzija. Għaldaqstant f'dak l-istadju ma jkunx għadu ġie determinat għal-liema skema se jiġu referuti. Dan jiġi determinat mill-assessjar u, li warajh, il-każ jgħaddi quddiem il-Bord.

Matul il-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2023 kien hemm 400 persuna li bbenefikaw mis-servizz ta' assistent personali.

*** Tabella marbuta mat-tweġiba għall- mistoqsija parlamentari 16125**

| Kategorija | Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet | Pensjoni 2013 | CLBO§ 2013 | Pensjoni 2024 | CLBO§ 2024 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Miżżewweġ** | 'l fuq minn 50 | €134.78 | €7.77 | €188.73 | €21.53 |
| | bejn 40 u 49 | €126.02 | €7.77 | €179.97 | €21.53 |
| | bejn 30 u 39 | €110.00 | €7.77 | €163.96 | €21.53 |
| | bejn 20 u 29 | €97.32 | €7.77 | €151.27 | €21.53 |
| **Persuna Waħedha** | 'l fuq minn 50 | €115.57 | €7.77 | €172.97 | €21.53 |
| | bejn 40 u 49 | €110.87 | €7.77 | €164.97 | €21.53 |
| | bejn 30 u 39 | €101.65 | €7.77 | €151.97 | €21.53 |
| | bejn 20 u 29 | €92.38 | €7.77 | €139.37 | €21.53 |

§ *CLBO = Cost of Living Bonus/Bonus tal-Għoli tal-Ħajja - rati kkwotati ta'xi ħadd li kien bil-pensjoni fl-2008 jew qabel – min beda bil-pensjoni fl-2013 il-CLBO tiegħu żdied minn €1.36 għal €16.80 fil-ġimgħa.*